# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Awwissu - Settembru 2011 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 66 SENA * Nru. 930




the Gallery in THE SQUARE

arthousegalleryqala@gmail.com

*Arthouse gallery Qala*

*Saint Joseph Square, Qala Gozo*

# Merħba fil – Gallerija tal – Arti "Arthouse" Qala

Welcome to Arthouse Gallery Qala.

Specialising in fine art from talented and passionate artists.
Situated in St., Joseph square in the idyllic village of Qala on the magical island of Gozo.
Arthouse gallery not only exhibits work from established artists but showcases new talent in all mediums of the arts – watercolours and oils, photography, ceramics, pottery and all crafts.

The gallery is in a small community and we support local artists and crafts-people, not only encouraging individuals but welcome large concerns such as schools, colleges and industry – ideal venue for end of term exhibitions and promotional events.
**With your participation and support we can put the art in Qala**





contact David or Heather
on **77339042**
or e-mail
arthousegalleryqala@gmail.com

opening hours 08.45 – 12.45.
15.00 – 18.00 Tuesday – Sunday
appointments outside these hours



We have an exhibition every month – changing mid month – THIS THE PRESENT EXHIBITION finishing 23rd September





# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 929*
*Awwissu - Settembru 2011*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 8
X'għadda minn għalina • 10
Riflessi • 15
Kummentarju (2) • 16
Kummentarju (3) • 18
Kummentarju (4) • 20
Kotba minn Għawdex • 23
Ftit Fatti u Kummenti • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**SUPPLIMENT**
Irqaqat mill-Imgħoddi • 28
Snajja Qodma (42) • 30
Kif Niftakar lill-Isqof Cauchi • 32
Kummentarju (5) • 35
Tieqa fuq l-Ambjent (30) • 36
Passiġġata Biblika (66) • 38
Letteratura Għawdxija • 39
Għawdex Qabel ir-Ritratti (37) • 40
Għawdex 400 sena ilu (195) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (31) • 43
Picture Story • 44
Għext fil-Mandraġġ (10) • 45
Play-Forum (7) • 46
Tislib̄a Biblika • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
Qaddisin u Festi f'Għawdex (7) • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Joseph Zammit, Richard Grech, Ted Attard, Kurja ta' l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *Kemmuna - oħtna ż-żgħira! Ħajr lil Tower Publications, Sliema.*





# Fl-Apoteożi tal-Kuxjenza

***Apoteożi hija turija u għotja ta' ġieħ liema bħalu… u lill-"kuxjenza" dan qatt ma hu ġieħ eżaġerat. Qatt daqs fl-aħħar ġimgħat ir-Rappreżentanti tagħna fil-Parlament ma onoraw jew issieltu mal-kuxjenza. U kien jixraq li jkun hekk.***

*Għaliex meta ndaħħlu fin-nofs il-kuxjenza ma nkunux nittrattaw xi 'opinjoni', lanqas xi 'policy', lanqas xi 'sentiment' jew 'impressjoni', imma leħen intimu u awtorevoli ġo fina li ma tistax taqa' u tqum minnu. Fid-dibattitu jekk il-libertà tal-kuxjenza għandhiex tkun skjava għar-rieda tal-maġġoranza, ħadd ma ċaħad fil-Parlament li 'l-libertà tal-kuxjenza' hija dritt fundamentali u li d-demokrazija bil-qawwa kollha tagħraf dan id-dritt. Imma mbagħad kien hemm min tħabat biex ir-rieda tal-maġġoranza tisħaq dritt fundamentali. Bħallikieku per eżempju, jekk ir-rieda tal-maġġoranza tkun trid iddaħħal l-abort, għandna noqogħdu għaliha?! 'Il-libertà tal-kuxjenza' hija prinċipju tad-demokrazija. Ir-referendum huwa għodda tad-demokrazija. Tista' għodda tad-demokrazija tintuża biex tneħħi prinċipju ewlieni tal-istess demokrazija u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem?*

***Il-kuxjenza personali hi spazju sagru wisq biex tippermetti kummenti dwar il-vot ta' dak jew ta' dik, tal-ieħor jew tal-oħra. Iżda nistgħu almenu niġbdu l-attenzjoni għal żewġ fenomeni. Wieħed hu l-fatt li r-referendum konsultattiv wera b'mod ċar u tond li s-soċjetà Għawdxija għandha identità partikolari u differenti minn dik Maltija. L-ieħor hu, li din id-darba ħarġet fil-beraħ l-isfida tridimensjonali li għandhom ir-Rappreżentanti Għawdxin fil-Parlament – sfida li mhux dejjem tkun ċara f'aġendi oħra. F'din iċ-ċirkostanza dehru – għalkemm mhux neċessarjament kellhom effett - it-tliet poli: il-linja tal-partit, id-dimensjoni nazzjonali u d-dimensjoni reġjonali.***

*Il-linja tal-partit inħasset, għalkemm mhux uffiċjalment dettata u dikjarata, minnaħa tal-Oppożizzjoni. Imbagħad minħabba l-fatt li fil-konfront tal-libertà tal-kuxjenza nġieb l-argument li r-Rappreżentanti għandhom joqogħdu għar-rieda tal-maġġoranza, kien hawn min staqsa għaliex dan l-argument m'għandux jgħodd għar-Rappreżentanti tas-soċjetà Għawdxija li vvotat kontra d-divorzju bi tmienja u sittin fil-mija. Kienu fatturi li telgħu fil-wiċċ mal-preżentazzjoni tal-abbozz tal-liġi, imma li quddiem il-libertà tal-kuxjenza personali wisq probabbli sfaw fix-xejn.*

***Iżda aħna rridu niġbdu l-attenzjoni għall-fatt li huwa fost dawn it-tliet poli – il-linja tal-partit, l-interess nazzjonali u l-interess reġjonali – li tradizzjonalment ir-Rappreżentant Għawdxi fil-Parlament jeħtieġlu jinnaviga u jibbilanċja. U ta' min jgħid, li mhux l-ewwel darba li l-interess Għawdxi twarrab u ntesa quddiem il-linja pikuża tal-partit – bħalma kien l-abbandun tal-pjan għat-twaqqif tal-"kunsill reġjonali" fl-1999, biex issa ser jerġa' jkun irxoxtat. U kien hemm drabi wkoll meta l-interess Għawdxi safa l-ewwel vittma quddiem l-interess nazzjonali – bħalma qed jidher illum li kien il-waqfien tas-servizz tal-ħelikopter fil-kriżi tal-Air Malta.***

*Dawn it-tliet poli effettwawna fl-imgħoddi u se nkomplu nħossuhom fil-ġejjieni. Per eżempju, jekk għad xi darba naslu għall-bini tat-"tunnel", se titqies esklużivament ir-rieda tal-Għawdxin jew tan-nies kollha fuq iż-żewġ naħat tal-fliegu? Fil-fatt waqt li l-promotturi Għawdxin qegħdin għal dan il-proġett ixandru r-rieda tal-maġġoranza fost l-Għawdxin, diġà dehru fil-midja argumenti li jsostnu li dwar "it-tunnel" għandhom ikunu kkonsultati mhux biss l-Għawdxin imma l-Maltin ukoll.*

***Iżda s'issa dħalna biss fit-"tunnel one-way" tad-divorzju. U aħna l-Għawdxin nistgħu, b'wiċċna minn quddiem imma b'dieqa f'qalbna, ngħidu: "Mhux dħalna imma daħħluna!"***


**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*






### *Ordinazzjoni tad-Djakonat*

Nhar il-Ħamis 23 ta' Ġunju, fil-Kattidral ta' Għawdex, l-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Mario Grech mexxa l-ordinazzjoni tad-Djakonat tas-Seminaristi Daniel Grech mill-parroċċa ta' Kerċem u Mark Bonello mill-parroċċa tax-Xagħra. Il-ħin tal-bidu tal-funzjoni li għaliha l-Knisja Katidrali kienet fil-veru sens tal-kelma ppakkjata bl-insara tad-Djoċesi, kien fil 5.30 ta' wara nofsinhar.

Permezz ta' l-ordinazzjoni tad-Djakonat dawn iż-żgħażagħ irċievew il-ministeru tax-Xandir tal-Kelma b'mod speċjali permezz tal-predikazzjoni, jassistu lis-saċerdot fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u t-tqassim ta' l-Ewkaristija u jaqdu l-uffiċċju ta' djakonija fis-servizz ta' qadi li huma jagħtu partikularment lil min l-iktar fil-bżonn.

Wara l-funzjoni, id-Djakni l-ġodda sarilhom riċeviment mill-familjari tagħhom, fiċ-Ċittadella. Huma qasmu wkoll kejk tal-okkażjoni.



*Waqt il-festin organizzat f'ġieħ id-Djakni l-ġodda, fuq is-swar taċ-Ċittadella. Id-Djakni merfugħa fuq l-idejn minn sħabhom żgħażagħ seminaristi.*



*Il-kappillan il-ġdid Dun Michael Said jaqsam kejk tal-okkażjoni.*

### *Pussess ta' Dun Michael Said fil-Munxar*

Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2011 Dun Michael Said, saċerdot żagħżugħ mill-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur, ingħata l-pussess ta' Kappillan tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Munxar mill-Isqof t'Għawdex l-E.T. Mons. Mario Grech f'ċerimonja sabiħa u simbolika li saret fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar li kienet armata bl-isbaħ libsa tagħha peress li f'dawk il-jiem kienet ukoll qed tiġi ċċelebrata l-festa titulari f'ġieħ l-Appostlu Missierna San Pawl.

Il-funzjoni bdiet b'korteo miċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar fis-6.15pm. Ix-xhieda kienu Mark Azzopardi u Lino Curmi. Dun Michael Said huwa l-ħames Kappillan ta' din il-parroċċa. Hu kienu ilu amministratur tal-istess parroċċa minn Ottubru 2010 fejn kien ħa t-tmexxija wara l-Kan. Dun Tonio Galea. Wara l-funzjoni fil-knisja fejn attendew bi ħġarhom saċerdoti, familjari, ħbieb u parruċċani, fosthom l-għażiża ommu M'Anne, kulħadd kien mistieden għar-riċeviment li sar fil-pjazza tar-raħal, fejn Dun Michael qasam ukoll il-kejk tal-okkażjoni.

### *Il-Korpus: Festa lil Ġesù Ewkaristija*

Nhar il-Ħadd 26 ta' Ġunju, id-Djoċesi t'Għawdex iċċelebrat is-Sollennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. (*Corpus Domini*).

Wara ċelebrazzjoni fil-knejjes, pubbliku numeruż mexa wara l-Purċissjonijiet Ewkaristici, bis-sehem

tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina, li għaddew minn diversi toroq, fost it-tiżjin bi drapp aħmar, qsari u fjuri minn kull fejn għadda Ġesù Ewkaristija. Purċissjonijiet uħud saru filgħodu u oħrajn filgħaxija.

Fix-Xagħra, fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina, fit-8.30 ta' filgħodu, l-Isqof Missjunarju ta' Dindigul, fin-Nofsinhar tal-Indja, Anthony Pappusamy, mexxa konċelebrazzjoni bl-omelija tal-okkażjoni issir mis-saċerdot novell Dun Simon Mario Cachia. Anima l-Kor *Voci Angeliche* li ħa sehem ukoll fil-purċissjoni li ħarġet mill-istess Knisja Bażilika ta' Marija Bambina u li għaddiet mit-toroq Jannar, Bullara, Spiera u lura l-Pjazza għall-Knisja Arċipretali. Tmienja u erbgħin tifel u tifla, mill-parroċċa tax-Xagħra li rċivew l-Ewwel Tqarbina ħadu wkoll sehem fil-purċissjoni.



# Messaġġ tal-Isqfijiet wara r-Referendum dwar id-Divorzju

Għadna kemm għaddejna mir-Referendum Konsultattiv dwar id-dħul tad-Divorzju f'pajjiżna. Aħna qed nippubblikaw din in-nota qabel ma sirna nafu r-riżultat tar-referendum. Xtaqna li din ir-riflessjoni tagħna tkun indipendenti mir-riżultat. Din id-darba, dan ir-riżultat tar-Referendum mhux il-għan li rridu nilħqu, iżda l-punt ta' tluq ta' sforz kbir u investiment tal-Knisja u tal-pajjiż tagħna favur iż-żwieġ u l-familja.

Dak li għaddejna minnu f'dawn il-ġimgħat kien mument fil-proċess demokratiku, li fih rajna ġustament ideat differenti fuq dak li wieħed jaħseb li hu l-aħjar għall-familja f'pajjiżna. Dawn l-ideat ġew espressi minn gruppi differenti u minn persuni differenti, inkluż is-sehem tal-Knisja, u mbagħad ġew espressi fil-vot ħieles ta' kull wieħed u waħda.

Lil dawk kollha li ħadu sehem attiv fuq iż-żewġ naħat, nixtiequ nuruhom is-sogħba tagħna jekk xi ħadd ħassu mweġġgħa b'xi kelma jew azzjoni mill-membri tal-Knisja, kif ukoll naċċertaw lil kulħadd li aħna naħfru bla kundizzjoni lil dawk kollha li ħassejnihom li weġġgħuna. Kull wieħed u waħda minna rridu issa naraw, anki fuq bażi personali, fejn konna għajn ta' tbatija għall-oħrajn.

Aħna jidhrilna li f'dawn il-granet ma ngħatatx biżżejjed attenzjoni għal dak li lkoll konna qegħdin ngħidu: li hemm bżonn li lkoll flimkien ninvestu iktar fiż-żwieġ u l-familja għaliex ilkoll naqblu li dan ifisser l-aħjar ambjent għall-ġid tal-koppja fiha nfisha, tat-tfal, u fl-aħħar mill-aħħar, tas-soċjetà kollha. Irridu nsarrfu dawn ix-xewqat sbieħ tagħna f'ideat, f'għemejjel konkreti li bihom ngħinu liż-żgħażagħ tagħna jidħlu għaż-żwieġ b'impenn ikbar, u nsostnuhom fil-mixja tagħhom fil-ħajja miżżewġa.

Il-Knisja dejjem tat is-sehem tagħha biex tagħmel dan għal dawk li jkunu jixtiequ jidħlu għaż-żwieġ bħala sagrament. Aħna nwegħdu li nagħmlu riflessjoni profonda biex naraw kif intejbu l-ħidma tagħna, biex il-familja nisranija tkun verament forza qawwija ta' mħabba u stabbiltà fil-ħajja tal-Knisja u tas-soċjetà tagħna. Irridu nikkordinaw l-isforzi kollha tal-Knisja biex nakkumpanjaw lill-miżżewġin fil-missjoni sabiħa iżda tqila tagħhom.

Aħna nappellaw ukoll lis-soċjetà tagħna kollha, lil dawk kollha li kienu fuq naħat differenti tar-referendum, biex jipproponu u jgħinu jwettqu proposti konkreti kif dan jista' jseħħ. Irridu naraw li l-ambjent tagħna, fl-aspetti kollha tiegħu, jgħin lill-miżżewġin u lill-familja: dan jgħodd anki għal dawk li jiżżewġu fil-Knisja għaliex iż-żgħażagħ kollha jiġu mill-istess ambjent. B'mod speċjali nħossu li huwa dmir tas-soċjetà li tgħin lil dawk li jiżżewġu biż-żwieġ ċivili fi tħejjija għar-responsabbiltajiet tal-għażla tagħhom.

B'imħabba u rispett lejn kulħadd, aħna nwegħdu li bħala Knisja nagħtu s-sehem tagħna, u nitolbu biex dan iseħħ.

**+ PAWLU CREMONA O.P.**
Arċisqof ta' Malta

**+ MARIO GRECH**
Isqof ta' Għawdex

**+ ANNETTO DEPASQUALE**
Isqof Titulari ta' Aradi

*X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# Għawdex fil-Qafas Nazzjonali

*Diskors tal-Isqof Mario Grech waqt seminar fl-okkażjoni tal-50 Sena tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fil-Kempinski Hotel, San Lawrenz – It-Tlieta 14 ta' Ġunju 2011*



**Il-fatt li ħamsin sena ilu f'Għawdex, bl-Ordinanza No. XI tal-14 ta' April 1961, twaqqaf il-Kunsill Ċiviku, fost ħwejjeg oħra jgħidilna li nofs ta' seklu ilu grupp ta' Għawdxin sarrfu l-imħabba tagħhom lejn gżiritna mhux fi tpaċpiċ vojt imma f'azzjoni konkreta. Huma mhux biss irnexxielhom jikkonvinċu lill-Awtoritajiet Ċentrali biex joħolqu struttura li, għalkemm tieħu ħsieb l-interessi tal-Għawdxin bħala reġjun, tkun parti mill-qafas istituzzjonali ta' pajjiżna, imma rnexxielhom ukoll jinvolvu lill-poplu Għawdxi f'dan il-proġett. B'dan il-pass, mingħajr ma ħolqu diviżjoni fuq livell nazzjonali, huma kebbsu sens patrijottiku b'rispett dovut lejn Għawdex – reġjun li għandu l-karatteristiċi ġeografiċi, etnoloġiċi, ekonomiċi, reliġjużi u storiċi tiegħu!**

Ikun xieraq li f'din ir-rikorrenza Għawdex jerġa' jagħmel tiegħu dawn l-ideali nobbli li, sfortunatament, donnhom qegħdin jiddgħajfu, kemm minħabba kawżi interni, bħalma huwa l-individwaliżmu, kif ukoll minħabba fatturi li huma 'l fuq minna, bħal fil-każ tal-globalizzazzjoni.

Kien ukoll ħamsin sena ilu li l-Papa Ġwanni XXIII ikkomunika l-enċiklika soċjali tiegħu *Mater et Magistra*, li biha offra prinċipji ta' riflessjoni, jew dawk li ġew imsejħa "abbozzi ta' politika ekonomika u soċjali", bil-għan li jintrebaħ in-nuqqas ta' ekwilibriju ekonomiku, soċjali u kulturali. Wieħed minn dawn il-prinċipji bażiċi riproposti mill-enċiklika huwa propju l-prinċipju tas-sussidjarjetà vertikali u orizzontali. Is-sussidjarjetà vertikali tapplika meta min-naħa tiegħu l-Istat jgħin lill-entitajiet pubbliċi inferjuri biex iwettqu dak li hu fil-kompetenza tagħhom; l-istess prinċipju jitħaddem minn isfel għal fuq – jiġifieri mill-periferija għaċ-ċentru!

Kif jippreċiża l-Papa Benedittu XVI fl-enċiklika *Caritas in veritate*, il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa relatat ħafna mal-prinċipju tas-solidarjetà, għax is-sussidjarjetà mingħajr sens ta' solidarjetà tiġġenera dak li l-Papa sejjaħlu "social privatism" jew "particolarismo sociale", mentri s-solidarjetà mingħajr il-prinċipju tas-sussidjarjetà tagħti lok għal paternaliżmu soċjali (ara n.58). Fil-Kompendju tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja jingħad illi "is-solidarjetà mingħajr sussidjarjetà tista' faċilment tiddeġenera f'assistenzjaliżmu, mentri s-sussidjarjetà mingħajr solidarjetà tirriskja li trewwaħ forom ta' "localismo egoistico"! Dan kollu jista' jivverifika ruħu fit-tmexxija tal-gżira t'Għawdex!

Nistgħu ngħidu li kien dan il-prinċipju ta' sussidjarjetà li tħaddem dakinhar li twaqqaf il-Kunsill Ċiviku bħala istituzzjoni li kellha tħares u ġġib 'il quddiem ir-relazzjonijiet bejn il-Gvern Ċentrali u Għawdex. Dakinhar, filwaqt li l-Parlament irrikonoxxa l-potenzjal u l-bżonnijiet partikulari ta' Għawdex, fl-istess ħin, a bażi tal-istess prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Għawdxin ikkommettew ruħhom li jikkontribwixxu għall-ġid komuni tan-nazzjon. Importanti però li dan il-prinċipju jitħaddem flimkien mal-prinċipju l-ieħor tas-solidarjetà.

Dan il-kunċett għandu ħafna minn dak li fil-filosofija politika jissejjaħ "ir-reġjunaliżmu ta' Don Luigi Sturzo". Sturzo kien jemmen li filwaqt li għandu jkun hemm rispett lejn l-identità u l-ħtiġijiet tar-reġjun partikulari, wieħed m'għandux jagħmel ħsara lill-unità nazzjonali. Il-ħsieb ta' Sturzo ma kienx li jkun hemm deċentrament amministrattiv, imma biex jilqa' kontra r-riskju ta' xi moviment separatista! Għalkemm kien favur il-kunċett ta' reġjun, Sturzo kien jara l-valur tal-għaqda nazzjonali. **Ir-reġjun huwa parti mir-realtà nazzjonali kollha; fl-istess ħin kapaċi jkollu l-ħajja propja tiegħu u jgawdi ċerta awtonomija biex jagħraf jagħti risposta għall-problemi u s-sitwazzjonijiet partikulari ta' karattru mhux biss ekonomiku imma wkoll soċjali, li ħafna drabi jkun diffiċli li jiġu indirizzati minn sistema burokratika li qiegħda hemm biex teżegwixxi direttivi li jagħti l-Istat!** Sturzo kien jisħaq li l-koperazzjoni bejn ir-Reġjun u l-Istat għandha tkun "il-politika tal-futur". Ir-Reġjun mhux kontrapost għall-Istat, imma ż-żewġ istituzzjonijiet jaħdmu flimkien biex jilħqu għanijiet komuni. Huma organizzazzjonijiet impenjati komunitarjament fit-tmexxija kumplessa tan-nazzjon. F'din is-sistema, Sturzo kien jara l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà għat-twettiq tal-ġid komuni (ara *La regione nella nazione* [1949], in *Opera omnia*, Bologna, 1974, 5). Il validità ta' dan il-ħsieb ta' Don Sturzo dan l-aħħar reġgħet ġiet sottolineata mill-Konferenza Episkopali Taljana f'dokument bl-isem "*Per un paese solidale, Chiesa Italiana e Mezzogiorno*" [21.02.2010].

**Ma nafx kemm ħutna l-Għawdxin li welldu l-Kunsill Ċiviku bħala gvern lokali għal Għawdex kienu midħla tal-kitbiet ta' Don Sturzo; però huwa fatt li l-predeċessur tiegħi, l-ET l-Isqof Nikol Cauchi, li kien ammiratur ta' Don Sturzo, bejn Novembru 1958 sa Ġunju 1959 kien membru tal-Kumitat Ċiviku bħala delegat tal-Isqof Ġużeppi Pace, imbagħad sar membru tal-kumitat eżekuttiv li fassal l-istatut tal-Kunsill Ċiviku, u aktar tard membru tal-Kunsill Ċiviku sal-4 ta' Ġunju 1961! Ma neskludix li f'dan il-proċess tal-iżvilupp tal-kunċett ta' gvern lokali, Mons Cauchi kkontribwixxa bl-intuwizzjonijiet Sturzjani.**

Xi drabi f'pajjiżna tista' tingħata l-impressjoni li kultant jaħbtu jispuntaw qishom sentimenti separatisti! Dan jista' jinħass jekk ir-riflessjoni dwar ir-reġjun issir b'sens dejjaq u ma nħossuniex parti mill-bqija tan-nazzjon! **Sfortunatament dan l-ispirtu negattiv ta' "aħna u intom" ġie li jimmanifesta ruħu ukoll fil-midja lokali u fl-atteġġamenti ta' xi strutturi nazzjonali. Dawn l-attitudnijiet hemm bżonn li jiġu kkoreġuti għax la jagħmlu ġid lil Għawdex u anqas lin-nazzjon. Din il-viżjoni mijopika tissarraf biss f'telf għal kulħadd. Ir-reġjonalità tagħmel sens biss meta ssib postha fil-kwadru sħiħ nazzjonali. Għawdex mhux xi addenda fl-aġenda tan-nazzjon u r-reġjonalità tiegħu għandha tkun rikonoxxuta. Hemm bżonn li tikber aktar il-konvinzjoni li l-Gżira tat-Tliet Għoljiet għandha kontribut mhux żgħir x'toffri għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali, kulturali u spiritwali ta' pajjiżna.**



F'dan ir-rigward, il-Knisja f'Għawdex tista' sservi ta' stimolu. Huwa fatt li s-Santa Sede rrikonoxxiet ir-reġjonalità ta' Għawdex meta fis-16 ta' Settembru 1864 il-Papa Piju IX għamel lil Għawdex u Kemmuna djoċesi għaliha. Filwaqt li l-Knisja f'Għawdex baqgħet parti mill-Knisja Universali, bi strutturi amministrattivi lokali, setgħet tikkura, tiżviluppa u tinkuraġġixxi l-potenzjal li kellu l-poplu t'Alla f'Għawdex u fl-istess waqt tgħinu ma jingħalaqx fih innifsu.

**Tixhed l-istorja kemm il-Knisja għenet għall-iżvilupp tal-ħiliet kulturali, artistiċi u artiġanali tal-gżira. Il-Knisja f'Għawdex kienet pijuniera bid-diversi inizjattivi li ħadet biex twieġeb għall-ħtiġijiet soċjali tal-Għawdxin: skejjel, orfanatrofji, laboratorji tas-snajja, dar għall-persuni b'diżabbiltà, ċentru ta' riabilitazzjoni għall-vittmi tad-droga u alkoħol, ċentri għaż-żgħażagħ, eċċ. Peress li llum hawn min għandu interess li jikteb l-istorja tal-Knisja f'Għawdex b'mod mgħawweġ, b'sens ta' ġustizzja rrid infisser is-sodisfazzjon tiegħi li nagħmel parti minn Knisja li għandha kleru relattivament bl-akbar numru ta' saċerdoti li għandhom kwalifiki akkademiċi universitarji.** Dawn is-saċerdoti ħadu l-formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri, illum affiljat mal-Università ta' San Tumas f'Ruma, u li għal ħafna snin kien l-unika istituzzjoni ta' tagħlim ta' livell terzjarju f'Għawdex! Barra li minn dan is-seminarju ħarġu żewġ saċerdoti li saru isqfijiet ta' Malta, ħafna saċerdoti oħra wettqu l-ministeru tagħhom f'għadd ta' pajjiżi oħra, kemm f'ħidma ta' evanġelizzazzjoni kif ukoll bħala riformaturi soċjali.

Inħossni rikonoxxenti wkoll għall-fatt li f'din il-gżira ċkejkna twieldu żewġ istituti reliġjużi – is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù u dawk Dumnikani, li llum qed iwettqu ħidma fejjieda anke f'artijiet oħra. **Għadd ta' lajċi jafu l-formazzjoni umana, akkademika u spiritwali lill-Knisja. Frott ta' din il-formazzjoni, huma taw sehemhom fin-nisġa tat-tessut soċjali u politiku ta' pajjiżna! Fuq kollox, il-Knisja kienet u għadha l-kustodja ta' dawk il-valuri umani li huma s-sinsla tal-familja u s-soċjetà tagħna!**

Dan u aktar huwa d-deheb tal-Gżira Għawdxija! Dan huwa d-deheb ta' Malta li jinsab fil-Gżira Għawdxija. Il-ħarsien ta' dan it-teżor jagħfas mhux biss fuq l-ispallejn tal-Għawdxin imma wkoll fuq in-nazzjon kollu!

Jekk Għawdex jiġi restitwit b'istituzzjoni kif kien il-Kunsill Ċiviku – istituzzjoni li tkun distinta mill-amministrazzjoni tal-Gvern Ċentrali u tkun verament rappreżentattiva tar-reġjun kollu –, bit-tħaddim tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tas-solidarjetà, l-interessi tal-Għawdxin jistgħu jkunu mħarsa aħjar u l-kontribut tal-gżira lin-nazzjon ikun akbar!

Filwaqt li bħala Knisja ma nehdewx inxandru lil Kristu u l-Evanġelju tiegħu li għandu qawwa li jsaħħaħ lil min hu b'saħħtu u jfejjaq lil min hu marid, hija xewqa tagħna li nkomplu nikkollaboraw ma' msieħba soċjali oħra għall-progress sħiħ ta' Għawdex, li huwa wkoll il-progress ta' pajjiżna. **B'mod partikulari nemmnu li nistgħu ngħinu biex Għawdex joffri formazzjoni lil dawk li hemm bżonn jagħtu sehemhom fil-ħajja politika u amministrattiva ta' pajjiżna, partikularment fi gżiritna. Konvinti li d-demokrazija hija s-sistema li l-aktar tiggarantixxi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadin fil-ħajja politika, nemmnu li ma jistax ikun hemm demokrazija vera jekk ma tkunx isserraħ fuq viżjoni retta ta' min hu l-bniedem. Hija din il-viżjoni li toffri garanzija li l-atturi soċjali kollha flimkien jistgħu jagħmlu front wieħed quddiem ċerti sfidi serji li għandna quddiemna, fosthom il-fibra morali, il-fraġilità tal-familja, id-denatalità, l-ekonomija, l-ambjent u l-integrazzjoni tal-immigranti. Bħala Knisja, aħna nemmnu li Kristu jagħtina din il-viżjoni biex nilqgħu dawn l-isfidi u lesti naqsmu din il-viżjoni ma' dawk kollha ta' rieda tajba.**

Alex Saliba
*I.T Sales and Services*
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

*Kummentarju (1)*

# "Il-Verità Teħliskom" (Ġw. 8:32)



*kitba ta'* VICTOR DEGABRIELE S.J.

**Il-ġrajjiet ta' ħajjitna, kemm personali u kemm bħala poplu, juruna biċ-ċar kemm aħna kapaċi ninjuraw il-Misteru li għandna ġewwa fina.**

"Jiena nemmen f'Alla wieħed, il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art, dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx." (Mill-Kredu tal-Quddiesa)

"U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbiehetu, fuq xbiehat Alla ħalqu." (Ġenesi 1:27)

"Il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja." (Ġenesi 2:7)

Il-bniedem hu magħmul mit-trab ta' l-art, imma għandu fih il-ħajja li nefaħlu Alla stess ġewwa fih. Il-bniedem sar xbieha t'Alla. Dan ma jfissirx li sar kopja ta' Alla, imma li l-ħajja li għandu hi marbuta ma' Alla stess. Il-bniedem, f'Alla biss jista' jkun jaf li hu, li jeżisti. Il-bniedem għandu ġewwa fih għajta kontinwa lil Alla li jfakkru u jgħidlu: "Fija biss issib il-mistrieħ tiegħek."

Imma l-bniedem hu msawwar mit-'trab ta' l-art', marbut ma' dak li jara, jisma, jxomm, itiehem, iħoss – mas-sensi tiegħu li huma t-toroq li bilfors irid jgħaddi minnhom jekk irid jgħix f'din id-dinja li fiha ninsabu. It-'trab ta' l-art' ma jħalliniex inwettqu l-ħtieġa li nsibu l-mistrieħ tagħna f'Alla għax f'Alla m'hemmx 'trab ta' l-art'.

Fuq hekk ikollna bilfors ngħixu bħal f'taqbida fina nfusna, jew f'tensjoni. Minn banda nafu lilna nfusna bħala 'Misteru' (ta' Alla), mill-banda l-oħra rridu ngħixu bilfors fl-'Istorja' (id-dinja ta' issa). Hemm realtà fina li tmur 'l hemm minn din id-dija li bilfors irridu ngħixu fiha. San Pawl jikteb: "Imsejken bniedem li jien! Min ser jeħlisni minn dan il-ġisem tad-dnub?" (Rumani 7:24).

L-esperjenza tgħallimna li sakemm għadna f'din il-ħajja ma nistgħux insibu l-mistrieħ totali tagħna. Nixtiequ kieku nkunu liberi minn dak kollu li jillimitana għal din il-ħajja, mis-sensi tagħna, imma fl-istess waqt insibu rwieħna marbutin ma' issa. Għandna sfida quddiemna.

Nista', filwaqt li naċċetta li jien 'trab ta' l-art', nieħu ħsieb il-Misteru li hemm fija, nisma' lil Alla li jsejjaħli għalih. B' realiżmu sħiħ, jew umiltà totali, nilqa' l-ħolqien tiegħi minn Alla, u nadurah għax hu l-ħallieq tiegħi u ta' kollox, u nħalli lilu jmexxini. Nitgħallem inkun indirizzat barra minni nnifsi, lejn Alla. Hekk il-mewt li lkoll irridu ngħaddu minnha, jiġifieri li Alla ma ħalaqniex għal hawn, (għax fih biss insibu l-mistrieħ tagħna), ma tkunx għalina telfa imma rebħa. Minflok nagħmel minn kollox biex ingawdi din il-ħajja kemm jista' jkun, u minflok naħdem bla ražan, ngħix b'mod li tassew napprezza l-ħajja għal dak li hi, pass fi triqti lejn Alla. Kif konna nitgħallmu fil-katekiżmu: Alla ħalaqni biex nagħrfu, inħobbu u naqdih, u wara din il-ħajja mmur ingawdih għal dejjem.

Mill-banda l-oħra, il-bniedm li jsib fih it-tensjoni li hu miġbud lejn Alla u safrattant irid jgħix fuq din l-art, jista' jiddeċiedi li lil Alla jwarrbu u jinsieh, u jikkonċentra fuq l-għixien tiegħu fuq din l-art. Il-mewt issir it-tarf ta' ħajtu u allura jara kif jipprova jinsiha u jwarrabha u jiċħadha. Ma jibqax aktar indirizzat lejn Alla imma lejh innifsu. Hu jsir is-sid tiegħu nnifsu. Is-suppervja tmexxih. Aktar ma jkollu ġid, unuri, poter, dak li jrid, aktar iħossu qed jgħix. Minn dawn jiġu l-vjolenza, u l-ġlied, u l-ftaħir, li naraw kontinwament fid-dinja u madwarna. Adam u Eva ingħalqu fihom infushom bir-riżultati narawhom fina u kullimkien.

Din it-tensjoni bejn il-Misteru li jsejħilna u d-dinja li żżommna, tibda fina malli nibdew neżistu. Avolja ma nindunawx biha, hemm tkun - minn banda l-Mulej li jiġbidna lejh, minn naħa l-oħra d-dinja, il-ġisem u x-xitan li jħeġġuna nagħtu l-attenzjoni kollha lilna nfusna. Il-Mulej irid jgħallimna l-verità (jew l-umiltà), u d-dinja tipprova tgħallimna l-gideb (jew is-suppervja). Aħna nippruvaw kieku nżidu fl-umiltà permezz tal-ħajja tal-Knisja (per eżempju bis-sagramenti), imma s-suppervja nixorbuha minn kullimkien u l-istess tfal daqqa tarahom anġli, u daqqa mhux anġli. Anki tfal imdorrija tajjeb jibdew jaħbu xi ħaġa mill-ġenituri tagħhom jew mill-għalliema. Anki l-kbar spiss iġibu rwieħhom b'manjieri li huma stess qatt ma jkunu bassru. U tara wkoll nies li jgħixu ħajja ħażina jwettqu ħwejjeġ ta' karità kbira.

Togħġobna u ma togħġobniex, ilkoll irridu nitilqu minn hawn. Kemm nitħabtu! Kollox irridu nħallu warajna. Nħobbu naħsbu li uliedna ser ikunu kontinwazzjoni tagħna, kif nimmaġinaw aħna, u allura nfittxu li nħallulhom impressjoni tajba tagħna l-aktar billi nibnulhom imperu, żgħir jew kbir. Ħafna fantasija! Wara l-mewt hemm biss Alla u int, u ħadd aktar. Jistgħu uliedna



jżommu ritratti tagħna u kultant jitolbu għalina. Imma l-ħajja ta' wara din mhix kontinwazzjoni ta' dik ta' issa. Il-ġisem isir trab. Jibqa' biss int u Alla li ħalqek, u li fih biss tista' ssib it-twettiq ta' dak kollu li int u li tixtieq. Aktar ma naċċettaw b'serenità l-limiti ta' din il-ħajja ta' issa, aktar nistgħu napprezzawha u ngħixuha mingħajr ansjetà. Għax ir-realtà tal-mewt, mingħajr tama, tqajjem fil-bniedem ansjetà profonda.

Il-fatt li m'aħniex hawn għal dejjem, iqajjem fina l-ħsieb dwar iż-żmien ta' wara. Lil Alla ma nistgħux naħarbuh, bħallikieku ma jeżistix. Bilfors ikollna niffaċċjawh, jew insibuh ħabib jew għadu. Aħna ngħidu li jew insalvaw jew nintilfu. Kull persuna f'sikkitha trid issalva. Imma din mhix xi ħaġa li tingħata biss wara issa, b'mod li nistgħu ngħixu kif jaqblilna, u fl-aħħar nirranġaw! Is-Salvazzjoni hi proċess matul ħajjitna issa u wara, fil-purgatorju. Ma nistgħux nistennew li issa ngħixu fis-suppervja, f'gidba, u fl-aħħar insiru umli, nidħlu fil-verità. Jekk ġewwa qalbna għandna t-taqbida bejn il-Misteru li hu Alla fina u t-trab ta' l-art, ma nistgħux nippretendu li t-trab ta' l-art jirbaħ kontinwament imma li fl-aħħar mill-aħħar ser jirbaħ il-Misteru. Irridu dejjem niffavorixxu l-Misteru u s-salvazzjoni.

Jeħtieġ li naċċettaw li ġewwa fina għandna ġibdiet qawwija lejn l-ispirtu tad-dinja u li fil-fatt inċedulu aktar milli naħsbu. Għalhekk ikollna bzonn ħafna maħfra u ħafna fejqan intern. Il-Mulej Ġesù li bħalna għex issa u bata l-mewt, irid jurina t-Triq, u l-Verità, u l-Ħajja tassew fil-milja tagħha. Irid jgħallimna u jagħmilha possibbli għalina li nagħżlu lil Alla u nwarrbu minna u nitwarrbu minn dak li jbegħdna minn Alla. Il-ġrajjiet ta' ħajjitna, kemm personali u kemm bħala poplu, juruna biċ-ċar kemm aħna kapaċi ninjuraw il-Misteru li għandna ġewwa fina. Il-fatt li m'aħniex kapaċi nagħtu l-maħfra u naċċettawha, la minn Alla u anqas minn xulxin, juruna kemm qed ngħixu fis-suppervja u l-gideb, bħallikieku aħna hawn għal dejjem. Alla ħalaqna xbieha tiegħu, u qalbna ssib mistrieħ biss fih. Meta din il-verità naċċettawha bis-serjetà, ħajjitna tinbidel u ssir aktar ta' paċi, aktar taf xi trid.

### *Kif nistgħu nqegħdu dan kollu fil-prattika?*

1) Nipprova ma nċedix għall-idea falza li lkoll insibu fina li il-'jien' jiġi l-ewwel u qabel kollox u kulħadd. Jien biss wieħed fost l-oħrajn. U nneħħi minn moħħi li xi ħaddieħor hu midneb aktar minni. Nipperswadi ruħi li jien għandi bżonn maħfra u ħniena daqs il-persuna l-aktar ħażina li naf biha. Il-qrar jien l-aktar li għandi bżonnu mhux ħaddieħor.

2) Ma nippruvax naħrab minni nnifsi (u minn Alla), dejjem irid ikolli x'nagħmel, jew aħjar, inkun distratt. Li jkolli ħin għalija hu importanti. Jekk ix-xogħol, ir-rikreazzjoni, il-karriera, il-familja, ma jagħtukx ċans tkun ftit waħdek sabiex tara minn xiex għaddej u fejn tassew int qiegħed miegħek innifsek u ma' Alla u mal-proxxmu, tispiċċa ma tafx xi trid, maqsum fik innifsek.

3) Tinsiex dwar l-effetti tad-Dnub tan-Nisel, dawk it-tendenzi ħżiena li nsibu fina nfusna, u jekk ma tagħtix kashom iwasslu għall-għemejjel ħżiena. (Ara San Mattew kap 5, versi 2 – 26) Fuq hekk il-qrar hudu bis-serjetà.

4) Il-mewt ipprova araha aktar minn sempliċiment it-tarf ta' ħajtek fuq l-art. Hu l-Mulej li ħalqek u qiegħed isejjaħlek għalih. Ikollok aktar paċi f'ħajtek, tuża l-ħwejjeġ ta' issa u ma tintrabatx magħhom, tafda aktar f'Alla li ħalqek, u tisma' aktar lill-proxxmu anki dak li m'għandekx grazzja miegħu. Kuljum, filgħodu u filgħaxija għid lill-Mulej: Hawn jien.

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Imniedi rapport marbut ma' strateġija dwar ir-riżorsi umani f'Għawdex*



Il-Ministeru għal Għawdex nieda rapport li ġie kkummissjonat biex janalizza s-sitwazzjoni preżenti u jagħti pariri dwar strateġija marbuta mal-ħolqien tax-xogħol u t-titjib tal-ħiliet tar-riżorsi umani f'Għawdex. Dan id-dokument ġie ppreżentat waqt laqgħat li ġew organizzati mill-Ministeru għal Għawdex mar-rappreżentanti tal-korpi kostitwiti Għawdxin.

L-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, fissret kif dan ir-rapport implimenta tlieta mit-tmenin miżuri tal-pjan ta' azzjoni dwar il-viżjoni eko-Għawdex filwaqt li ser ikun għodda utli biex jiġu mwettqa miżuri oħra fix-xhur li ġejjin. Dan ir-rapport kien ibbażat fuq studji li analizzaw sitwazzjonijiet preżenti fi 12-il qasam li jinkludu fost l-oħrajn l-iżvilupp riċenti fis-suq tax-xogħol u dak ekonomiku, l-iżvilupp demografiku fil-gżira ta' Għawdex, riżultati marbuta mal-qasam edukattiv kif ukoll konsultazzjonijiet ma' rappreżentanti minn diversi setturi soċjo-ekonomiċi. Dan kollu sar fil-kuntest ta' dak li ġie mfassal fil-pjan ta' azzjoni dwar eko-Għawdex filwaqt li ġie speċifikat l-irwol ta' entitajiet oħra responsabbli.

## *'Missa Fons Vitae': Quddiesa Ġdida fil-Fontana*

Il-Parroċċa tal-Fontana din is-sena fakkret il-Mitt Sena minn meta ġiet iffurmata Parroċċa. Fost iċ-ċelebrazzjonijiet speċjali li saru biex ifakkru dan l-avveniment, il-Kappillan, il-Kanonku Dun Joe Bajada, ikkummissjona lil Dr John Galea biex jikkomponi quddiesa ġdida biex tiġi mżanżna propju f'din l-okkażjoni. Fil-fatt, nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju, nhar il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù ġiet esegwita għall-ewwel darba din il-quddiesa ġdida waqt il-Pontifikal tal-Festa mmexxi minn Mons Mario Grech, Isqof tad-Djoċesi t'Għawdex. L-isem ta' din il-quddiesa ġie ssuġġerit mill-Kappillan innifsu li ttieħed mill-pittura titulari tas-Santwarju tal-Fontana fejn Kristu jidher bilwieqfa fuq għajn tal-ilma bil-kliem *Fons Vitae* imnaqqxin.



*Il-Chorus Urbanus waqt il-Pontifikal tal-Festa tal-Qalb ta' Ġesù, fil-Fontana*

*Missa Fons Vitae* hu xogħol għal orkestra, kor *a quattro voci* (*Chorus Urbanus*) u għal sopran solista (Yvonne Galea) u baxx (Noel Galea). Din il-quddiesa kienet esegwita taħt id-direzzjoni mużikali tal-kompożitur innifsu, Dr Galea, li hu wkoll id-direttur mużikali tal-*Chorus Urbanus*. Dr Galea esprima s-sodisfazzjon kbir tiegħu għall-esekuzzjoni eċċellenti tax-xogħol tiegħu. Dan l-istess sodisfazzjon intwera mill-Kappillan li rringrazzja lil Dr Galea u awguralu għal din il-quddiesa meraviljuża, rigal denju lil Qalb ta' Ġesù f'din is-sena ċentinarja kif ukoll minn numru sabiħ ta' parruċċani li ħonqu l-knisja għall-Pontifikal.

Din il-quddiesa hija l-aħħar minn sensiela ta' kompożizzjonijiet ta' Dr John Galea li jagħmlu isem lil dan il-kompożitur fosthom l-*oratorios* Il-Qalb ta' Kristu u *Laurentius* li Dr Galea kiteb għall-Parroċċi tal-Fontana u ta' San Lawrenz (Għawdex). Kompożizzjoni oħra li kienet success kbir kull fejn ġiet esegwita kienet il-quddiesa *In Fractione Panis* li kienet ġiet magħżula mill-Vatikan fost numru ta' quddisiet, biex tiġi esegwita waqt il-Quddiesa Sollenni li l-Papa Benedittu XVI għamel fuq il-Fosos tal-Furjana matul iż-żjara tiegħu f'Malta. Il-popolarità ta' din il-quddiesa hija evidenti minn numru

kbir ta' stediniet li Dr Galea u l-*Chorus Urbanus* irċevew biex jesegwixxuha. Fil-fatt riċentement, il-kor esegwixxa din l-istess quddiesa waqt l-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' 12-il saċerdot ġdid fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju u li għaliha attendiet udjenza numeruża ħafna li mliet kull rokna tal-kon-katidral.

## *Kunċert Sinfoniku 'Big Band Adventures' mill-Banda Mnarja tan-Nadur*



*Waqt il-Kunċert mill-Banda Mnarja fi Pjazza Dun Martin Camilleri*

Is-Soċjetà Filarmonika Mnarja ppreżentat il-Kunċert Mużikali Annwali tagħha fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pietru u San Pawl, nhar l-Erbgħa 22 ta' Ġunju, fil-Pjazza Dun Martin Camilleri, Nadur. Il-Banda taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Grech, daqqet ħdax-il biċċa mużikali fejn uriet il-kapaċitajiet tagħha u tal-bandisti Nadurin.

L-ewwel parti tal-kunċert kienet tinkludi diversi siltiet fosthom, *Overture – The Marriage of Figaro*, *Selection – Capriccio Espagnol*, *Medley – Italian Holiday*, *Concert March – The Great Escape*, *Main Theme – The Last of the Mohicans*, Silta umoristika bl-isem ta' '*The Typewriter*'.

Fit-tieni u l-aħħar parti tal-kunċert il-Banda Mnarja daqqet siltiet popolari, *medleys* u mużika pop kif għamlet matul dawn l-aħħar 20 sena. Dawn kienu jinkludu, *Medley - Big Band Spectacular*, *Selection - The Golden Age of Broadway* u *Medley - Movie Spectaculars*. Il-Kunċert ġie fi tmiemu b'*medley - Greatest Hits of the 80's*.

Il-Kunċert kien taħt il-Patroċinju tal-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca. Matul dan il-kunċert is-Segretarju Parlamentari l-Avukat Chris Said, Joe Buttigieg u Joseph Zerafa kienu onorati bħala Presidenti Onorarji tas-Soċjetà Filarmonika Mnarja.

Għal dan il-kunċert attendew diversi personalitajiet fosthom il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Sindku tan-Nadur, Miriam Portelli u l-Kunsilliera, membri tal-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Mnarja kif ukoll folla mdaqqsa li mliet il-Pjazza Dun Martin Camilleri.

## *Programm Mużikali mill-Banda San Girgor*

Il-ġemgħa kbira li nhar l-Erbgħa, 6 ta' Lulju, filgħaxija, imliet Pjazza Orvieto, Kerċem hija espressjoni qawwija ta' kemm il-Programm Mużikali li l-Għaqda Mużikali San Girgor torganizza kull sena fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tas-Sokkors, kiseb popolarità u sar parti integrali mill-attivitajiet prinċipali tal-festa ta' dan ir-raħal.

Il-Kunċert Mużikali *Melodien* li beda propju għall-ħabta tad-9.00 ta' filgħaxija, assistejna għal siltiet popolari bħal siltiet minn *films* jew *tele-series*, l-aħjar siltiet ta' gruppi famużi, u biċċiet oħra ta' kantanti leġġendarji, li kkaratterizzaw l-għażla mużikali.



*Waqt il-Programm Mużikali mtella' mill-Għaqda Mużikali San Girgor*

Il-Banda San Girgor bħas-soltu ħarġet bl-unuri kollha fl-interpretazzjoni eċċellenti tas-siltiet kollha, diretti b'abbiltà straordinarja mis-Surmast Direttur tal-Għaqda Mużikali San Girgor, il-Maestro Mark Gauci. Spikkaw ukoll is-solisti Jason Borg fuq il kurunetta u Joseph Gauci fuq l-ewfonju li interpretaw ukoll diversi partijiet waħedhom. Il-kantanti Mario Caruana u Sarah Bonnici komplew ivarjaw l-ispettaklu bl-akkumpanjament bil-vuċi sabiħa tagħhom.

F'nofs il-Programm il-President tal-Għaqda Mużikali San Girgor, l-Avukat Joshua Grech ġie mistieden jagħmel diskors li fih wera l-apprezzament tiegħu għall-impenn sħiħ li joffru ħafna mill-bandisti, membri tal-kumitat u persuni oħrajn favur l-Għaqda Mużikali li kif aċċenna hu issa dieħla fil-15-il sena tagħha. Aktar tard saru xi preżentazzjonijiet fosthom standart u għotja ta' 1000 ewro. Is-Sezzjoni tan-Nisa fi ħdan l-istess Għaqda ppreżentat għotja oħra ta' 1423 ewro miġbura minnhom f'attivitajiet diversi. Wara żewġ membri fundaturi, Frans Mizzi u Emmanuel Grech, ġew maħtura Membru Onorarju u President Onorarju rispettivament. Kien imiss imbagħad li l-Għaqda tonora b'*memento* kommemorattiv lil Għaqda tal-Armar "Madonna tas-Sokkors" fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tagħha u lid-Direttur Spiritwali l-Kan. Dun Lino Vella fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Wara kien imiss li l-President iniedi l-Pubblikazzjoni Annwali tal-Għaqda Mużikali San Girgor fl-okkażjoni tal-Festa li ppreżentaha lil diversi personalitajiet. Għalqet din il-parti l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono b'kelmtejn tal-okkażjoni. Il-Programm kien ippreżentat minn Elton Vella.

## Id-Duluri fil-Bitħa ta' Pilatu - sett ta' pitturi tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi



Il-pittur magħruf Għawdxi, il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi għadu kemm illesta l-aħħar pittura minn sett ta' sitta bis-suġġett "Id-Duluri fil-bitħa ta' Pilatu". Is-sett ta' sitta, ilkoll bis-suġġett dwar il-Madonna tad-Duluri u mpittra mill-istess pittur, sar għall-knisja parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar li għandha l-istess dedika u titular. L-aħħar żewġ biċċiet tbierku nhar il-Ġimgħa 22 ta' Lulju.

*Il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi fl-istudios tiegħu, fir-Rabat, Għawdex, nhar il-Ġimgħa 8 ta' Lulju, bl-aħħar irtokki tiegħu fuq l-aħħar biċċa xogħol għall-knisja parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar, Malta.*

## Wirja dwar it-Tempji tal-Ġgantija



*Early 19th century souvenir illustrations of the Ggantija Temples*, hi wirja temporanja li ttellgħet minn *Heritage Malta* fl-uffiċċji tagħha ġewwa ċ-Ċittadella. Din il-wirja kienet tikkonsisti f'numru ta' disinji, akwarelli u inċiżjonijiet li juru diversi veduti tat-Tempji tal-Ġgantija, u li jmorru lura għall-ewwel nofs tas-seklu 19. Ħafna minn dawn ix-xogħlijiet x'aktarx li saru bħala *souvenirs* għat-turisti ta' dak iż-żmien. Pubblikazzjoni ġdida li ġiet mnehdija ma' din il-wirja bl-isem ta' *The Ggantija Temples: a history of its visitors and views* kienet tinsab ukoll għall-bejgħ mis-siti ta' *Heritage Malta*. Il-wirja damet miftuħa sa nhar is-Sibt 23 ta' Lulju.

## Wirja ta' xogħlijiet ta' l-iskultur Vincent Apap





Sittin biċċa xogħol ta' l-iskultur magħruf Malti, Vincent Apap, kienu jinsabu għall-wiri fis-sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex. Din hija l-ewwel wirja tax-xogħlijiet ta' dan l-artist li ttellgħet wara mewtu li ġrat fis-sena 2003. Apap huwa wieħed mill-artisti prominenti Maltin tas-seklu għoxrin u x-xogħlijiet tiegħu jinstabu mxerrda f'bosta pajjiżi.

L-akbar numru ta' xogħlijiet f'din il-wirja ġew mogħtija riċentement lin-Nazzjon Malti mill-familja ta' l-iskultur Apap u kienu qed jiġu esibiti fil-pubbliku għall-ewwel darba. Il-wirja nkludiet ukoll xogħlijiet oħra ta' Apap li diġà kienu jiffurmaw parti mill-Kollezzjoni Nazzjonali.

Din il-wirja li ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono ttellgħet minn *Heritage Malta* u l-Ministeru għal Għawdex li ta' kull sena ttellgħu wirjiet ta' kalibru għoli f'Għawdex ta' oġġetti mill-Kollezzjoni Nazzjonali bil-għan li jagħmlu t-teżori artistiċi ta' pajjiżna aktar aċċessibbli għall-pubbliku u biex jikber l-apprezzament tal-pubbliku lejn xogħlijiet ta' l-arti.

Il-wirja ta' Apap kien fiha sitt taqsimiet li trattaw temi differenti tax-xogħlijiet tiegħu u iffokaw fuq uċuħ ta' persuni, tfal, il-familja rjali Ingliża, xogħlijiet reliġjużi u monumenti. Fost ix-xogħlijiet għall-wiri wieħed seta' jara xogħlijiet maħduma f'diversi fażijiet tal-ħajja artistika ta' Apap. Fil-fatt l-aktar biċċa xogħol bikrija li kien hemm esibita fil-wirja ġiet magħmula minn Apap meta kellu biss 14-il sena. Apap jibqa' msemmi għal diversi xogħlijiet monumentali fil-pubbliku fosthom il-fontana tat-Tritoni, il-monumenti ta' Dante, Pawlu Boffa u Borg Olivier kif ukoll għal diversi xogħlijiet fil-knejjes. Il-wirja kienet tinkludi wkoll numru ta' siltiet minn gazzetti lokali li jitkellmu dwar ix-xogħlijiet ta' Apap

meta dawn kienu jkunu qegħdin jinħadmu jew inawgurati. Għall-okkażjoni ġie ppubblikat ktieb li jinkludi minbarra l-katalgu sħiħ tal-wirja numru ta' artikli dwar il-ħidma artistika ta' Vincent Apap.

## *Xogħol ta' volontarjat*



Bejn it-Tnejn 20 u l-Ħamis 23 ta' Ġunju, grupp ta' ħdax-il kadett tal-Pulizija, minn Għawdex, marru jagħmlu xogħol ta' volontarjat f'Dar Arka, f'Għajnsielem. Dawn il-voluntiera għamlu diversi xogħlijiet li kien hemm bżonn fid-dar. Barra x-xogħol voluntarju tagħhom, ġabru xi ħaġa bejniethom, 120 ewro u tawha lil Mons. Emanuel Curmi bħala donazzjoni għal Dar Arka

F'kelmtejn ta' ringrazzjament Mgr. Manwel Curmi d-direttur ta' Dar Arka, irringrazzja lil dawn il-kadetti għax-xogħol li għamlu b'risq dawn il-persuni b'diżabbiltà. Jidher ukoll Fr Michael Galea, Assistent Direttur ta' Dar Arka.

## *Musical A.D.1062*



Nhar il-Ġimgħa 8 ta' Lulju, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz ġie mtellgħa il-*Musical A.D. 1062*, b'mużika ta' Joe Formosa u bi kliem ta' Giovann Attard. Dan il-*musical* jirrakkonta storja ħelwa marbuta mal-kult lejn il-Qaddis Lawrenz, patrun tal-Parroċċa ta' San Lawrenz, Għawdex u tal-Parroċċa tal-Belt Vittoriosa Malta. Fuq talba ġenerali dan il-*musical* reġa' ttella' nhar il-Ħamis 28 ta' Lulju bħala parti mill-Festi ad unur ta' San Lawrenz li ġew iċċelebrati fir-raħal ta' San Lawrenz bejn it-Tnejn 25 u l-Ħadd 31 ta' Lulju.

## *Restawr ta' San Ġorġ tal-Ħaġar*



Tlesta x-xogħol ta' restawr, ikkummissjonat mill-Kunsill Lokali ta' Victoria, li kien qed isir minn Frankie Cassar, li jagħmel xogħol fl-arti u jimmudella fit-tafal, fuq l-istatwa ta' San Ġorġ tal-Ħaġar, li tinsab f'kantuniera fi Triq San Ġorġ, statwa tal-ġebel tal-iskultur Għawdxi Ġużè Agius, magħruf bħala l-Brejbex, u li tmur lura għas-sena 1925.

Din l-istatwa, meqjusa bħala waħda mill-aktar niċeċ famużi fir-Rabat, għad għandha devozzjoni kbira lejha fost ħafna Rabtin u hija wirt storiku reliġjuż fl-istorja tal-parroċċa bażilika ta' San Ġorġ Megalo-Martri.

## *Akkademja Mużiko-Letterarja f'ġieħ Kwadru tal-Preti*



'Mattia Preti, l-artist dokumentat fil-ħlas tal-kwadru titulari' kienet it-tema tal-attività kulturali li ġiet mtellgħa fil-knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat, Għawdex. B' kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Papa Ġwann Pawlu II, il-Komunità Agostinjana organizzat avveniment memorabbli li kien jikkonsisti minn serata' mżewqa b' mużika u letteratura bis-sehem tal-kantanti Claudia Tabone u Kevin Caruana u l-kelliema Mario Micallef u Paul Cassar.

L-għan prinċipali ta' din l-attività kien l-eżaltazzjoni storika u artistika tal-kwadru titulari miżmum b'tant għożża fil-knisja Agostinjana fir-Rabat Għawdex. Din is-serata tħejjiet fid-dawl ta' skoperta li saret reċentement

fl-Arkivju ta' Santu Wistin fir-Rabat Għawdex. Id-dokument li jitratta b' reqqa l-kwadru titulari nstab miż-żagħżugħ Għawdxi Paul Cassar.

Il-kwadru kkonċernat tpitter fl-1694 mill-artist prolifiku Kalabriż Mattia Preti. B'tematika ċara, il-pittura tirrappreżenta l-figura ċentrali ta' Santu Wisitn assistit minn San Ġwann il-Battista u San Guliermu ta' Akwitanja. Għalkemm il-kwadru huwa awtografu, f'diversi partijiet jinħassu interventi minn id diversa li probabbilment hija ta' assistent li lealment ipparteċipa ma' Preti fl-eżekuzzjoni ta' dan ix-xogħol. F'Għawdex, eżempji ta' din ix-xorta, fejn l-intervent ta' Preti huwa każwalment riservat, hija evidenti fil-maġġoranza kbira tax-xogħlijiet. Għalkemm il-kwadru ikkonċernat ġie ppubblikat diversi drabi, id-dokument awtentiku li jinkludi, il-passaġġ tal-kummissjoni, id-donaturi, il-preparamenti strutturali u l-ħlas qatt ma' ngħataw l-attenzjoni mistħoqqa. Għalhekk l-awtur ta' l-iskoperta ħa ħsieb li flimkien mal-Komunità Agostinjana jtella' din l-attività bl-iskop li jeżalta s-sejba tad-dokument u jressqu esklussivament għall-attenzjoni tal-pubbliku.

Kollox beda minn studju estensiv li sar dan l-aħħar fl-arkivju tal-kunvent ta' l-istess Komunità Agostinjana. Dan l-istudju, mniedi mis-Sur Cassar, kellu sehem mill-produzzjoni ta' teżi tal-baċellerat bl-unuri li ġiet ippreżentata bħala parti mir-rekwiżiti lid-Dipartiment ta' l-Istorja ta' l-Arti fi ħdan l-Università ta' Malta. Fi ftit kliem, dan ix-xogħol ta' ħarsa dettaljata lejn l-arkitettura u l-arti sagra li jappartienu t-tlett kunventi mendikanti tar-Rabat ta' Għawdex. Kien f' dan ix-xogħol li dan id-dokument, uniku fix-xorta tiegħu f' Għawdex, ġie rreferit għall-ewwel darba. Segwentament, l-interess iġġenerat kemm mill-Provinċja Agostinjana kif ukoll minn Paul Cassar wassal biex ġiet mtellgħa din l-attività.

Siltiet mużikali mir-repertorji sagru ta' Mozart, Handel u Schubert twaħħdu ma' l-ambjent għani tal-knisja u flimkien ħejjew separju komplimentari għall-preżentazzjoni ta' żewġ diskorsi sbieħ imħejjija minn Mario Micallef u Paul Cassar. Dan ta' l-aħħar ippreżenta studju analitiku tad-dokument u kif ukoll tal-kwadru kkonċernat.

Cassar irrimarka l-importanza storika tad-dokument għall-wirt artistiku u patrimonjali t' Għawdex. Fid-diskors tiegħu Cassar daħal fil-fond tad-dokument u sawwar analiżi tematika u stilistika fuq il-kwadru titulari. Enfasizza wkoll li f' Għawdex dan id-dokument huwa uniku fix-xorta tiegħu u għalhekk għandu jingħata l-attenzjoni mistħoqqa. Is-serata ntemmet bil-preżentazzjoni tat-teżi u d-diskorsi lill-Provinċjal u l-Pirjol tal-Komunità Agostinjana f' Malta.

## *Manifestazzjoni Marjana Djoċesana*



Id-Djoċesi t'Għawdex, permezz tal-Għaqdiet Kattoliċi għal darb'oħra, nhar il-Ħamis 28 ta' Lulju, organizzat Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn. L-iskop hu li tingħata qima lill-Madonna u tintwera l-importanza li jinżamm ambjent moralment nadif.

Fis-7.30 ta' filgħaxija, il-pubbliku nġabar fit-Triq il-Wied, Marsalforn fejn sab post bilqiegħda fuq is-siġġijiet li kien hemm apposta għal kulħadd. Ingħad ir-rużarju minn Mons Rużar Ġużeppi Borg, bi ħsieb immeditat mill-Kavallier Nazzarenu Calleja. Wara l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex mexxa Konċelebrazzjoni u ta ukoll il-messaġġ tiegħu tal-okkażjoni. L-Evanġelju nqara mir-Rettur tal-Knisja ta' Marsalforn, il-Kanonku Mikiel Borg. Ħa sehem il-Kor *Voci Angelice*, tal-Parroċċa ta' Marija Bambina, tax-Xagħra, taħt id-direzzjoni ta' Grace Vella, bis-sehem ukoll tal-organisti mill-Parroċċa tal-Munxar Gabriella Grech u Jeannine Sammut. Il-ġabra li saret marret għal żewġ persuni illi għandhom bżonn ta' kura barra minn Malta. Fl-aħħar tal-quddiesa, Mons George Bezzina, ippreżenta s-somma ta' 6,000 ewro lill-Mons Isqof Mario Grech, donazzjonijiet miġbura waqt programmi li Mons Bezzina jxandar minn żmien għall-ieħor minn fuq l-istazzjon tar-Radio RTK, sabiex imorru għall-monasteru tas-sorijiet klarissi li ser jinfetaħ f'dawn il-ġranet t'Awwissu, għall-ewwel darba fir-Rabat, Għawdex. L-animatur kien il-Kavallier Joe M. Attard.

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

RIFLESSI — Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard

# L-istaġun tal-festi wasal fi tmiemu



Ix-xhur ta' Lulju u Awwissu tgerbu ġmielhom u magħhom marru wkoll il-festi tagħna. L-istaġun tal-festi fetaħ bit-tifkira tan-Nawfraġju ta' San Pawl fil-Munxar u bid-daħla tal-Kappillan il-ġdid, żagħżugħ u enerġetiku Dun Michael Said li ħa post il-Kan Dun Tonio Galea li milli jidher mar jissokta l-ħidma tiegħu fil-Knisja Taljana. Din is-sena mal-festa l-Kunsill Lokali tal-Munxar immexxi mis-Sindku Joseph Sultana organizza wkoll jumejn ta' attivitajiet kulturali, soċjali u edukattivi mlaqqma **Eku mill-Munxar**. Bħas-snin l-imgħoddija l-Parroċċa ta' San Ġorġ ħadet ħsieb torganizza il-*Victoria International Arts* Festival li daħal issa fl-14-il edizzjoni tiegħu. L-istaġun tal-festi huwa l-attrazzjoni speċjali fis-sajf Għawdxi, barra s-safar u l-baħar blu u ċar, meta ma jkunx mtebba' b'xi ċorma bram li ma tħalli lil ħadd jinżel ixarrab saqajh. Qabel naqleb għal punt li jmiss xtaqt nuri s-sodisfazzjon tiegħi għal fatt li fil-festa titulari Ta' Sannat, ma sarx il-marċ tal-ħdax ta' Jum il-Festa taħt xemx tisreġ, meta l-bandisti jkollhom jissaportu r-raġġi qawwija tax-xemx waqt li bosta miż-żgħażagħ isiru **faħam** jiżfnu u jaqbżu bl-addoċċ! Ma naħsibx li l-qaddis titulari jkun qed jappoġġja xeni bħal dawn u allura ħaqqu kull tifħir ir-raħal ta' din il-Verġni u Martri tat-tielet seklu li ħa din id-deċiżjoni hekk għaqlija u li tagħmel sens fil-fehma tiegħi!



Intant issa jfeġġu fuqna l-festi nazzjonali u pubbliċi tal-Vitorja u l-Indipendenza. Naħseb it-tnejn għandhom xi ħaġa in komuni. L-ewwel festa teħodna x-Xagħra fejn infakkru t-Twelid tal-Madonna (il-Bambina) u r-rebħa tal-Maltin fuq il-qawwa tal-Mislem (1565) u iktar tard, fuq l-Alleati (1945). Fiż-żewġ okkażjonijiet spikkat l-għaqda u l-kuraġġ tal-poplu tagħna u l-fidi f'Alla. Tgħid dan l-aħħar ingredjent għadu daqstant qawwi bħal ma kien fi żmien l-antenati tagħna jew illum issib min jistħi jistqarr li jemmen f'Alla! Dari niesna kienu jirrikorru lejn il-Mulej fil-ħtiġijiet u fiż-żminijiet imċajpra. Naqraw li l-Gran Mastru La Valette ta' spiss kien jinġabar jitlob fil-kappella qabel xi taqtiegħa kontra l-għadu u ordna talb u radd il-ħajr fi tmiem l-Assedju l-Kbir. Niesna għadha xejn tirrikorri lejn il-knisja titlob jew tirringrazzja lill-Ħallieq jew iktar ħsiebha biex tikkritika l-Knisja u tfittxilha x-xagħra fl-għaġina! Kemm jitbiddlu ż-żminijiet! L-aħħar festa ħelwa u għażiża hija dik tal-Madonna tal-Grazzja li teħodna għand il-Patrijiet Kapuċċini.

Fil-21 ta' Settembru, imbagħad, infakkru l-ġrajja tal-Indipendenza li ksibna fl-1964 fil-paċi u t-trankwillità. L-Indipendenza ġiet għal kulħadd; ma bqajniex Kolonja, iżda ksibna l-libertà u sirna poplu sovran li jfassal id-destin tiegħu. Ħadd ma jkasbarna u jiddettalna f'darna stess, imma naħtru aħna stess lil dawk li jmexxuna. Għandna nkunu kburin li aħna Maltin, sidien f'darna, b'ilsien li jgħaqqadna u daqstant għani fil-Letteratura tiegħu, partijiet minnha maqluba anke' f'ilsna oħra. Għandna nibżgħu għal dak kollu li hu Malti u niġbdu ħabel wieħed. Nistgħu ma naqblux fil-fehmiet u fl-ideoloġiji tagħna, imma dan ma jfissirx li m'għandniex naħdmu għal ġid ta' dan il-pajjiż ċkejken tagħna. Jeħtieġ li ngħożżu l valuri li għaddewlna dawk ta' qabilna, nibżgħu għall għaqda tal-familja, nissudawha, għax jekk titfarrak din, titmermer is-soċjetà. Żgur li kull Gvern jixtieq li jkollu familji henjin u f'saħħithom għax b'hekk jassikura l-ġejjieni tal-pajjiż li jkun qed imexxi. Imma biex il-familja ma titfarrakx trid iżżomm quddiem għajnejha kontinwament il-preżenza t'Alla u t-tagħlim tiegħu li huwa fdat biss f'idejn il-Knisja li Hu waqqaf biex qatt ma tiġġarraf, li dejjem ħarġet rebbieħa anke waqt l-aqwa persekuzzjonijiet bħal dawk ta' Neruni u Dioklezjanu li llum mietu u ntesew, imma l-Knisja ta' Kristu għadha hawn tirbaħ fuq il-mewġ, għax din ġiet biex tibqa' sakemm il-bniedem jibqa' jaħkem l-art!

Kummentarju (2)

# Link permanenti bejn iż-żewġ gżejjer



*kitba ta'* **MICHAEL GRECH,** Viċi President tal-Kamra tal-Kummerċ għal Għawdex

**F'dawn l-aħħar xhur u ġimgħat kien hawn moviment sħiħ wara l-idea li jkun hemm *link* permanenti bejn Għawdex u Malta. Is-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said ġie inkarigat min-naħa tal-gvern biex jieħu f'idejh din l-idea u jara jekk finalment hijiex possibbli xi forma ta' *link* permanenti bejn iż-żewġ gżejjer. Min-naħa tagħha l-kamra tal-kummerċ għal Għawdex (*GBC*) laqgħet din l-inizjattiva għax temmen li dan għandu jkun ta' benefiċċju mhux biss għal Għawdex iżda anke għal Malta.**

Meta telqet l-idea ta' *link* permanenti bl-ebda mod ma kien hemm xi restrizzjoni li din bilfors għandha tkun forma ta' *tunnel*. Iżda jidher li għal ħafna raġunijiet jista' jkun li *tunnel* huwa l-metodu l-iżjed prattiku li bih iż-żewġ gżejjer jistgħu jingħaqdu. Nerġa' ngħid, li b'daqshekk ma jfissirx li għandna niskartaw xi forma oħra ta' konnessjoni permanenti. Ninsisti fuq il-kelma "permanenti" għaliex inħossuna ċerti li b'hekk biss jistgħu l-Għawdxin jiġu fuq l-istess livell ta' opportunitajiet ma' ħuthom il-Maltin. B'dana kollu xorta nibqgħu ninsistu li aħna favur ta' konnessjoni diretta bl-ajru bejn iż-żewġ gżejjer u jekk inhu possibbli konnessjoni diretta bejn Għawdex u gżejjer jew artijiet oħra fil-viċin ta' Malta li jistgħu jintlaħqu direttament minn Għawdex. Il-GBC xorta waħda tibqa' tinsisti wkoll li għandu jibqa' servizz tajjeb bil-vapuri bejn Malta u Għawdex. Jekk iż-żmien juri li n-nies tippreferi ma taqsamx iżjed bil-vapur iżda tuża *tunnel* jew briġġ, allura dan is-servizz jista' jkun biss għal skopijiet turistiċi.

Ħafna nies qegħdin itanbru fuq kemm tiġi tiswa konnessjoni fissa bejn Malta u Għawdex. Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu xi ftit punti importanti li sejjer insemmi:



- il-ħajja tal-vapuri meta mqabbla ma' dik ta' *link* permanenti hija bil-wisq iżjed qasira u għalhekk wieħed irid jieħu f'konsiderazzjoni l-ispiża biex terġa' tinbena flotta oħra ta' vapuri li l-ħajja medja tagħha hija ta' madwar 25 sena. Ħmistax-il sena ilu din is-somma kienet waħda sostanzjali. Min jaf kemm sejra tkun 10 snin oħra?
- peress li *tunnel* jew briġġ jiġi meqjus bħala parti mit-triqat prinċipali ta' Malta u Għawdex, 'l hekk imsejħa *Ten.T Road Network*, allura l-Unjoni Ewropea (UE) tkun lesta tiffinanzja parti sostanzjali minn din l-ispiża sa massimu ta' 85% fil-mija ta' l-ispiża totali. Huwa inutli li wieħed f'dan l-istadju jipprova jispara figuri bl-addoċċ, għaliex huwa meta jitlestew l-istudji li wieħed ikun jista' jikkummenta.
- il-manutenzjoni ta' *tunnel* jew *bridge* meta mqabbel ma' dawk li jkollhom bżonn il-vapuri għandha wkoll tikkompara tajjeb. Wieħed jista' forsi jħares ftit lejn ir-*running costs* tal-vapuri eżistenti, bħalma hu *diesel*, ħsarat u *wear and tear*, biex jieħu idea ta' kemm dawn ilaħħqu fis-sena.

Jekk wieħed iħares lejn id-diffikultajiet li jiffaċċja l-Għawdxi fejn jidħol xogħol, edukazzjoni, saħħa, safar u negozju li għalihom bilfors irid jirrikorri f'Malta, allura kull familja Għawdxija taf x'inhuma dawn id-diffikultajiet. Il-fatt li jkollok servizz tajjeb ta' vapuri hija xi ħaġa tajba u li xorta għandna nibqgħu ninsistu fuqha. Iżda kemm-il darba tasal ix-xatt ta' l-Imġarr jew iċ-Ċirkewwa, tkun fil-ħin u inti ma tirkibx fuq il-vapur? Qatt xi ħadd għamel studju serju tal-ħin *extra* moħli biex l-Għawdxi jinqeda għas-servizzi li semmejt iżjed 'il fuq? Din il-biċċa xogħol ma tapplikax biss għall-Għawdxin iżda anke għal dawk il-Maltin li jkollhom bżonn jiġu Għawdex minħabba kwalunkwe tip ta' xogħol. U allura ħin moħli mhux flus jiswa lil kulħadd, sew privat jew governattiv?

Nieħdu pjaċir u nibqgħu ninsistu li f'Għawdex għandu jiġi kkreat iżjed xogħol. Nieħdu pjaċir u nibqgħu ninsistu li f'Għawdex għandu jkun hemm l-aqwa servizzi ta'



sptarijiet. Wara kollox jista' jkun il-każ li dawk li joqgħodu n-naħa tat-Tramuntana ta' Malta jkun jaqblilhom jinqdew f'Għawdex għal dawn is-servizzi mediċi u xejn xejn intaffu xi ftit mill-piż enormi li hemm fuq Mater Dei. Iżjed domanda tfisser iżjed opportunità ta' xogħol f'Għawdex. Nieħdu pjaċir u nibqgħu ninsistu li f'Għawdex ikun hemm iżjed servizzi provduti min-naħa tal-gvern bħal per eżempju dwana permanenti f'Għawdex, issa li anke l-Forzi Armati ta' Malta ħadu deċiżjoni li jħallu *patrol boat* permanenti f'Għawdex.

Hemm min jaħseb li l-fatt li Għawdex u Malta jingħaqdu b'mod permanenti jista' jirvina t-tip ta' ħajja Għawdxija. Naħseb li fil-pajjiż għandna biżżejjed awtoritajiet u entitajiet li kapaċi jikkontrollow żvilupp sfrenat u bla ħsieb. Il-fatt li jkollok iżjed faċilitajiet li wieħed jaqsam bejn iż-żewġ gżejjer jista' jagħti lok għal tħassib dwar l-immaniġġar ta' traffiku f'Għawdex. Il-fatt li traffiku jista' jinqasam parti ġewwa *tunnel* u parti oħra fuq il-vapuri, jagħti lok biex ikun hemm inqas konġestjoni f'postijiet bħal l-Imġarr u triqat oħra f'Malta li jagħtu għaċ-Ċirkewwa. M'iniex ngħid li Għawdex jibqa' kwiet daqs kemm kien qabel iżda wieħed irid ipoġġi fil-keffa tal-miżien il-vantaġġi kontra l-iżvantaġġi u jiena ċert li dawk ta' l-ewwel jiżbqu bil-bosta dawk ta' l-aħħar. Dwar il-kwistjoni tal-materjal skavat minn ġo *tunnel*, l-espert Norveġiż miġjub apposta mill-gvern għall-investigazzjoni preliminari qal li dan huwa "*an asset not a liability*".

Ma hemm l-ebda dubju li l-kummerċ f'Għawdex jiżdied u dan ġie kkonfermat minn żewġ survejs li saru kemm mill-GBC kif ukoll mill-GTA (*Gozo Tourisim Association*) fejn il-maġġoranza tal-membri li vvutaw fiż-żewġ każi qalu li jridu xi tip ta' *link* permanenti bejn iż-żewġ gżejjer. Tkellimt ukoll ma' negozjanti Maltin li jħossu li b'dan il-*link* huma jkunu jistgħu jbiegħu is-servizzi u l-prodotti tagħhom iżjed lill-Għawdxin. Xi ngħidu mbagħad għal dawk l-istudenti li bilfors iridu jmorru Malta biex ikomplu l-istudji tagħhom fl-Università jew f'xi kulleġġ ieħor? Illum il-ġurnata ġewwa l-Università ta' Malta biss, għandna 'l fuq minn 600 student u studenta. B'dan il-mod jonqos drastikament il-piż fuq il-ġenituri li jkollhom jikru jew jixtru xi appartament għal uliedhom f'Malta.

Ħafna huma dawk li ħadu din l-idea ta' *link* permanenti biċ-ċajt jew qegħdin jikkonsidrawha bħala ħolma. Il-fatt li hemm *commitment* politiku sod sewwa mill-gvern kif ukoll mill-oppożizzjoni fuq din il-biċċa xogħol juri ċar li din mhix iżjed ħolma iżda bżonn urġenti mhux biss għal Għawdex iżda anke wkoll għal Malta. Il-fatt li *Transport Malta* diġà ngħatat fondi mill-gvern biex jibdew ċerti studji u anke li hemm involuti strutturi min-naħa tal-UE biex jiggwidaw il-proċess ta' *tendering* jikkonferma li dik li għal ħafna snin ilu kienet ħolma, fi ftit snin oħra tista' ssir realtà. Jekk għoxrin sena ilu din kienet is-Soluzzjoni għal Għawdex, illum din ġiet is-Salvazzjoni tal-Gżira Għawdxija.



Kummentarju (3)

# Il-Poter u l-Media



*kitba ta'* DR. ALFRED GRECH

**Min ixandar jew jippubblika b'kull mezz immaġinabbli għandu arma kbira f'idejh. Anzi għandu setgħa qawwija. In-nies tal-poter jagħmlu riverenza lil medja, jibżgħu ferm minnha u jirrispettawha ferm.**

Jeżisti djalogu reċiproku bejn il-poter u l-medja. It-tnejn li huma jħokku dahar xulxin, joqgħodu attenti li ma jurtawx lil xulxin, u jneħħu, malli tinbet, kull xewka li tista' tħassar din l-armonija. Hemm żwieġ bejniethom. Il-medja toqgħod attenta li filwaqt li tagħmilha ta' paladin taċ-ċittadin li għandu d-dritt li jkun jaf, ma turtax iżżejjed lil min jinsab fil-poter u ġġib fuqha l-għadab tiegħu. Ma tistax tkisser id-danza li wieħed jiżfen għall-oħra u vice-versa. Il-mużika nipproduċuha aħna li nisimgħu, naraw u naqraw jew huma stess li jwieżnu u jitwieżnu ma' xulxin.

Kemm joqgħodu attenti l-politikanti u dawk li jgħixu il-ħajja pubblika li jidhru sbieħ mal-editorija. Ma jmurx ikun hemm min tiġih it-tentazzjoni u jikxiflu għawwaru. Il-medja toqgħod attenta li tinħabb ma' min għandu s-saħħa għax minn għand dawn tista' tislet stejjer li jagħmlu *'headlines'* u ħafna favuri oħra jekk mhux ukoll finanzi. Insomma dawra durella u żifna valzer.




Bħalma dawk li jiggvernaw m'għandhomx il-poter jekk ma nagħtuhomx is-saħħa aħna, hekk ukoll il-medja nagħtuha l-ħajja u nsostnuha aħna. Min qiegħed fil-poter qiegħed hemm bis-saħħa tal-vot tagħna u għaliex aħna u l-maġġoranza kbira ta' min hu bħalna jagħżel li jobdi l-liġijiet, ir-regolament u l-*policies* li fasslu dawk li aħna poġġejna fis-setgħa. Il-medja nsostnuha aħna, għaliex nisimgħuha, naqrawha u narawha aħna. Ma naf bl-ebda stazzjon tar-radju jew tat-televiżjoni li baqa' jxandar mingħajr is-sostenn tas-semmiegħa jew telespettaturi. Hekk ukoll ma naf bl-ebda ġurnal, magazin jew pubblikazzjoni oħra li baqgħet fis-seħħ għal ċertu żmien mingħajr is-sostenn tal-qarrejja.

U aħna li nixorbu u nassorbu dak li tisqina l-medja għandna bżonn dan il-mezz ta' komunikazzjoni pubblika. Immaġina dinja mingħajr televiżjoni, radju, gazzetti, magazins, internet, eċċ. eċċ. Speċjalment f'soċjetà demokratika bħalma hi dik tagħna l-ħelsien tal-pubblikazzjoni (*freedom of the press*) huwa essenzjali. Tradizzjonalment, il-ġurnal ħieles kien it-tarka kontra l-abbuż tal-poter, il-korruzzjoni u elf mitt ħaġa oħra ħażina li jġib miegħu l-poter. Il-poter hu meħtieġ sabiex tiġi assikurata l-liġi u l-ordni u għandu bżonn ta' riedni sodi. Il-medja ħielsa hija waħda mill-għodod biex il-poter jinżamm f'postu u fil-limiti tiegħu, tad-deċenza u ma jkunx abbużat.

Ħafna jaħsbu li jkollok medja ħielsa huwa dritt fundamentali. Mhux hekk eżattament. Id-dritt għal xandir[1] ħieles huwa riżultat tad-dritt fundamentali ta-"libertà tal-espressjoni". Fil-limiti ta' dak li huwa aċċettabbli f'socjetà demokratika sana, kulħadd għandu dritt li jgħid u jesprimi dak li jaħseb u jħoss. Dan sakemm, naturalment, ma jkunx qed jirfes id drittijiet ta' ħaddieħor jew jagħmel ħsara 'l ta' madwaru. Dak li tista' tgħid lil persuna waħda tista' tgħidu fl-istess ħin lil bosta, lil dawk tal-lokalità tiegħek, ta' pajjiżek u saħansitra lid-dinja kollha.

U bħalma hemm limiti serji għad-dritt ta' espressjoni hemm naturalment limiti serji għax-xandir. Barra mil-liġijiet tradizzjonali magħrufa bħala l-liġi ta' l-istampa,

[1] Il-kelma 'xandir' qiegħda tintuża bħala terminu ġeneriku u tinkludi kull tip ta' pubblikazzjoni ' audio viżiva'.



il-kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi għall-Awtorità u ċertu mekkaniżmu sabiex jiġi assikurat il-bilanċ fix-xandir. Il-ħtieġa tal-bilanċ kienet forsi tinħass aktar dari mil-lum meta l-mezzi tax-xandir kienu pjuttost skarsi u aktar monopolizzati. Illum bil-pluralità fil-mezzi tax-xandir il-ħtieġa tal-bilanċ għalkemm għadha hemm m'għadhiex daqshekk akuta.

Għidna li x-xandir isostni lil poter. Dan jiġri meta:

1. ix-xandir isir aktar mezz ta' propaganda milli mezz ta' informazzjoni. F'pajjiżna għandna eżempji ta' dan u ma għandniex għalfejn nelaboraw.
2. Bil-manipulazzjoni tal-fatti billi, tixxandar ċerta informazzjoni u titwarrab għal ġenb ċertainformazzjoni oħra.
3. Min qiegħed fil-poter jiġi mantnut bħala tali billi kontinwament tindaqq id-diska ta' kemm titjib qed isir u kemm dak li jkun qed jistinka.
4. Billi l-poplu ma jitħalliex jinsa għalmin qed titla' x-xemx filgħodu u min qed iżomm id-dinja fuq spallejh.

Il-poter isostni lix-xandir b'ingwanti tal-bellus, jipproteġih moralment u jinqeda bih filwaqt li jagħlfu dak li bih jgħix ix-xandir, is-sensazzjoni, is-sens ta' storja, is-sens ta' glorifikazzjoni ta' ideali u stejjer li l-poplu jħobb isegwi.

Il-medja tistrieħ fuq il-promozzjoni jew aħjar reklamar. Ir-reklamar mhux biss dak kummerċjali ta' prodotti u servizzi li jsostnu l-ispejjeż ta' xandir u pubblikar iżda wkoll tal-kontenut. F'dan is-sens il-medja tikkundizzjona, trawwem u tidderieġi l-valuri, l-opinjoni u l-kuxjenza pubblika. Il-poter jistrieħ ħafna fuq il-kundizzjonament, it-trażżin u t-trawwim tal-opinjoni pubblika. Għalhekk il-poter għandu ferm bżonn il-medja. Il-medja li ma jirnexxilhiex tinfatam mill-poter issir ilsira tiegħu u wieħed mill-istrumenti ewlieni tal-oppressjoni.

Iċ-ċensura suppost qiegħda hemm biex trażżan il-medja meta din taqbeż il-limiti tad-deċenza pubblika. Iżda ħafna drabi ċ-ċensura ma tkunx għajr mod ieħor kif il-poter ibeżbeż u jikkontrolla l-medja. Personalment iċ-ċensura tbeżżagħni. Iċ-ċensura hija dejjem sarima fuq id-dritt ta' espressjoni. Għal min jaqbeż il-limiti tad-deċenza jew jagħmel il-ħsara b'dak li jgħid u jxandar hemm liġijiet adegwati biex jissalvagwardjaw lil min jisfa' danneġġjat. Għalfejn allura ċ-ċensura biex il-medja tinżamm taħt l-ilġiem ta' min jikkmanda?

Ikun aħjar li kieku wieħed jipprovdi mezzi aktar qawwija kif il-medja tinżamm milli tħassar l-immaġni ta' nies li għandhom jew m'għandhomx x'jaqsmu xejn mal-ħajja pubblika. Nies li jisfaw il-mira ta' min jirrapporta bil-firma jiġu oskurati u flaġellati bi stejjer xintillanti. Ħafna drabi trid tistaqsi x'hemm wara dawn l-assalti bla bżonn, u x'għandhom f'moħħhom dawn ir-"*reporters*" li jġibu isimhom. F'ambjenti aktar evoluti llum hemm kuxjenza qawwija favur it-tutela tal-immaġni. Dawn hekk imsejħa "ġurnalisti investigattivi" Maltin għandhom ħafna x'jirrispondu f'dan ir-rigward. Iżda anki dawk li qegħdin fil-poter donnhom komdi b'din is-sitwazzjoni, u fejn kienu mgħaġġla jilleġiżlaw fuq kull ħaġa li joħolmu jew jisimgħu biha, din ir-rokna ta' dritt ittraskurawha. Żwieġ ieħor ta' konvenzjoni.


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu biss: 8.30am - 12.30pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



*Kummentarju (4)*

# *Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex*

## *Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?*



*diskors ta'* **ANTON TABONE** *fil-50 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex*

***Kawża Nazzjonali***

Meta ġejt avviċinat mis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Chris Said biex immexxi kumitat imwaqqaf apposta biex ifakkar b'mod denju kemm jista' jkun, il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, ħassejt sodisfazzjon kbir li xi ħadd f' dan il-pajjiż ftakar biex ifakkar avveniment importanti daqskemm hu storiku li seħħ f'Għawdex fl-1961. Avveniment li kellu ukoll rilevanza għal Malta ta' ħamsin sena ilu. Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex twieled meta Malta kienet tinsab bla Gvern għax il-Kostituzzjoni tagħha kienet ġiet irtirata mill-Awtoritajiet Kolonjali. Din is-sitwazzjoni anomala li Malta titlef il-Gvern Nazzjonali u Għawdex jakkwista l-Gvern Lokali, setgħet ħolqot xi dubji u suspetti fuq il-għan ewlieni tal-ħolqien tal-Kunsill. Għalhekk inħass il-bżonn urġenti ta' kjarifika minn naħa ta' dawk l- Għawdxin involuti fl-inizjattiva li ħadu, biex permezz tagħha, Għawdex jakkwista forma u miżura ta' awtonomija fl-amministrazzjoni tiegħu, li huma ħassew li mill-istess natura tiegħu, għandu kull dritt għalihom.

Niftakar qisu l-bieraħ meta waslet bla telf ta' żmien il-kjarifika soda u qawwija fi kliem l-ewwel President tal-Kunsill Ċiviku t-Tabib Anton Tabone, missieri, meta fid-diskors li għamel fit-Tokk, illum Pjazza Indipendenza fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-Kunsill fl-10 ta' Lulju 1961, quddiem il-Gvernatur ta' dak iż-żmien u quddiem il-mistednin u l-pubbliku, qal dan li ġej, u nikkwota:-"Anke jekk il-Kunsill Ċiviku m'għandux x'jaqsam mal-politika tal-partiti, xorta waħda jissieħeb fis-sentimenti tal-poplu Malti u Għawdxi għar-rikonoxximent tad-drittijiet fundamentali u politiċi ta' dawn il-gżejjer. L-episodju tal-Gvern Lokali Għawdxi m'għandux jitqies, lanqas għall-mument wieħed biss, li kien sejjer jifred lill-Għawdxin minn Malta jew li kien sejjer jifridhom mill-kawża nazzjonali Maltija, li minn dejjem kienet u tibqa' il-kawża ta' Għawdex ukoll. Meta l-Gvern kostituzzjonali jerġa' jiġi mwaqqaf għall-poplu ta' dawn il-gżejjer, Għawdex ikompli jibgħat ir-rappreżentanti parlamentari tiegħu biex jissieħbu fir-responsabbiltajiet ta' l-Amministrazzjoni ta' dawn il-gżejjer."

Ħassejt li għandi nibda d-diskors tiegħi billi nirrakkonta u nikkwota propju minn dan l-episodju, għax nemmen li dan għandu jservi ta' stqarrija dejjiema tagħna l-Għawdxin, li meta nkunu qegħdin naqbżu għall-interessi ta' Għawdex tagħna, dan nagħmluh b'dover mistħoqq lejn gżiritna u niesha, imma nagħmluh dejjem ukoll f'kuntest nazzjonali, konvinti u mseħbin fil-fehma li Għawdex jifforma parti integrali mill-kuntest u mit-tessut nazzjonali, u li l-avanz ekonomiku u soċjali tiegħu jikkontribwixxu għal ġid tan-nazzjon kollu. Għaldaqstant l-interess Għawdxi fl-Arċipelagu Malti huwa minsuġ fil-kawża nazzjonali. Infatti ma ninsewx li Għawdex, permezz ta' uliedu minn dejjem kien fuq quddiem nett fit-taqbid favur drittijiet nazzjonali. Anzi ssib lil min isostni li l-Għawdxin huma iżjed nazzjonali, għax dejjem ivvutaw bi ħġarhom favur kawżi nazzjonali u ipparteċipaw iktar fihom. Għalhekk għandi għax naħseb, li kien dan is-sentiment li għaqqad lill-Għawdxin ħamsin sena ilu meta fittxew mudell li seta' jaqdi l-aspirazzjonijiet tagħhom biex iħares u jassigura l-progress ta' gżirithom u jara li dan il-progress għandu f'kull żmien jimxi pari passu ma' dak ta' Malta. Nixtieq naħseb, anzi nħossni żgur, li s-sentimenti li ħarġu bihom ħamsin sena ilu dawk li ġew qabilna, għadhom ħajjin u jbaqbqu ġo fina llum il-ġurnata.

***It-Tifkira***

U hu propju għalhekk li ninsabu miġburin hawnekk f'din l-okkażjoni li qed isservi ta' tifkira tal-ġrajja ta' ħamsin sena ilu. Miġburin mhux biex neċessarjament nagħmlu post mortem, għax maż-żmien qed niskopru li l-mudell baqa' ħaj u validu anke għaż-żminijiet ta' llum. Naħseb li l-aħjar mod kif dan l-avveniment għandu jiġi mfakkar huwa billi nħarsu lura lejn il-ħolqien u l-operat tal-Kunsill matul iż-żmien tiegħu ta' bejn l-1961 u l-1973, u nħarsu 'l quddiem fuq x'tagħlimiet akkwistajna mill-esperjenzi li ħarġu minnu. Nemmen li l-attivitajiet ta' tifkira għandhom jilħqu lill-pajjiż kollu kemm hu, għax il-Kunsill Ċiviku għalkemm kien jitħaddem speċifikament fil-gżira ta' Għawdex, kien ukoll żvilupp istituzzjonali li serva u interessa lil Malta ukoll. Kien u baqa' suġġett ta' rilevanza fil-ħsieb tal-pajjiż. Effettivament il-Kunsilli Lokali kif nafuhom illum, twaqqfu fis-sena 1993, għoxrin sena eżatt wara li l-Kunsill Ċiviku ġie abolit. Għalhekk l-okkażjoni ta' dan l-Anniversarju għandha sservi ta' eżerċizzju f'eżami ta' skrutinju u ta' tagħlimiet bl-iskop li nkunu qegħdin nesploraw jekk hux il-każ, li nerġgħu nintroduċuh jew inġedduh għal żminijietna. Ma ridniex, u fil-verità lanqas stajna nfakkru dan l-avveniment b'mod simboliku biss, billi mmorru npoġġu bukkett fjuri mal-mafkar tiegħu. Fil-verità mafkar fiżiku ma jeżistix, iżda memorji ta' l-operat u tar-riżultati miksuba għandna kemm irridu, basta nfittxuhom u nirrikonoxxuhom bħala tali.

Qabel xejn irridu nifhmu u nżommu f'moħħna, li l-ħolqien tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fis-sena 1961 kien l-ewwel eżerċizzju ta' deċentralizzazzjoni u ta' devoluzzjoni vera u proprja f'dan il-pajjiż. Permezz tal-ħolqien tiegħu ġie applikat il-prinċipju ta' sussidjarjetà, jiġifieri li dak li jista' jiġi deċiż u attwat mill-bażi tas-soċjetà, għandu jseħħ f'dak il-livell. Il-Kunsill Ċiviku daħħal b'saħħa fil-pajjiż il-kunċett tar-reġjonalità għax ħareġ fil-beraħ id-dimensjoni tal-gżira. Għiegħel, anzi obbliga, li tħares lejh mill-perspettiva li hu jkopri lill-Għawdex kollu fil-governanza tiegħu, u li konsegwenza t'hekk daħħal fil-prattika l-awtonomija reġjonali fl-amministrazzjoni tiegħu, kif ukoll fil-konsiderazzjonijiet nazzjonali li jirrigwardawh. Għaliex dan il-Kunsill inħoloq biex jiġbor fih amministrazzjoni waħda, reġjonali u rappreżentattiva tal-gżira kollha, iffukata kollha kemm hi fuq il-progress tagħha, u dan sintendi f'kuntest nazzjonali ukoll.



## *Il-Frott*

Il-Kunsill ta lill-Għawdex għodda u leħen li seta' jużahom għall-benefiċċju ta' l-iżvilupp ġenerali tiegħu u ta' niesu. L-iżvilupp infrastrutturali u soċjali li seħħ fi żmien il-Kunsill, jew li jaf il-bidu tiegħu fi żmienu, bl-assistenza ukoll tal-Gvern Ċentrali, kien jikkonsisti f'diversi proġetti kbar ta' benefikat fit-tul għal Għawdex u għall-Għawdxin. U naħseb li jkun utli u xieraq li jissemmew f'din iċ-ċirkostanza. Bħat-tkabbir tal-port ta' l-Imġarr, iċ-ċavetta ta' l-iżvilupp tal-komunikazzjonijiet tal-gżira; bini ta' sptar ġdid f'Ta' l-Ibraġġ; bini tal-Istitut Tekniku fil-Kumpless ta' l-Edukazzjoni; il-bini ta' l-ewwel fabbriki moderni ġox-Xewkija; l-ewwel djar soċjali f'Taċ-Ċawla; l-impjant ta' desalinizzazzjoni tal-ilma baħar fil-periferija tal-Qala; l-ewwel impjant tat-tarmak f'tarf ir-Rabat; bini ta' l-ewwel *playing fields* f'diversi lokalitajiet flimkien mal-manutenzjoni tagħhom; l-amministrazzjoni ta' l-indafa pubblika mal-gżira kollha; bini ta' *bus terminus* fir-Rabat biex jaqdi d-destinazzjonijiet kollha tal-gżira; nistgħu ukoll ngħidu li l-ewwel żvilupp veru fit-turiżmu tal-gżira ra l-bidu tiegħu fi żmien il-Kunsill b'investiment privat f'bini ta' lukandi kbar f'Sannat u f'Marsalforn; inkwantu għall-komunikazzjonijiet ma' Malta u għal dak li jissejjaħ trasport veloċi fuq il- baħar, ta' min isemmi li f'dak iż-żmien ġie introdott minn kumpanija privata servizz b'Aliscafo, li kien jaqsam bejn l-Imġarr u l-Port il-Kbir f'nofs siegħa; kif ukoll it-twaqqif ta' kumpanija privata oħra, din id-darba ta' l-Ajru, li xtrat u ġabet hawn Malta ajruplan tat-tip 'Islander' biex jibda jagħti dan is-servizz; saħansitra sa triq fil-baħar kienet tissemma; l-estensjonijiet tas-servizzi tal-elettriku, tal-ilma, tat-telefonija u tad- drenaġġ fl-irħula kollha ma naqsux, u iktar minn hekk ukoll!

## *Saħħa Morali*

Dawn huma kollha akkwisti li għamel Għawdex bis-saħħa tal-Kunsill Ċiviku. Jekk mhux bis-saħħa tal-finanzi li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, imma żgur bis-saħħa tal-persważjoni u bis-saħħa morali li kien jippossiedi u jgawdi fl-aħjar żminijiet tiegħu, u li bihom influwenza lill-klassi politika u governattiva tal-pajjiż ta' dak iż-żmien favur investiment qawwi, kemm pubbliku kif ukoll privat ġo Għawdex. Din is-saħħa morali kienet ġejja mill-fatt li għalkemm il-Kunsill twieled propju biex ikun jista' jirrakkomanda b'qawwa lill-gvernijiet ċentrali rimedji għall-problemi u nuqqasijiet li kienu jeżistu fil-gżira, kellu imma ukoll missjoni ċara quddiemu, u cioe' dik li tagħtih identità u emanċipazzjoni permezz ta' status politiku/reġjonali u statura soċjali fil-ħajja nazzjonali. Infatti Għawdex beda dejjem iżjed jiġi kkunsidrat fid-dimensjoni reali tiegħu ta' gżira b'ramifikazzjoni reġjonali, u ma baqax iżjed ikkunsidrat biss bħala sempliċi distrett elettorali, u ftit li xejn iktar! Dik ta' distrett elettorali kienet sitwazzjoni li tumiljah u ċċekknu għax tneżżgħu mill-ħafna karatteristiċi uniċi li jippossiedi, u tneżżgħu ukoll mill-potenzjal li joffri għalih u għan-nazzjon. Għalhekk il-kunċett ta' gżira reġjun beda jaqbad art u infatti l-Ordinanza tal-1961 li waqqfet lill-Kunsill Ċiviku għadha, fl-opinjoni tiegħi, taħt ħafna aspetti validi anki għaż-żminijiet ta' llum. Dik l-Ordinanza, ħamsin sena ilu istituzzjonalizzat u kkaratterizzat ir-reġjonalità amministrattiva u soċjali tal-gżira Għawdxija.U kieku dik l-Ordinanza kellha tiġi introdotta llum , x'aktarx kienet tinbidel biss il-kelma Ċiviku ma' dik Reġjonali biex tiġi tinqara l-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex minflok il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.

## *Gżira Reġjun*

L-istatus u l-istatura li semmejt għandha toħroġ mid-definizzjoni politika li taspira għaliha l-gżira ta' Għawdex, u cioe' politika mhux ta' l-ilwien -blu, aħmar jew aħdar- kif ħafna minna jifhmu bil-kelma politika. Imma bit-tifsira vera tagħha ta' *policy*, ta' viżjoni, ta' missjoni, ta' *mission statement*, ta' emanċipazzjoni, ta' identità. Għawdex mhux territorju fiżikament magħqud ma' dak ta' Malta, għax bejniethom hemm baħar jaqsam, jifred. Hekk ħolqitu n-natura. Dik hi r-realtà. U min jirrispetta n-natura, irid ibaxxi rasu quddiem ir-realtà. Għawdex mhux kolonja ta' Malta! M'għandux ikun iċ-ċenerentola, is-Cinderella tal-Gżejjer Maltin! Mela x'inhu Għawdex għal Malta? Għawdex bla l-iċken dubju u bla ebda eżitazzjoni, jikkwalifika b'mod sħiħ bħala Reġjun ta' Malta. Anzi Gżira Reġjun. Infatti nippretendi li għandu jkun hawn kunsens ġenerali fil-pajjiż li taħt kull definizzjoni — sew jekk mil-lat ġeografiku, storiku, kulturali, ekonomiku jew mil-lat ta' żvilupp — Għawdex hu tabilħaqq Gżira Reġjun. Ħlief, ironikament mil-lat

politiku. Jiġifieri, l-istituzzjonalità formali u uffiċjali tiegħu bħala Gżira Reġjun baqgħet mhix strutturata. Għalkemm snin wara Għawdex jissemma bħala gżira reġjun fid-dokument uffiċjali tad-Dikjarazzjoni fuq Għawdex mehmuża mat-trattat ta' adeżjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fit-2004; u iżjed riċenti, kif jissemma bħala wieħed minn ħames reġjuni fl-Arċipelagu Malti li twaqqfu taħt Kumitati (u mhux Kunsilli), iffurmati mis-Sindki Lokali, imma fejn m'hemm l-ebda distinzjoni bejniethom b' riferenza speċifika għal Għawdex bħala Gżira Reġjun. U kif kulħadd imissu jkun jaf, hemm tassew baħar jaqsam bejn reġjun ordinarju u gżira reġjun. B'kuntrast, għal fini tal-kommemorazzjoni ta' llum, nkomplu niskopru li l-Ordinanza li waqqfet il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex ħamsin sena ilu, tirrikonoxxi b'liġi struttura reġjonali speċifika għall-gżira, filwaqt li llum ħamsin sena wara ninsabu rinfaċċjati bil-mankanza ta' tali struttura jew waħda simili. Dan jista' jfisser biss li jew il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex ġie ħamsin sena qabel iż-żmien, jew li aħna ninsabu quddiem l-istorja ħamsin sena wara ż-żmien! Kull kif, fl-opinjoni umli tiegħi dan l-inkwadru qed joħloq inġustizzja storika li titlob li tiġi indirizzata bla iktar telf ta' żmien.

### *Żviluppi Oħra*

Mhux għax ma kienx hemm żviluppi oħra favur Għawdex wara t-tmiem tal-Kunsill. Il-ħolqien ta' Ministeru għal Għawdex b'Ministru dedikat għalih waħdu, kien żvilupp maġġuri u epokali favur id-destin tal-gżira. L-istess ħolqien ta' dan il-Ministeru fis-sena 1987, sitta u għoxrin sena wara l-bidu tal-Kunsill, u erbatax-il sena wara tmiemu, kienet deċiżjoni politika kuraġġuża li ttieħdet in parti biex tirrikonoxxi li Għawdex għandu jkollu status speċjali politiku amministrattiv, minħabba ir-realtà partikulari u unika tiegħu bħala t-tieni l-ikbar gżira abitata ta' l-Arċipelagu Malti; iżda però tali rikonoxximent naqas, kif rajna diġà, jirreġjonalizzah *de facto*. Il-Ministeru ta lill-Għawdex viżibbiltà u leħen fil-Kabinett tal-Ministri, u per konsegwenza poġġieh f'dak il-livell fl-istaġuni kollha. Seħħet b'hekk, evoluzzjoni fl-amministrazzjoni tal-gżira, minn waħda ta' għamla reġjonali li ta l- Kunsill Ċiviku, għal dik wara ħafna snin, ta' għamla Ministerjali. U għal xi żmien donnu li kien instab il-bilanċ fir-rimedju aħħari għall-aħjar andament tal-amministrazzjoni tal-gżira. Sakemm sitt snin wara fis-sena 1993 twaqqfu l-Kunsilli Lokali kif nafuhom illum, erbatax minnhom fil-gżira Għawdxija. U reġa' nfetaħ id-diskors u l-konsiderazzjonijiet ta' natura lokali u reġjonali fl-amministrazzjoni tal-gżira.

Għalhekk l-evoluzzjoni fil-ħsieb, imma ukoll fil-prattika baqgħu u jibqgħu għaddejjin.

### *Il-Mudell*

Iżda wieħed irid jgħid li l-introduzzjoni tal-Kunsilli Lokali, iżolati waħedhom u għalihom, ma jikkostitwux stat ta' reġjonalità jekk dawn ma jingħaqdux flimkien biex jirrappreżentaw reġjun sħiħ u identifikabbli. Għalhekk l-idea fuq Amministrazzjoni Reġjonali għal Għawdex terġa' tfeġġ fil-kunsiderazzjonijiet u l-eżiġenzi tal-pajjiż. Ċertament mhux għall-esklużjoni tal-Kunsilli Lokali kif nafuhom illum, jew għall-esklużjoni tal-Ministeru Għawdxi għax dak għandu jibqa' ankrat, imma kumplimentari u konverġenti magħhom. Nemmen b'konvinzjoni li jeżisti l-ispazju dovut għalihom kollha biex jinħoloq l-aħjar bilanċ b'formula amministrattiva li tkun tista' tagħmel ġustizzja sħiħa ma' Għawdex fid-dimensjoni tiegħu ta' gżira. Fuq livell lokali, reġjonali, parlamentari u ministerjali, li flimkien jilħqu l-livell nazzjonali. Terġa' u tgħid li minn meta pajjiżna sar membru tal-Unjoni Ewropea il-kunċett reġjonali kompla jissaħħaħ bla qies. Dan hu kunċett li baqa' jiġri warajna anke meta żżarmat l-istituzzjoni fil-1973. Infatti t-tema taħt forma ta' mistoqsija li qed tagħmel din il-Konferenza hija "Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex—Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur?" Nistqarr, jekk mistoqsi, insib ruħi bla ebda riżervi favur Mudell Reġjonali mill-ġdid għall-Futur, li nirrepeti, flimkien mal-Kunsilli Lokali u mal-Ministeru, ikun f'pożizzjoni li jista' jassigura l-aħjar ekwilibriju politiku, jipprovdi l-aħjar ġustizzja soċjali u joħroġ l-aħjar potenzjal fl-infrastruttura tal- governanza tiegħu billi din il-formula sa fl-aħħar, tkun tista' takkwistalu l-emanċipazzjoni u l-awtonomija amministrattiva bid-dritt u bis-saħħa li tħaddan u tapplika politika reġjonali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali fi sfond nazzjonali. U dan tagħmlu għall-benefiċċju ta' Għawdex u tal-Għawdxin kif ukoll tal-pajjiż kollu kemm hu. Il-formula preċiża kif dawn il-livelli ta' rappreżentanza, kull livell fl-iskala tiegħu, jitħaddmu flimkien b'mod kumplimentari u konverġenti trid tiġi studjata; għax żgur li dan l-indirizz m'għandux il-kompitu li joffri soluzzjoni definittiva. Ikun biżżejjed li wieħed jisħaq fuq il-validità tal-kunċett u li jixpruna dibattitu fuq l-istrutturi u d-dinamika meħtieġa biex jiġi realizzat.

Niftakar lill-missieri jipprotesta li Għawdex qisu — is-Sinderella — tal-Gżejjer Maltin. Madankollu nibqa' nittama li l-ħidma ta' l-istess Kunsill Ċiviku u l-ħidmiet kollha li seħħew warajh, għenu u baqgħu jgħinu biex il-gżira Għawdxija bis-sbuħija tagħha, bil-ħiliet ta' l-Għawdxin, u bis-saħħa tal-liġijiet tal-pajjiż, issir minflok il-Prinċipessa tal-Gżejjer Maltin.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# *"TAW ĠIEĦ LIL ARTHOM"*
# *tal-Kav. Paul Saliba*




***Pubblikazzjoni tal-awtur. L-Ewwel Edizzjoni, Malta 2011. Stampat fil-Gutenberg Press, paġni 304. Jinbiegħ €15 mil-'Lumen Christi Bookshop', Triq Fortunato Mizzi, Victoria.***

Meta ġejt mitlub biex nikteb din ir-reċensjoni dwar din il-pubblikazzjoni li tana f'idejna dan l-aħħar il-Kav. Paul Saliba, għal iktar minn tletin sena Editur tal-ġurnal ta' darba fil-ġimgħa *Leħen is-Sewwa,* ma stajtx nibqa' lura, għax il-bijografija dwar persunaġġi magħrufa u inqas magħrufa li b'ħidmiethom u b'għaqalhom taw ġieħ lil arthom, minn dejjem interessatni.

Dan il-ktieb ta' madwar 300 paġna kien stampat għand il-Gutenberg Press fuq karta artistika mill-isbaħ u ssettjat u prodott mill-artist grafiku Gorg Mallia li kien responsabbli wkoll mid-disinn li naraw fuq il-qoxra bil-kulur.

F'kelmtejn ta' introduzzjoni li għamel għal dan il-ktieb il-President Emeritus Dr Ugo Mifsud Bonnici, isostni li l-memorja tal-bnedmin li jkunu mxew sewwa hija wtieqa u għalhekk huwa importanti li nesponu l-figura ta' nies li fil-ħajja soċjali u ċivili Maltija ddistingwew rwieħhom. In-nies magħżula huma fost il-protagonisti l-iktar prominenti tax-xena ta' Malta u Għawdex f'dawn l-aħħar mitt sena. Niltaqgħu wkoll ma' profili ta' nies li ma kinux Maltin iżda xorta waħda ħaqqhom mhux biss stima imma wkoll li jiġu indikati għall-ammirazzjoni u imitazzjoni ta' kulħadd. Dan il-ktieb mill-ġdid qed jagħti l-ħajja lill-memorja sabiħa ta' nies li tieħu pjaċir tiftakar fihom. Huwa xogħol li jinqara u li wieħed jista' faċilment jikkonsulta bħala riferenza, suppliment tad-Dizzjunarji Bijobibbljografiċi.

Kif jistqarr l-awtur innifsu, dan il-ktieb tiegħu jiġbor fih mużajk ta' persunaġġi Maltin u Għawdxin kif ukoll xi barranin, li f'ħajjithom ħadmu f'varjetà wiesgħa ta' professjonijiet bħal ngħidu aħna: saċerdoti u sekulari, ġudikanti u avukati, tobba, politiċi, nies tal-kultura, ġurnalisti, sportivi, ħaddiema, għalliema u persuni li taw sehemhom fl-appostolat tal-Knisja u f'għadd ta' oqsma oħra. B'eċċezzjoni ta' ftit, il-kotra l-kbira minnhom, l-awtur kien jafhom mill-qrib u għalhekk ħass li għandu jżewwaq dak li kiteb fuqhom b'xi episodji personali li ftit li xejn huma magħrufa.

Fost il-persunaġġi barranin imdaħħla fil-ktieb, hemm uħud li l-awtur kien jafhom sew u kellu kuntatt regolari magħhom u f'xi każijiet anke' ħadem magħhom, bħal Professur Vittorio Bachelet, li kien il-President tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura fl-Italja li nqatel mill-Brigate Rosse; it-trejdjunjonista rivoluzzjonarju Skoċċiż Hamish Frazer, li ġġieled fl-Armata Internazzjonali l-Ħamra fil-Gwerra Ċivili ta' Spanja u wara kkonverta għall-Kattoliċiżmu; il-Professur Petro Insana li ħafna għadhom jiftakruh meta kien Direttur tal-Istitut Kulturali Taljan f'Malta u oħrajn. L-awtur ħa ħsieb jipprovdilna wkoll ritratt ta' kull persunaġġ li għażel li jikteb dwaru.

Nieħu gost nirrimarka li għalkemm il-Kav. Paul Saliba forsi mhux daqstant midħla ta' gżiritna, xorta għogbu jinkludi xi persunaġġi Għawdxin li għamlu ġieħ mhux biss lill-gżira ċkejkna tagħna li tathom il-ħajja, iżda lin-Nazzjon Malti inġenerali kif għadna nsibu fil-każ ta' xi oħrajn ankè llum. Fost dawn l-awtur jinkludi lit-Tabib Anton Tabone, magħruf fostna bħala *l-Prinċipal* (kien it-tabib kuranti li missieri kien iġib id-dar meta xi ħadd minna kien iħossu ma jiflaħx), il-bniedem li waqqaf il-Kunsill Ċiviku 50 sena ilu u li Monument (life size) tiegħu tistgħu tarawh qabel tidħlu l-Isptar Ġenerali tagħna. Pawlu Saliba ma setax ma jkunx jaf mill-qrib lill-Isqof Emeritus Mons Nikol Cauchi li min jaf kemm ippubblikalu xogħol fuq il-ġurnal *'Leħen is-Sewwa'* u li l-awtur isejjaħlu "Bniedem ta' karattru dħuli, mogħni b'dehen u ħeġġa pastorali u b'kultura vasta". Persunaġġ ieħor li Saliba ma setax iħalli barra huwa bla dubju ta' xejn il-Professur Ġużè Aquilina, xempju ta' intellettwali tassew kattoliku, li ħabb lill-Knisja, lil Pajjiżu, u lill-Ilsien Artu. Fiż-żmien li l-Kav Paul Saliba kien jattendi l-Qorti t'Għawdex bħala Ġudikatur fit-Tribunal għat-Talbiet Żgħar, huwa sar jaf lill-Avukat Michael Grech (li jien għallimtu l-Malti fil-Liceo Ninu Cremona). L-awtur jistqarr li f'medda ta' sitt snin dan l-avukat żagħżugħ kien ħalla fih l-impressjoni ta' bniedem professjonist serju, ippreparat f'dak li ried jesprimi u li kien jesponih bil-kalma u fl-istess ħin bil-forza tal-konvinzjoni. "Fih dejjem għaraft il-professjonist integru". Il-Poeta taż-Żgħożija, Ġorġ Pisani wkoll insibuh fost l-Għawdxin li ġibdu l-attenzjoni u l-ammirazzjoni tal-awtur tal-ktieb *Taw Ġieħ lil Arthom* u bir-raġun, għax Pisani kien il-bniedem li introduċa l-istudju tal-Malti lill-istudenti tas-Seminarju Veskovili t'Għawdex u lill-Għalliema tal-Iskejjel Primarji li kienu jattendu l-*Post Certificate Course* 1936. Kien maħtur l-ewwel Surmast tal-Malti fil-Liceo t'Għawdex (1933 – 1940) fejn jien komplejt fuq il-passi tiegħu ħafna iktar wara fl-1969.

*Taw Ġieħ lil Arthom* fih minjiera ta' tagħrif dwar għadd sabiħ ta' persuni li komplew jagħnu lill-gżejjer tagħna. Jinbiegħ għal prezz ta' ħmistax-il ewro imma nassikurakom li jiswa wisq iktar u ssibuh għand il-librara ewlenin fosthom fil-Victoria għand il-"Lumen Christi Bookshop", fejn issibu varjetà ta' kotba bil-Malti u ta' bixra reliġjuża.

***Kav Joe M Attard***

*Ftit fatti u kummenti*

# *Is-Sajf Għawdxi: dari u llum*



*kitba ta'* Dr. MARIO SALIBA MD MSc MMCFD

Illum fis-sajf ma tantx għadek tista' tmur ftit ħdejn il-baħar għall-kwiet, għax il-bajjiet tagħna, tista' tgħid, kollha huma bilwisq differenti minn ta' dari fejn konna mmorru għall-mistrieħ fis-sajf. Il-bajjiet tal-lum huma mimlija b'ħafna lukandi, restoranti, bars mimlija turisti Ingliżi b'żaqqhom mimlija birra, diskoteki, u flattijiet, xi wħud minnhom orribbli bl-istorbju ħiereġ mit-twieqi u l-gallarijiet. Fit-toroq tara xebbiet u nisa bit-tupisis imqaċċtin, xi wħud minnhom qishom iridu jixbħu lil Eva li għadha taħsibha jekk tilbisx il-werqa tat-tin jew tad-dielja. Tara wkoll żgħażagħ u irġiel imdandna, gabbani tas-suvenirs u kremi tas-sbuħija, u oħrajn tal-ikel Amerikan jew Ciniż. Altru li s-sajf Għawdxi mhux kollu kwiet għalina l-Għawdxin.

Xi ftit tal-għażż kulħadd jaqbdu fil-ħedla tas-sajf u trid jew ma' tridx ikollok tqassas xi ftit mir-ritmu mgħaġġel tas-soltu. X'hemm aqwa milli toqgħod titgħażżen, tisma' xi ftit għana Maltija jew taqra xi ktieb għad-dell ta' xi siġra? Jew taqbeż ftit fil-baħar biex tiffriska mis-sħana tax-xemx? Virġilju tant kien jemmen fil-mistrieħ (għażż) tas-sajf li kien igħid: "L-allat tawna dan l-għażż!" Hawn il-kelma għażż ma tfissirx taħrab ix-xogħol imma tfisser ukoll serħan, sliem, kalma, mogħdija taż-żmien, saħansitra waqfa ta' riflessjoni billi taqra xi ktieb, sempliċement tirrifletti jew taħseb jew tippjana għall-kwiet. Ċiċerun igħid li ma hemmx ħabib aħjar mill-ktieb meta wieħed imur ħdejn il-baħar jew fil-kampanja. Naturalment, l-għażż u l-kalma li taħkem fis-sajf jistgħu jkunu ta' okkażjoni biex wieħed isib iktar ħin għall-qari. Mhux l-iskop tiegħi li nġegħlkom tgħaddu s-sajf kollu taqraw u tqallbu l-kotba, imma żgur li fid-dar hemm xi ktieb li kontu ddubbajtu jew xtrajtu fix-xitwa li dejjem xtaqtu taqraw imma qatt ma' sibtu l-ħin għal dan. Għalhekk sib dak il-ktieb u aqrah, u barra li tieħu gost ma tkunx ħlejt sajf sħiħ!

### *X'inhu s-sajf?*

Jekk bis-sajf nifhmu l-ewwel għawma, allura s-sajf jibda bilwisq qabel il-21 ta' Ġunju meta suppost naqilbu għas-sajf. Imma skont il-qawl Malti: "Qabel il-ħġejjeġ tbiddilx il-ħwejjeġ", jiġifieri qabel il-festa ta' San Ġwann l-Għammiedi fl-24 ta' Ġunju meta kienu jsiru l-ħġejjeġ, ma' jaqbillekx taqleb għall-ħwejjeġ tas-sajf. Iżda s-sajf ikollu l-preludju tiegħu nhar San Girgor li jiġi l-Erbgħa ta' wara l-Għid il-Kbir. Iżda l-veru għawm kien jibda nhar Lapsi, 40 jum wara l-Għid. Tradizzjonalment, Kristu jitla' s-sema u ħafna jfittxu l-baħar biex jieħdu qabża u jgħoddsu!

Is-sajf Għawdxi għandu dehra differenti u l-istorbju tiegħu, li huma tipikament Mediterranji, imma tipikament Għawdxin ukoll. Għandu d-dehra ta' għelieqi nexfin, imma ukoll ta' frott bnin u mmerraq. Għandu d-dehra ta' toroq u knejjes imżejnin u l-ħoss tal-qniepen festivi, tal-marċijiet, tal-logħob tan-nar, ta' każini tal-banda lesti għall-festi bil-faċċati mżejnin u bin-nies jixorbu l-birra u l-minerali, tal-bejjiegħa tal-qubbajt u l-pastizzi, tan-nies iċapċpu quddiem il-vara, jew nies iċafċfu fil-baħar, jew jiddevertu waqt xi barbikju jew jitlajjaw sa tard bil-lejl f'xi diskoteka. Is-sajf Għawdxi hu żmien storbjuż, hekk kien u aktar sar!

Fis-sajf in-nies idumu ma' jorqdu, imma meta jorqdu jkarkru magħhom siegħat twal ta' mistrieħ sa tard filgħodu. Għalmin ibakkar is-skiet tas-siesta jinħassu b'mod partikulari fl-irħula fejn id-dellijiet, il-għomma u t-telqa', jindiesu mal-ħitan tad-djar imkenna f'toroq dojoq. Ħafna jimtlew b'enerġija f'raqda qasira waqt il-qilla tax-xemx biex itawlu matul il-lejl. Is-sħana tax-xemx mhux talli toħdilna l-enerġija li jkollna imma trattab l-asfalt tat-toroq u tqarrqaċ saħansitra l-ġebel tal-franka u l-bjut tal-konkrit.

Is-sajf ifisser vaganzi għal ħafna f'xi dar villeġġatura. Il-vaganzi jistgħu ukoll ikunu mfissra fis-safar barra minn Malta li jqanqal din ix-xewqa li nbiddlu l-iżolament doppju tagħna b'firxa iktar kontinentali. Fejn qabel konna naslu sa Sqallija, gżira li tibqa' sabiħa u qrib tagħna, issa sirna naħartu l-kontinent f'ġimgħa jew immorru anke f'xi kontinent ieħor, fl-Orjent jew f'xi gżejjer eżotiċi. Saret drawwa ukoll li nieħdu dawra fuq vapur madwar il-Mediterran u jekk il-baħar u l-ħafna ikel u xorb żejjed ma jkunux għamlulna d-deni, insibu ħin biex niskopru l-kultura ta' diversi pajjiżi madwar il-kosta tal-Mediterran.

### *Is-sajf fil-qwiel*

Is-sajf fil-qwiel Maltin għandu ħafna tixbihat. "Fis-sajf il-maħruq jinqala' l-ħruġ", fis-sens li fis-sħana tas-sajf infittxu x'imkien anke barra fejn hu aktar frisk. Illum ma tantx għadu jgħodd dan il-qawl għax in-nies iktar tfittex toqgħod ġewwa għall-arja kondizzjonata. Fuq l-istess tema huwa l-qawl: "Fis-sajf toħroġ tifel u tidħol xiħ", b'riferenza għas-sħana li jkun hemm barra li tifilġek u tifnik. Qawl li jirrifletti l-faqar ta' dari huwa dan: "Is-sajf



kabozza tal-fqir", għax fis-sajf il-fqir ma jkollox bżonn għata li tkennu mill-kesħa u l-bard. Mhux illum, għax lanqas ix-xitwa m'għada tinkwieta lil min iħobb iqaċċat.

"Fis-sajf zokk jitimgħek u l-blata traqqdek", jiġifieri fis-sajf issib x'tiekol minn xi siġra u tista' torqod anke fl-art. Dawn il-qwiel juru l-faqar ta' dari. "Meta s-sħana tagħmel bina, n-nagħġa ttina pila", jiġifieri meta r-raħħala jġiżżu n-ngħaġ f'Lulju, is-sħana tkun waslet fl-eqqel



tagħha. Dawn huma kollha qwiel marbuta mas-sajf bħala staġun li juru l-ħajja f'Għawdex tagħna tal-imgħoddi. Iżda kull xahar tas-sajf Għawdxi għandu l-qwiel tiegħu li huma bħal kalendarji għall-bdiewa u għar-raħħala. Skont Victor Galea[1] hawn Għawdex ngħidu li f'San Lawrenz, 10 ta' Awwissu, jaqtgħu l-ħarrub u f'San Mattew li jaħbat fil-21 ta' Settembru jiżirgħu t-tewm, li ġeneralment ikun tip ta' tewm li jgħidulu tar-ras. Dan jinżera' lejn l-aħħar ta' Settembru biex jilħaq xi ftit xita għax ma jkunx fis-saqwi. It-tewm l-ieħor jew tal-qatta jinżera' fil-bikri f'Awwissu f'postijiet bħal Lunzjata fejn hemm l-ilma. "Santa Marija f'nofs Awwissu u kulħadd jieħu li jmissu", b'riferenza għall-ħlas tal-qbiela li l-bdiewa u r-raħħala jagħmlu f'Santa Marija. Dawn il-qwiel jagħtuna kwadri ta' Għawdex fl-antik li għadda żmienu u li baqgħu biss fil-pitturi fuq it-tila jew fir-ritratti antiki f'xi album, li jqajmu nostalġija u fl-istess ħin stagħġib għal kif inbidel Għawdex tagħna.

Il-progress fl-aħħar 40 sena ta dehra ġdida lis-sajf u ta modi ġodda kif ngħixuh, sew fix-xtut u sew fit-toroq, modi ta' ikel u xorb differenti, teknoloġija moderna kif intaffu s-sħana, u kif nerfgħu u nsajru l-ikel, mezzi iktar sofistikati kif nivvjaġġaw, kif niddevertu fuq il-baħar, kif nilqgħu għas-sħana tax-xemx tisreġ fuq il-ġilda, mużika u saħansitra tibdil fl-imġiba u l-valuri li huma l-karatteristiċi soċjali tas-sajf modern. Il-konsumeriżmu tal-lum ġab miegħu żieda fil-ħmieġ u l-iskart fit-toroq, bi fliexken vojta tal-plastik u kaxxi tal-pizza, bottijiet u karti tal-ġelat, fliexken vojta tal-birra fuq ix-xtut u anke fil-pjazez. Li hemm bżonn huwa ftit iktar sens ċiviku biex inżommu fejn inkunu nadif billi ma nħallux dan il-ħmieġ warajna.

Ċertament li llum it-teknoloġija għenitna biex intaffu xi ftit mill-qilla tas-sħana tas-sajf, imma ħafna tiġihom nostalġija għall-ħajja sempliċi u iktar kwieta tal-imgħoddi. Dan huwa s-sajf Għawdxi tal-lum b'taħlita ta' kuluri, festi, ħsejjes, baħar u xalar, b'differenza kbira minn dak li kien dari fl-istil u l-mezzi bħala żmien ta' mistrieħ.

[1] Galea Victor J. *Qwiel u Qaddisin. Folklor u Twemmin f'Għajdut il-Maltin u l-Għawdxin*. Calypso Publications, 1999.

**Peter's Butcher Shop**

***For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...***

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

*Bi tħejjija għall-miġja fostna tas-Sorijiet tal-Klawsura*

# IL-KLARISSI FOSTNA! BAQGĦAL

## 1 IL-ĦAJJA KKONSAGRATA RIGAL TA' ALLA LILL-KNISJA

*Papa Ġwanni Pawlu II :*

"Il-ħajja kkonsagrata mhux biss kienet ta' għajnuna kbira għall-Knisja fl-imgħoddi… iżda hija rigal **prezzjuż u meħtieġ** għall-preżent u għall-ġejjieni tal-poplu t'Alla.

Il-ħajja kkonsagrata hija parti intima mill-ħajja, mill-qdusija u mill-missjoni tal-Knisja."

*(Eżortazzjoni Appostolika, "Vita Consacrata", 25 ta' Marzu 1996)*

**"Irġiel u nisa kkonsagrati**

Intom it-teżor l-aktar prezzjuż u insostitwibbli tal-Knisja" – (il-Knisja ma tistax tgħaddi mingħajrkom).

*(2 ta' Frar 1994)*

*Papa Benedittu XVI :*

"Quddiem il-bżonn li ninqatgħu mir-rutina ta' kuljum biex infittxu postijiet li joffrulna s-skiet u meditazzjoni, il-monasteri tal-ħajja kontemplattiva huma oasi, fejn il-bnedmin pellegrini fuq din l-art ikunu jistgħu… jaqtgħu l-għatx tagħhom matul il-vjaġġ tal-ħajja."

*(l-Angelus, 22 ta' Novembru 2006)*

*Don Giovanni Barra (kittieb ta' bosta kotba reliġjużi u direttur spiritwali magħruf):*

"Is-sorijiet huma l-uniku Vanġelu li bosta bnedmin tal-lum jaqraw."

*Kardinal Suenens (il-mibki Primat tal-Belġju) :*

"Is-sorijiet huma l-ħames Vanġelu – l-erba' Vanġeli miktuba fuq il-parċmini, il-ħames Vanġelu kif mgħajjex mis-sorijiet.

## 2 SORU TAL-KLAWSURA TIRRAKKONTA ĦAJJITHA

- "Meta ddeċidejt li ningħaqad mas-sorijiet tal-klawsura, ħafna kien it-tgħajjir li qlajt…akkużawni li kont ser 'nindifen ħajja'.
- Meta tfajla tingħata għall-ħajja monastika, ħafna



huma dawk li jħarsu lejha bħala 'ħajja moħlija'.
- Dawn in-nies jargumentaw : 'li kieku tkun soru li tgħallem, tieħu ħsieb ix-xjuħ jew il-morda, jew tmur f'xi art tal-missjoni, ta' lanqas tkun qed tagħmel xi ħaġa ta' siwi.'

Għaldaqstant tajjeb li nagħrfu :

**'Min hi s-soru tal-klawsura u x'servizz tagħti lis-soċjetà?'**

Is-soru tal-klawsura

- hija dik il-**mara li Alla għażel** biex tinqata' mill-folla, biex tfittex aktar li tħallih iħobbha fis-solitudni.
- hija dik il-mara li taċċetta l-istedina għall-**intimità divina** u kontinwament titlaq kollox biex **tingħata lill-Qaddis** b'risq tagħha u tas-soċjetà.
- hija dik il-mara li għandha bħala **namrat** tagħha lill-**ħallieq**.
- hija dik il-mara li Alla ddestinaha biex tkun **profeta ta' żmienha**…
- hija l-mara li **titlob ħniena** lil Alla għas-soċjetà li tgħix fiha u għad-dinja kollha.
- hija **xemgħa mixgħula** li tinħela kontinwament f'att ta' kontemplazzjoni.
- hija **musbieħ** għalmin irid jiftaħ għajnejh u jara.
- hija **medjatriċi** bejn l-umanità u Alla. Hija mara li timtela b'Alla biex tkun tista' tgħaddih lill-bnedmin.

Is-servizz tagħha lis-soċjetà jikkonsisti aktar **f'dak li hi** milli **f'dak li tagħmel**.

Xogħolha **ma jidhirx** għax huwa xogħol **spiritwali**.

Huwa xogħol **moħbi** daqs kemm huwa **utli**, bħal dak taż-żerriegħa miżrugħa.

Biex tilħaq l-intimità ma' Alla, is-soru tal-klawsura jeħtieġilha tinqata' mill-bqija tal-folla, biex fis-satra tas-solitudni u fis-skiet issib u tħaddan lid-Divin.

Jekk biex nagħmel 'dan, jeħtieġli li fil-għajnejn tal-bniedem tal-lum "nindifen ħajja" – allura ħienja d-dinja tiegħi.

*(Sister NOEMI tal-ANĠLI, Tereżjana, Malta,*

Dawl għall-Ħajja

Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca

# ...NA BŻONNHOM IS-SORIJIET?







## 3 SILTIET MINN TALBA

*Leħen Is-Sewwa, 18 ta' April 1992)*

**Mulej... Għallinqas Ħallilna s-Sorijiet**

- Mulej, anki jekk trid tikkastigana u teħdilna kollox, għallinqas ħallilna s-sorijiet.
- Huma għandhom *f'idejhom safja* l-grazzji tas-sema u jferrxuhom bħal ward mis-sema, bħal Santa Tereżina.
- Huma għandhom **it-tbissima tas-sema** fuq xofftejhom.
- Huma s-***sisters*** li jaqdu bil-ferħ lil Alla u f'Alla jikkonvertu lill-midinbin.
- Huma ***mothers*** li ħielsa mit-tniġġis tad-dnub, jimmaturaw fil-għerf tas-sema.
- U mbagħad waqt li aħna norqdu jew nistrieħu jew naħdmu għall-ħobża ta' kuljum, arahom **għarkupptejhom quddiem il-Qalb Adorabbli ta' Ġesù** jitolbu biex Demmu jinżel fuqna biex isaffina u jsaħħaħna.
- **Mulej ħallilna s-sorijiet.**
- **O Djar tas-Sorijiet**, *reservoirs* u ġibjuni ta' safa, minn fejn kuljum tgelgel nixxiegħa ta' ilma ħaj fuq is-soċjetà li jedukana fl-imħabba t'Alla.
- ***Sisters u Mothers*** huma jġorru fuq ħoġorhom il-Knisja militanti fuq l-art u li fiż-żminijiet diffiċli tal-lum tidher tistrieħ fuq ħoġorhom kif Kristu msallab xħin tniżżel minn fuq is-salib strieħ fuq ħoġor Ommu, l-Imqaddsa Marija.
- Infatti s-sorijiet qed iwettqu mal-Knisja, il-Ġisem mistiku ta' Kristu, il-funzjoni maternal ta' Marija.

*(Igino Giordani, L'Apostolato della Castità, Ediz. Ave, Roma)*

***Min huma l-Klarissi ?***

Il-Klarissi huma s-Sorijiet tal-Ordni ta' Santa Kjara ta' Assisi. Il-kariżma speċjali ta' din l-Ordni, kif mogħti mill-Ispirtu s-Santu lil San Franġisk u lil Santa Kjara huwa il-"**faqar**".

Il-Klarissi jgħixu ħajja sempliċi ħafna:

- Jiċċaħdu kompletament mill-ġid tal-art, biex ħielsa minn kull rabta tad-dinja, jingħataw għall-qadi tas-saltna ta' Alla.
- Jagħmlu wkoll il-**voti tal-ubbidjenza u tal-kastità** biex ħielsa minn kull xewqa u kull rieda, ikunu jistgħu jintelqu f'idejn Alla.

**Huma għandhom ukoll il-vot tal-klawsura**. Dan ifisser

- Li qatt ma jistgħu joħorġu mill-monasteru ħlief għal raġunijiet speċjali.
- Jiċċaħdu mill-ħidma attiva tal-appostolat u jagħżlu il-ħajja kontemplattiva.

**Il-Klarissi jħallu d-dinja, preċiżament għax iħobbu lid-dinja u jiddedikaw ħajjithom jitolbu għad-dinja.**

***Kif jgħixu l-Klarissi :***

**Talb:** Ġesù Ewkaristija huwa l-Qalba jew aħjar Dak li jagħti r-ruħ lill-ħajja tal-Klarissi.

**Xogħol:** Il-Klarissi jaħdmu biex jgħixu bħal ħaddieħor. Kull tfajla fil-monasteru ssib qasam biex tħaddem dak li taf tagħmel.

**Rikreazzjoni :** Huma għandhom ukoll il-ħin liberu għar-rikreazzjoni flimkien. Tispikka ferm l-imħabba tal-aħwa, is-sempliċità u l-ferħ.

Irqaqat mill-Imgħoddi

# L-Aħħar Ġranet tal-Arċisqof Pietru Pace (25-29 ta' Lulju 1914)*

*We shall die alone*
(Blaise Pascal, 1623-62)

*kitba ta'* Dr. MICHAEL REFALO

**Pietru Pace (1831-1914) twieled fir-Rabat, Għawdex fid-9 ta' April 1831. Wara żmien twil f'Ruma, u hdax-il sena jmexxi d-Djoċesi ta' Għawdex, inħatar Arċisqof, preferut fuq l-Amministratur Appostoliku Anton Buhagiar, ikkunsidrat mill-Ingliżi, bħala wisq favur il-Franċiżi.**

Din il-kitba tikkonċentra biss fuq l-aħħar ġranet ta' ħajja ta' Monsinjur Pace. Naturalment dan ir-rakkont waħdu mhux biżżejjed biex jagħti ħjiel storiku dwar iċ-ċirkostanzi involuti fil-mewt ta' Pace, u wisq anqas dwar l-episkopat tiegħu. Biżżejjed wieħed ifakkar illi s-snin li matulhom Pace kien Arċisqof ta' Malta – dawk is-snin fuq iż-żewġ qalbiet tas-seklu għoxrin – kienu żminijiet movimentati mhux ħażin għal Malta kollha u mhux anqas għall-Knisja Maltija: il-kwistjoni taż-żwiġijiet imħallta (żwiġijiet bejn Kattoliċi u mhux), ir-rwol u l-parteċipazzjoni tal-kleru fil-politika, flimkien mal-qagħda ekonomika wiegħra tal-pajjiż, kienu wħud mill-problemi li Pace kellu jiffaċċja. Barra minn hekk, ix-xena internazzjonali (u l-effetti tagħha fuq il-Gżejjer Maltin) kienu wkoll kritiċi. Ta' min wieħed iżomm f'moħħu li s-snin tal-episkopat ta' Pace kienu dawk illi fihom inħmiet l-Ewwel Gwerra Dinjija. Id-dikjarazzjoni ta' gwerra mill-Imperu Awstro-Ungariku lis-Serbja ngħatat fit-tmienja u għoxrin ta' Lulju 1914, l-aħħar ġurnata sħiħa fil-ħajja twila ta' Pace. Is-snin ta' Pace kienu wkoll is-snin tal-irrankar għall-kolonizzazzjoni tal-Afrika mill-potenzi Ewropej (l-okkupazzjoni Taljana tal-Libja u l-eżodu ta' Maltin minn hemm illi din ġabet magħha, fis-snin 1911-12 huwa biss eżempju wieħed). Kienu wkoll snin ta' sekolarizzazzjoni dejjem akbar fl-Ewropa. Dawn il-fatti jagħtu ħjiel tal-qagħda taż-żminijiet. Anki fil-Knisja Kattolika nnifisha, t-taqlib ma kienx nieqes: ir-*Rerum Novarum* rat id-dawl tagħha propju matul dawk iż-żminijiet, u l-Papa kien għadu jiddikjara ruħu priġunier tal-istat Taljan.



Xi ġranet qabel il-25 ta' Lulju 1914, Pietru Pace kien jinsab fid-dar tal-familja fir-Rabat, Għawdex. Bħala raġel anzjan – tlieta u tmenin sena magħluqa – huwa possibbli illi Pace kien jaf li dawn kienu l-aħħar ġranet ta' ħajtu. Dak li huwa ċert huwa illi nhar is-Sibt 25 ta' Lulju, Pietru Pace kien jinsab fil-punt tal-mewt: fil-ħdax ta' billejl tal-ġurnata ta' qabel kien ingħata l-griżma tal-morda.

Huwa veru illi, kif josserva l-filosofu Franċiż Blaise Pascal, immutu waħedna, imma huwa daqstant veru illi l-granet immedjatament qabel u wara l-mewt iġibu magħhom effetti u konsegwenzi illi jinvolvu ċirku ta' persuni. Id-daqs ta' dan iċ-ċirku jiddependi mill-importanza u l-kariga tal-moribond. F'dan il-każ, il-moribond kien l-Arċisqof ta' Malta, u allura ma setax jonqos illi ċ-ċirku ta' persuni affettwati, u involuti, kien jikkomprendi mhux biss il-familjari ta' Pace imma wkoll il-kleru Għawdxi u Malti, l-awtoritajiet ċivili, inkluż il-Gvernatur Ingliż u Ruma.

Ir-rwol ta' intermedjarju bejn is-sitwazzjoni kritika ta' Pietru Pace u d-dinja esterna waqa' fuq Monsinjur Muscat, Vigarju tad-Djoċesi ta' Għawdex. L-interlokutur tiegħu kien Monsinjur Luigi Attard, Vigarju Ġenerali tal-Arċidjoċesi. Dan tal-aħħar ġie avżat minn Muscat, f'xi ħin kmieni nhar is-Sibt, illi l-qagħda tal-Arċisqof kienet kritika. Matul dik il-ġurnata stess, Monsinjur Attard kellu l-kompitu illi jgħarraf lill-Gvernatur Sir Henry Leslie Rundle – illi dak iż-żmien kellu wkoll problemi ta' saħħa (għalkemm ma setgħux kienu gravi peress illi Rundle baqa' ħaj sal-1934) – li kien fil-punt illi jitlaq lejn l-Ingilterra għall-kura; lill-Kardinal Segretarju tal-Papa, lill-Kapitlu tal-Kattidral ta' Malta u lill-ġerarkija ekkleżjastika ta' Malta kollha, inkluż l-Isqof Angelo Portelli (illi għal sitt xhur wara l-mewt ta' Pace assuma l-kariga ta' Amministratur Appostoliku) illi f'dawk il-ġranet kien jinsab Lourdes. Mentri l-avviż lill-

Gvernatur kien permezz ta' ittra fejn Attard informa lil Rundle illi Pace kien jinsab Għawdex *gravemente infermo*, Ruma ġiet avżata b'telegramma fejn intalbet ukoll il-benedizzjoni papali. Portelli wkoll ġie avżat b'telegramma qasira. Kull ma ntqal kien: *Vescovo estremato.*

Għal dak li jirrigwarda l-ġerarkija ekkleżjastika lokali, naturalment, mhux biss ingħatat l-aħbar imma ġie mitlub talb u quddies għall-bżonnijiet tal-Isqof. L-intenzjoni ta' dan il-quddies kellha tkun *pro re gravi* u l-kolletta *Pro infirmo proximo morti.* Fil-knejjes kollha kellha ssir espożizzjoni tas-Sagrament għal tlett siegħat, imħabbra bit-tokki tal-qanpiena maġġuri.

L-għada, il-Ħadd 26 ta' Lulju, l-Isqof għadda kemxejn għall-aħjar. Il-komunikazzjoni illi l-Kurja ta' Malta rċeviet minn Għawdex u li kienet tirreferi għall-kundizzjoni tal-Isqof fl-għaxra ta' filgħodu kienet tgħid: *Continua lo stato gravi – notasi un leggiero miglioramento.* Hekk baqgħet is-sitwazzjoni sad-disgħa ta' billejl meta fil-bullettin mediku ntqal illi t-temperatura kienet mija u li n-nifs ta' Pace kien regolari. Imma ma kien hemm ebda illużjoni dwar il-qagħda tal-isqof. Fil-fatt, fiċ-ċirkulari li Monsinjur Attard bagħat lill-Arċidjaknu tal-Kattidral, reġa' tenna l-ħtieġa taċ-ċelebrazzjoni ta' quddies: kollox kellu jibqa' kif ordnat il-ġurnata ta' qabel sakemm ma jkunx hemm *più trista notizia.* L-aħbar aktar ħażina, fil-fatt kienet qiegħda tissawwar matul il-lejl. It-telefonata illi saret mill-għassa tal-pulizija f'xi ħin – x'aktarx tard – lejn Malta, avżat lill-Monsinjur Attard li Pace qaleb għall-agħar: *si teme probabile catastrofe prima del Alba*, tgħid it-traskrizzjoni ta' dik it-telefonata. Naturalment, kemm matul dak il-lejl kif ukoll l-għada, ma qatgħux it-telefonati bejn iż-żewġ gżejjer. Kull moviment, kull sinjal il-quddiem jew lura kien innotifikat minn Monsinjur Muscat. Fid-disgħa ta' filgħaxija ta' dik il-ġurnata, ukoll, Monsinjur Portelli avża li huwa kien sejjer jirritorna Malta nhar it-Tlieta ta' wara (jiġifieri fit-28 tax-xahar), u nofs siegħa wara t-telegramma ta' Portelli waslet oħra minn Ruma fejn il-Kardinal Sebastiani talab aħbarijiet dwar l-Isqof.

Sbiħ it-Tnejn, 27 ta' Lulju ma kien hemm xejn ġdid. Bil-mod il-mod il-ħajja kienet qiegħda tintefa. Imma minkejja dan, sal-ħdax u nofs ta' filgħodu, Pace kien għadu koxjenti: *catastrofe non sembra imminente*, ġie avżat il-Vigarju Attard. Is-sitwazzjoni baqgħet l-istess sal-għada 28 ta' Lulju. Filgħodu nħass illi l-mument aħħari kien riesaq. Fil-ħdax neqsin kwart tat-tmienja u għoxrin, imbagħad, membru tal-Kapitlu tal-Kattidral ta' Għawdex mar l-għassa tal-Pulizija. Minn hemm, dan ċempel Malta b'messaġġ għall-Vigarju:

*"Stato Arcivescovo molto peggiorato"*

kien jgħid dan il-messaġġ.

Wieħed jista' jissupponi illi matul dak il-lejl ta' bejn it-tmienja u għoxrin u d-disa' u għoxrin ta' Lulju, kienu miġbura madwar is-sodda ta' Pace dawk il-familjari li kien għad fadallu, it-tabib kuranti tiegħu, u diversi ekkleżjastiċi. Fil-fatt ma sbiħ il-jum, Monsinjur Cordina, Segretarju Kapitolari tal-Kattidral ta' Għawdex mar l-għassa tal-pulizija biex, għal darba oħra, jċempel Malta. L-aħbar, din id-darba kienet serja:

*Il Capitolo Cattedrale compie il Doloroso Officio parteciparle a cotesta Curia che l'Eccelentissimo Mons. Aricvescovo Pace è serenamente passato a Miglior Vita alle ore 5.50 a.m.*

Hekk intemmet il-mixja ta' Pietru Pace fid-dinja: fid-dar, fit-triq illi llum iġġib ismu, Monsinjur Pace, l-Isqof illi mexxa l-Knisja Maltija għal kwart ta' seklu, miet. Issa dak iċ-ċirku ta' persuni madwar il-katavru tal-Arċisqof kellu l-kompitu jistudja u jaħdem fuq l-effetti u l-konsegwenzi.

** Din il-kitba hija bbażata prinċipalment fuq sorsi oriġinali kopji ta' liema huma fil-pussess tal-awtur. Sorsi sekondarji kkonsultati huma: Joseph Bezzina, Religion and Politics in a Crown Colony. The Gozo-Malta Story 1798-1864 (Malta, 1985); Joseph Bezzina, L-Istorja tal-Knisja f'Malta (PIN, Malta, 2002); Alexander Bonnici, Storja tal-Knisja. Vol. 14: Il-Knisja bejn Liberaliżmu u Soċjaliżmu bla Alla (1850-1914) (Malta, bla data); u Michael J. Schiavone (ed.), Dictionary of Maltese Biographies. Vol. 1 (PIN, Malta, 2009)*

Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...
JPE
TravelServices
LIMITED
A member of the KDM Group
- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: **21561212/3** Valletta: **21235772** or **info@jpetravel.net**




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tnejn u Erbgħin Parti )*

## *SAJD U XOGĦOL IEĦOR MIX-XABBATA FIL-GŻIRA GĦAWDXIJA*

Id-dilettanti Għawdxin tas-sajd għall-kaħli tgħidx x'ma kinux jagħmlu biex isibu postijiet ġodda u mhux milħuqin minn kulħadd minfejn ikunu jistgħu jagħmlu s-sajda tagħhom. Bħalma jafu dawk kollha li studjaw il-ġeografija fiżika tal-gżira Għawdxija, mill-inħawi ta' Mġarr ix-Xini fix-xlokk tal-gżira sa Wied il-Għasri fit-tramuntana, Għawdex hu mdawwar b'sisien għoljin ħafna li jagħtu għal fuq il-baħar. Għalhekk dawn id-dilettanti kienu jfittxu xi xifer blat taħt dawn is-sisien u jiddendlu għal fuqu billi jintrabtu bi ħbula u jinżlu bil-mod il-mod fil-waqt li jserrħu riġlejhom ma' qbabad apposta fil-blat. Xi drabi l-blat ikun hekk għoli li ħabel wieħed ma jkunx biżżejjed u jkollhom jużaw ħabel ieħor jew inkella tliet ħbula biex jaslu fuq ix-xifer.



Kif wieħed jista' jobsor dan is-sajd kien perikoluż ħafna kemm għal min kien ikun imdorri, aħseb u ara għal min ikun ġdid u fl-imgħoddi mhux darba u tnejn li ġraw diżgrazzji u mietu n-nies. Imma xorta waħda dawn is-sajjieda kienu jixxabbtu mal-blat mingħajr biża' jew dwejjaq, basta jaslu biex hemm isfel jagħmlu s-sajda tagħhom.

Wieħed malajr għandu jintebaħ li d-dilettanti kien ikollhom il-postijiet tagħhom għax dan it-tixbit ma kienx jista' jsir minn kullimkien. Kienu jipprattikawh sajjieda-xabbata minn ta' Sannat, minn ta' Kerċem, minn San Lawrenz, mill-Għarb u mill-Għasri. Issa għandna nkunu nafu wkoll li dan is-sajd ilu jsir ħafna żmien. Isemmuh bosta kittieba bħal Agius de Soldanis, il-kittieb Franċiż Lacroix u oħrajn moderni.

Biex isir sajd bħal dan, kull ħin tajjeb, imma l-aktar billejl meta l-qamar ikun imgħammex. Kienu jieħdu wkoll fanal minħabba d-dlam. Kienu jmorru għas-sajd billejl għax matul il-ġurnata kienu jkunu xogħol fir-raba' jew fil-barriera, minn dlam sa dlam. Imbagħad isir l-irbit ma' xi blata jew ma' xi zokk ta' siġra li jkun sħiħ biżżejjed li ma jċedix. L-irbit kien isir sura ta' ħolqa, iżda kien hemm min jagħmel ir-rabta sura ta' salib "biex ix-xitan ma jħollulux". Kien hemm min kien iħaffer salib fil-blat bil-baqqun għall-istess skop. Imbagħad is-sajjied kien



jixxabbat għal isfel b'kollox lest biex jistad. Xi drabi, kif għidna, kien ikollu jorbot ħabel ieħor jew iżjed sakemm jasal fuq ix-xifer minfejn issir is-sajda. Meta jasal, imbagħad jibda jagħlef u jistad. Aktar iva milli le, is-sajda kienet tiġih tajba. Għalhekk kien ikun għamel dak is-sagrifiċċju. Imma dan ma jfissirx li dejjem tiġi tajba għax il-post dakinhar jista' ma jkunx jagħmel ħut. Jekk tiġi ħażina, is-sajjied kien ikollu jerġa' jixxabbat 'il fuq u jmur ifittex post ieħor. Ma kinitx ħaġa taċ-ċajt għax hawn qegħdin nitħaddtu minn postijiet għoljin xi 300 qama.

Il-postijiet fejn isir dan it-tip ta' sajd kienu magħrufa b'diversi ismijiet.

Skont Ġorġ Azzopardi f'Ta' Sannat kien hemm dawn il-postijiet: Ta' l-Iżgied u ta' Bolonja – it-tnejn jinsabu bejn il-Kantra ta' Mġarr ix-Xini u Ras in-Newwiela; Ras in-Newwiela nnifisha; ta' l-Ikbiex; Għar Ilma; il-Mentqa; l-Irdumijiet tal-Qortin il-Kbir; Taħt il-Għerien – fid-dawra tal-Qortin il-Kbir u ċ-Ċnus; Ta' Seguna; tal-Bardan u s-Sanap. L-istess awtur jinnota li fil-post magħruf bħala Il-Faqma fl-inħawi taċ-Ċnus kien hemm erba' mrabat ħdejn xulxin, għalkemm wieħed minnhom jidher li kien inkiser; u fil-Mentqa tal-Qortin il-Kbir kien hemm erba' mrabat oħra. Dan juri l-popolarità ta' dawn il-postijiet. Jista' jkun ukoll li kien jintrabat ħabel żejjed għal li jista' jinqala'.

Kien hemm ukoll, f'inħawi oħra, ix-Xurleb jew Xurbebb, in-naħa ta' Bukkun lejn Ras il-Wardija u d-Dwejra. Post ieħor jissejjaħ iż-Żirbieb jew iż-Żirżieb. Kien hemm għadd kbir ta' postijiet madwar il-kosta tal-Għarb. Lejn il Għasri nsibu l post ta' Tappina. Wieħed mill iktar postijiet perikolużi f'Għawdex kollu kien jissejjaħ "il-Posta ta' l-Ajru". Hawnhekk ma kienx jinżel kulħadd, imma biss l-aktar irġiel ta' ħila, għax biex tagħmel sajda f'dan il-post irid ikollok verament kuraġġ kbir. Il-perikli huma tabilħaqq kbar għax saħansitra xi sajjieda tilfu ħajjithom f'dan il-post. Insemmu lil Franġisk Vella ta' Ġużmajru ta' 46 sena mill-Għarb li kien iġġarraf fit-28 ta' Frar, 1859. Kien waqa' wara li kien spiċċa mis-sajda u kien tiela' mal-ħabel.

Diżgrazzja oħra li taf il-kawża tagħha lil dan is-sajd kienet seħħet madwar 67 sena ilu meta kien iġġarraf Majsi Azzopardi ta' 50 sena minn Ta' Kerċem. Dan kien waqa' minn post 'il ġewwa mit-Torri tax-Xlendi. Fit-13 ta' Frar, 1935, Ġużepp Apap, bin Wiġi u Karmela Galea, ta' 68 sena mill-Għarb waqa' l-baħar fil-post imsejjaħ "Il-Ħanex", l-aqwa post għas-sajd, iżda diffiċli biex tilħqu. Każ ieħor seħħ fit-2 ta' Novembru, 1923, meta raġel mill-Għarb ukoll iġġarraf 300 pied għal isfel, meta qatgħet blata bih, imma din id-darba b'miraklu ħelisha minn ħalq il-mewt.

Jingħad li minħabba l-perikli kbar li joffri sajd bħal dan, fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, il-Gran Mastri kienu joħorġu ordnijiet permezz tal-bandi biex ħadd ma jipprattika sajd bħal dan minħabba l-periklu kbir. Imma minħabba li l-postijiet tas-sajd kienu jinsabu verament f'inħawi mbegħdin bogħod minn għajnejn in-nies, mhux wieħed u tnejn kienu jiksru dawn l-ordnijiet minkejja l-kastigi ħorox li seta' kien hemm marbuta magħhom għal min jiksirhom. Meta l-ġuħ jagħfas, wieħed kien jasal biex jagħmel kollox.

Jingħad ukoll li d-drawwa tat-tixbit mas-sisien għas-sajd tal-kaħli għaddiet minn Għawdex għal Malta fejn kienet ukoll tiġi pprattikata, għalkemm fuq skala iżgħar minn Għawdex, minħabba l-fatt ukoll li Malta għandha kosta ikbar u hemm wisq iktar postijiet aċċessibbli għas-sajd minn Għawdex fejn wieħed seta' jmur jistad mingħajr ma jkollu l-ħtieġa li jieħu dak is-sogru kollu billi jixxabbat mas-sisien bil-ħbula.

F'Għawdex it-tixbit ma kienx isir biss għas-sajd. Kienu jixxabbtu wkoll biex jaqbdu ċ-ċief u l-frieħ tal-barbaġann, jew tal-bież, jew tal-merill. It-tixbit kien isir ukoll biex jiġbru l-bajd tal-gawwi u biex jaqtgħu x-xewk u z-zkuk li jikbru mas-sisien biex imbagħad ibigħhom għall-fran.

*(jissokta)*



*Kif Niftakar lill-Isqof Cauchi*

# Isqof tal-Konċilju - isqof post-konċiljari!



*kitba ta'* ANTOINE VASSALLO

**Hekk nistgħu nsejħulu lil Mons Cauchi, mhux l-iktar minħabba d-dati daqskemm għal kif qeda s-servizz tiegħu bħala ragħaj ta' din id-djoċesi ċkejkna iżda ħajja u attiva. X'aktarx mank biss għandi bżonn infakkarkom li sar Isqof fl-1972 wara li kien ilu Amministratur Appostoliku mill-1967, waqt li l-Konċilju Vatikan II kien mill-1962 sal-1965.**

Jien konvint li l-Isqof Nikol bena ħidmietu fuq id-Digriet dwar l-uffiċċju pastorali tal-isqfijiet *Christus Dominus: "oves suas in nomine Domini pascunt, munus docendi. sanctificandi et regendi in eas exercentes"* (biex nikkwota mill-paragrafu #11). Żgur li kien eżemplari – u innovattiv – anki bħala kappillan iżda jiddispjaċini li, minkejja li propjament parruċċan tiegħu għal xi snin, ma tantx kont assidwu f'dik il-knisja partikolari! Kumbinazzjoni, fil-*break* waqt irtir żgħir ta' nofstanhar li mexxielna u li konna organizzajna fis-saletta ta' fuq tad-Dar tal-Kleru – illum is-"sular tal-Arċipriet" – jien u hu għamilna diskursata ġmielha dwar l-esperjenzi tiegħu fil-Fontana u rrifera għall-inizjattivi li ħa: mhux l-inqas, aspetti ta' drawwiet devozzjonali.



*1956: Meta laħaq kappillan tal-Fontana*

**Inizjattivi daħal għalihom qatigħ fid-Djoċesi. Insemmi pereżempju l-interess fil-*Media*: il-perjodiku *"Il-Ħajja f'Għawdex"*, it-twaqqif tal-Għaqda Ġurnalisti Għawdxin, il-Bullettin f'kull dar kull ġimgħa, il-ħolqien tad-dar editriċi *Lumen Christi*, segwit minn Ċentru Medjali sħiħ. Kien jemmen ferm bil-fatti fil-qawwa tal-mezzi ta' Komunikazzjoni Soċjali. Kemm ħareġ kotba! Kemm kiteb artikli! Kemm ipparteċipa fi programmi radjofoniċi (b'udjenza mill-aqwa)! Il-veru għaref ifittex li jgħallem u jispjega: l-għerf mhux kuntent li jżommu għalih. U allura kemm wasslilna ittri pastorali u messaġġi – qosra u twal! Kemm prietki, mimlija b'katekeżi tant ċara, li għamluh konferenzier, predikatur u paniġerist mill-iktar imfittex! Ma kellu xewqa jirrifjuta l-ebda okkażjoni; u allura mhux darba u tnejn kont involut f'attivitajiet li kelli nimla – jew nadatta l-programm – sa x'ħin jasal minn impenn ieħor! Għalkemm bla kilba għall-ġid materjali, qatt ma kkuntenta bl-għerf u t-tagħlim!**

Ftit qabel ma mar l-isptar, semmieli li ma ħax gost li t-tabib jippreferih fis-sodda: "ma nkunx nista' naqra". Għas-suġġeriment tiegħi ta' leġiju, weġibni: "meta naqra, rrid nimmarka u nikteb in-noti". Iva, l-għaref bla prużunzjoni jagħraf li dejjem hemm x'titgħallem! Kull tip ta' suġġett kien jinteressah – "rinaxximentali", f'dar-rigward! Darba semmejtlu xi punti minn ktieb li kien għadu kemm tani l-kittieb stess dwar ir-relazzjoni tax-xjenza mal-idea ta' Alla. Ma ħallihiex tibqa' sejra – ried ikun jaf l-awtur. Meta għidtlu li d-ditta ma naħsibx li jaħdmu magħha Malta u allura mhux faċli ssibu għand il-librara, rajtu diżappuntat. Tgħidx kemm apprezza x'ħin wegħdtu li ngħaddihulu malli ntemmu: illum li oħtu għoġobha tagħtihuli lura – mimli bin-notamenti, konferma ta' kemm flieh fid-dettall – ngħożżu bħala rikordju mill-aqwa!

**Ippermettuli nesprimi x-xewqa (tama?) li jieħu r-ritmu l-proġett li tinġabar il-produzzjoni prolifika ta' Nikol Ġ Cauchi, inklużi saħansitra opri letterarji bħal oratorji! Tgħid għad fadal xogħol rikordjat u mhux stampat?**

Iżda mhux l-għerf teoriku u "teoloġiku" biss! Biex nerġa' nikkwota mill-*Christus Dominus, Ostendant insuper res ipsas terrestres et humana instituta secundum Dei Creatoris consilium, ad hominum salutem quoque ordinari*


*L-Isqof Cauchi ferħan bil-kopja tal-"Ħajja f'Għawdex" meta ħarġet b'format ġdid f'Jannar tas-sena 2000*

*et ideo ad aedificationem Corporis Christi non parum conferre posse* (#12). U allura rridu nsemmu eżempji bħall-Moviment Azzjoni Soċjali, ir-relazzjoni qawwija mal-Azzjoni Kattolika sa minn żgħorija attiva, Dar Ġużeppa Debono, is-sehem fl-ewwel passi tal-Kunsill Ċiviku, l-Arka, l-għoti ta' art lill-Għaqdiet, il-*Little Flower*, il-bidu ta' "Taċ-Ċawla" permezz tal-"appartamenti tal-Kurja" u mbagħad iċ-Ċentru Pastorali u Residenza għall-Kleru, l-isforzi lejn skola sekondarja tal-bniet, attenzjoni għall-ħaddiema u s-sapport qawwi għal tant ħidma għall-iżvilupp tas-soċjetà. Infatti ħoloq – jew ħeġġeġ biex jingranaw – entijiet fi gżiritna li mank kienu komuni fi djoċesijiet b'ħafna iktar riżorsi minna! Irrid ngħoddha bħala rivelatriċi l-għażla li jkun fost l-ewwel studenti għal-liċenzjat fix-Xjenzi Soċjali. Minn dak li kiteb u qal, ma nitmeżmiżx insejjaħlu espert fis-soċjoloġija, teorika u speċjalment imħaddma – f'perijodu ta' taqlib u żviluppi kbar, fl-ambitu internazzjonali u fil-Knisja stess.

**Għalkemm ra li l-istrutturi meħtieġa (djoċesani u parrokkjali) jidħlu fostna, nazzarda ngħid li ma kienx "Konċiljari" fis-sens li ġie li nftehmet din il-kelma; ilkoll nafu kemm-il darba Beneditttu XVI qed isemmi b'dispjaċir difetti li seħħew bi "skuża" tiegħu. Le, l-Isqof Cauchi ma ppruvax jeqred riti jew tradizzjonijiet li għaddew mill-prova tas-sekli! Ħaġa żgħira biss: l-interess fil-ġjakulatorji. Iżda xorta daħħal (kontra mewġa ta' opinjoni mifruxa) il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin; xorta "issogra" jmiss il-libsa tal-Ewwel Tqarbina; xorta "vvinta" s-snin barra għas-seminaristi u l-qassisin novelli. Kull fejn resaq ħalla effett; u s-Seminarju kien Prefett tal-Istudji u għalliem, barra li reġa' ġieb lill-Ġiżwiti u stinka biex akkwistalu rikonoxximent akkademiku. Ninnota b'enfasi ukoll li "sellef" il-kappella tas-Seminarju lill-komunità Anglikana fi gżiritna – illum il-parroċċa ta' Sidtna Marija u San Ġorġ; l-Ekumeniżmu Cauchian deher anki fil-proċeduri biex jiffaċilitalhom it-tqarbin. Għalkemm kellu prinċipju li ma għandniex nibdlu biex sempliċement inkunu bdilna, dejjem kien miftuħ għat-tiġdid – wara li jkun fehem il-possibbiltajiet lejn titjib.** Każ – forsi insinifikanti: ir-riforma tal-manifestazzjoni ta' Kristu Re li, fil-forma kurrenti ta' ftit ħin bilwieqfa Fuq it-Tomba, kienet naqqset sew fil-parteċipazzjoni. Jien ipproponejt (fil-KDAL – "ħlejqa" oħra tiegħu) li nippruvaw fil-Kumpless Sportiv, fejn in-nies tkun tista' toqgħod komda – u allura jkun possibbli norganizzaw xi ħaġa aħjar. Kif jiftakru bosta minna dal-format intlaqa' – saħansitra aħjar milli stajna nimmaġinaw!

Min-naħa l-oħra, il-prudenza kienet twasslu biex "jaħseb il-ħażin ħalli t-tajjeb ma jonqosx", kif jgħid il-qawl. Għal kull tip ta' attività fil-beraħ araħ jeżiġi li l-organizzaturi jkollhom f'moħħhom alternattiva għal jekk it-temp ma jippermettix ("*wet weather programme*", kif kien iħobb jirrepeti b'nofs tbissima). Dan il-mod kif jittratta ma' dak li jkun, pubblikament u privatament, issemma' minn bosta fit-tifħir wara mewtu – u naħseb impressjona lil kull min iltaqa' miegħu. L-umoriżmu (u l-*body language*: minn għajnejh "jidħku" sal-kumplament ta' wiċċu u persuntu) kienu arma qawwija kif jirbaħ lil dak li jkun – anki jekk dan ikollu xi sens ta' animożità.

**Naf b'esperjenza tiegħi stess kemm irnexxielu inaqqas it-temperatura ta' sitwazzjonijiet "sħan" – u ppermetta li terġa' tinbena r-rieda tajba. Bħala missier għaqli, kien dejjem lest jisma' meta jinqalgħu problemi u joffri suġġerimenti li jwasslu għal soluzzjoni: kemm fuq livell individwali u kemm fejn daħlu komunitajiet sħaħ. U ġie li sofra attakki ħorox; jista' jkun li żelaq iżda min ma jiżbaljax, ħlief min ma jagħmel xejn – u jkun naqas mod ieħor?! U qatt ma webbes rasu – u ma rsistiex iħoll il-kobba.**

Snin ilu dehru sensiela ta' artikli kritiċi – u bla isem – dwaru fl-ikbar gazzetta lokali bl-Ingliż; polemika li tkompliet fil-paġni tal-ittri. Deherli li kelli nikteb jien ukoll, iktar milli għax l-Isqof, minħabba li t-ton ħassejtu bla rispett u l-kontenut inġust. F'risposta anonima oħra (għax dak iż-żmien din il-gazzetta kienet għadha taċċettahom), taparsi minn individwu differenti li ddeskriva ruħu bħala "mhux minn Għawdex", sar attentat biex jitwaqqa' l-argument tiegħi billi kien hemm lista ta' karigi tiegħi fid-Djoċesi jew konnessi b'xi mod mal-Knisja – biex bħal speċi niġi skreditat għax mhux "newtrali". F'dawk il-ġranet kelli bżonn immur il-Kurja biex inkellmu fuq xi ħaġa oħra – u, malli dħalt fejnu, qalli: "Antoine, nixtieqek ma tkomplix tirrispondi". Forsi għax fehem l-identità tal-awtur, ipprefera jsofri waħdu!

Hemm hi l-umiltà ta' min ma jibżax jidher "dgħajjef", bil-libertà li jakkwista min ma jarax is-setgħa fi kwalunkwe ambitu prinċipalment bħala unur flok piż tar-responsabbiltà! Biex naddatta lil stratega azjendali, jidhirli li iktar kien jibbaża fuq il-poter tar-rispett milli r-rispett tal-poter! Għandi l-impressjoni li kien iħossu imbarazzat għall-Unuri li rċieva (ibda minn Sieħeb il-Ġieħ) – u kemm kien ħaqqu iktar! Dan id-dmir ta' ħidma *senz'interessi* – iżda



*L-Isqof Cauchi iqaddes fil-ftuħ tas-Sena Soċjali fiċ-Ċentru tal-Azzjoni Kattolika t'Għawdex*

bl-ikbar interess – kien jipprattikah hu u jħeġġu fl-oħrajn. **Nikkwota l-istedina lill-membri tal-Azzjoni Kattolika (fl-okkażjoni tas-60 sena tagħha): "Inħeġġiġkom tkomplu taħdmu mingħajr ma tibżgħu mis-sagrifiċċju u mingħajr ma taqtgħu qalbkom bid-diffikultajiet". Fil-fatt dakinhar enfasizza ukoll "f'għaqda sħiħa mar-rgħajja u b'lealtà sħiħa lejn il-Knisja".** Għax, barra l-*Christus Dominus*, bena l-episkopat tiegħu sew anki fuq l-*Apostolicam Actuositatem* (id-Digriet Konċiljari dwar l-Appostolat tal-Lajċi) – biex nieqaf f'dokument ieħor biss.

Ġa semmejt il-Kunsill Djoċesan għall-Appostolat tal-Lajċi: f'laqgħat ta' darba fix-xahar - u iktar ukoll – konna niddiskutu firxa ta' punti pastorali u soċjali, ħafna drabi mqajma minnu stess (u kien jagħmel ħiltu biex ma jitlef l-ebda waħda). Speċjalment fost dan in-numru ristrett ta' preżenti, ma kien jiddarras xejn li tlumu jew targumenta miegħu. Barra Kungressi u Sinodi, minn hawn ħarġu bosta attivitajiet ta' natura Djoċesana – fosthom "*rallies*" kull ftit xhur li kienu jservu bħal speċi ta' Parlament għall-insara attivi. U ċelebrazzjonijiet għal kategoriji partikulari: mill-KDAL żviluppaw appuntamenti konnessi, per eżempju, mal-inċidenti tat-traffiku; konna ukoll ngħażlu dati qrib San Mikiel u San Ġużepp biex insejħu l-irġiel ħalli jkollhom l-opportunità li jisimgħu l-messaġġ tiegħu; "esperimentajna" b'suċċess anki żjajjar fil-każini.

Fil-KDAL ukoll faqqset l-idea li jiġu organizzati attivitajiet speċifiċi għall-professjonisti, peress li l-Isqof kien iħoss li bosta minnhom kienu qed jaqtgħu l-kuntatt attiv mal-Knisja. Anzi, ftit wara li ħa r-responsabbiltà tad-djoċesi, l-Isqof Mario ħatar lill-Isqof Nikol bħala "delegat" għal dan il-qasam. Anki hawn wera li x-xogħol ma jbeżżgħux: kien saħansitra joqgħod iħejji l-iskeda ta' suġġetti għall-omeliji tal-quddiesa tal-Ewwel Ġimgħa li ssir għalihom! Meta ra li kumitat separat għal ħidma fost l-għalliema tmermer (li kien beda hu bħala l-Moviment Għalliema Kattoliċi), daħħalhom mal-kategoriji l-oħra ta' professjonisti fil-Moviment Gradwati. Ftit ġimgħat qabel mewtu, semmejna diversi ideat li xtaq niżviluppaw.

**Jixraq intemm bi kwotazzjoni li turi fejn kienet tħabbat qalbu u kemm kien jaf ikun ċar fit-tħeġġiġ tiegħu: "Barra mill-appostolat individwali li kull nisrani jista' u għandu jwettaq minn rajh f'ambjenti bħall-familja u l-postijiet tax-xogħol, hemm ukoll l-appostolat organizzat. Hawnhekk l-insara jwettqu s-saċerdozju komuni li rċevew fil-magħmudija, isibu għajnuna biex jissaħħu fil-qdusija u jagħtu sehemhom biex isalvaw l-erwieħ, hekk li tinħass aħjar il-preżenza u l-ħidma siewja tal-Knisja fid-dinja. Infisser ir-radd ta' ħajr tiegħi għall-ġid spiritwali li jinkiseb permezz ta' l-appostolat tal-lajċi u nħeġġeġ lill-insara kollha biex dejjem iżidu ż-żelu tagħhom biex jaħdmu bla heda fil-qasam tal-Mulej."**

L-Isqof Nikol Cauchi kien tabilħaqq ragħaj imsawwar mill-Konċilju u mill-*humus* Għawdxi essenzjalment nisrani.

*(Diskors waqt Serata Mużiko-Letterarja*
*b'Tifkira tal-Isqof Cauchi,*
*Bażilika San Ġorġ Martri*
*12 ta' Marzu 2011)*

HILITE
HARDWARE STORE
**FRANCO - BELGE**
**FIRE PLACES**
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

*Kummentarju (5)*

# Il-Volontarjat u Madre Margerita



*kitba ta'* **DUN ĠUŻEPP GAUCI**

Din is-sena ġiet dikjarata s-Sena Ewropea tal-Volontarjat. F'dinja fejn il-qliegħ tal-flus u l-interessi personali jmexxu kollox, il-ħidma volontarja, realta` li tispikka bħal dawl fid-dlam, hi xi ħaġa ta' min ifaħħarha u jinkuraġġiha.Il-Volontarjat hu mmexxi mill-prinċipju bibliku li *"hu aħjar tagħti milli tirċievi"*, u fuq kollox, li dak li tagħti jingħata bl-imħabba, bi spirtu ta' qadi mogħti b'xejn, imma li jimlielek qalbek b'ferħ veru u b'sodisfazzjon ġenwin mill-aqwa.

F'Malta u Għawdex għandna ħafna eżempji ta' volontarjat mill-aqwa, persuni li mhux biss iddedikaw ħajjithom biex jagħmlu ħidmiet volontarji mill-aqwa għall-ġid ta' l-oħrajn, imma wkoll li waqqfu istituzzjonijiet ta' volontarjat li għadhom jaħdmu sal-lum u dan, mhux biss f'pajjiżna, imma wkoll f'diversi naħat tad-dinja ta' llum.

F'din il-kitba tiegħi nixtieq nitkellem minn waħda mill-pijunieri tal-volontarjat f'pajjiżna, f'Għawdex, il-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat, li nhar is-Sibt, 22 ta' Jannar 2011 fakkarna d-59 Anniversarju tal-Mewt tagħha li ġrat fil-"Casa Madre" tal-Kongregazzjoni tagħha, fi Triq Palma, fil-Belt Victoria. Ta' min ifakkar li l-ħidma għall-Beatifikazzjoni ta' din l-Għawdxija qed titkompla mill-Kongregazzjoni tal-Qaddisin, f'Ruma u nittamaw u nitolbu li ma jdumx ma jkollha riżultat pożittiv.

Madre Margerita, mhux biss hi waħda mill-pijunieri tal-Volontarjat f'Għawdex, imma wkoll fit-tagħlim tagħha li, prinċipalment, insibuh fl-Ittri tagħha, ħallitilna tagħlim sempliċi, imma ta' siwi kbir, dwar x'għandhom ikunu l-linji ewlenin li jagħmlu mill-ħidmiet tagħna volontorjat ta' siwi mill-aqwa.

Madre Margerita, li ħadet il-ħidma tal-Kongregazzjoni li llum hi msejħa tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu`,minn idejn Dun Ġużepp Diacono li waqqafha fl-1880 u fl-1888 kien se jxoljiha, għarfet il-ħtieġa li taħdem mal-fqar biex tgħinhom mhux biss spiritwalment imma wkoll soċjalment, u fuq kollox, biex twassalhom ħalli *"jħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba u jagħmluha magħrufa minn kulħadd u kullimkien"*. Kienet hi li sa mill-ewwel snin bdiet ixxerred il-ħidma tal-Kongregazzjoni tagħha f'diversi partijiet ta' Malta u Għawdex u fl-1907 wasslitha fil-gżira Griega ta' Corfu` biex tagħti servizz mimli mħabba lill-komunità kbira ta' Maltin li kienu jgħixu hemm. Minn dakinhar il-volontarjat imwettaq mill-ulied spiritwali ta' Madre Margerita wasal fl-Afrika, fil-Brażil, fil-Pakistan, fl-Awstralja, f'Iżrael, fil-Filippini u naturalment f'diversi naħat ta' l-Italja u ta' l-Ewropa. Għal xi żmien twettaq ukoll f'Pariġi (Franza) u f'San Francisco (Amerika).



Imma kif diġà għidt, Madre Margerita mhux biss hi l-Fundatriċi ta' diversi ħidmiet ta' volontarjat, imma wkoll hi għalliema mill-aqwa ta' kif isir il-veru volontarjat. Ix-xewqa tagħha mfissra ta' spiss fil-kitbiet tagħha, kienet *"Ġesu` joffrielna għelieqi x'naħdmu u x'nieħdu ħsieb. Iva, nagħmlu kull ma nistgħu biex inkunu ġenerużi ħalli nikkorrispondu mas-sejħat kollha mħabba tiegħu"*. Min-naħa l-oħra l-istedina tagħha *"nagħmlu kollox għall-imħabba, bl-imħabba u fl-imħabba"* tiġbor fiha s-sustanza tal-volontarjat veru. Mhux darba u tnejn insibuha titlob mis-sorijiet tagħha *"fittex li tkun il-qaddejja ta' kulħadd"*, u dan, naturalment, fuq l-eżempju ta' Ġesu` stess li *"ġie mhux biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u jagħti ħajtu għall-kotra"*. F'waħda mill-ittri tagħha, fissret lis-Sorijiet tagħha xi opri ta' volontarjat li xtaqet li tara jitwettqu minnhom: *"... aktar żjajjar lill-morda, tabbandunawx iż-żjajjar lill-familji, u ħeġġuhom għall-ġid spiritwali, eċċ. Intom u tagħmlu dan tkunu qed tkomplu dmirkom bħala veri missjunarji"*. Il-volontarjat maċ-ċkejknin kien ħafna għall-qalb ta' Madre Margerita u riedet: *"Agħmlu kull ma tistgħu biex tixħtu ż-żerriegħa tajba f'dawn il-qlub teneri u maż-żmien tkunu tistgħu taħsdu l-frott mixtieq"*. Fuq kollox kienet tinkuraġġixxi lis-sorijiet fil-ħidma volontarja tagħhom: *"Qaddsu l-ħidmiet tagħkom, offruhom spiss għall-akbar glorja ta' Alla u għall-ġid ta' l-erwieħ li swew ħafna lit-twajjeb Ġesu`"*.

Hemm ħafna aktar xi ngħidu dwar l-ispirtu ġenwin ta' volontarjat li kellha Madre Margerita u li bih imliet lill-Kongregazzjoni tagħha. Imma naħseb li l-ftit li hemm f'din il-kitba qasira jista' jgħin biex nifhmu aħjar x'inhu l-veru volontarjat u xi jfisser tagħmel kollox bl-imħabba fuq l-eżempju ta' Dak, Ġesu` Kristu, li bl-imħabba tiegħu għalina, salvana. Nittama li dan il-ftit kontribut mogħti qrib id-59 sena mill-mewt tal-Fundatriċi msemmija, ikun ta' ġid biex din is-Sena Ewropea tal-Volontarjat iġġedded b'aktar qawwa dan l-ispirtu f'aktar Għawdxin u Maltin ta' żminijietna.

TIEQA FUQ L-AMBJENT (30)

# IS-SUMMIENA



*(Dan huwa l-għoxrin artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* JOE SULTANA



*Summiena (raġel) f'gallinar. Dan l-aħħar snin bdew irawmu s-Summien fil-farms bħat-tiġieġ*

**Is-Summiena** (bl-Ingliż *Quail*) hija xjentifikament magħrufa bl-isem *Coturnix coturnix*. Il-kelma Latina *coturnix* dehret l-ewwel darba f'lessiku (dizzjunarju antik bil-Latin), *De verborum significatu*, tas-seklu erba' wara Kristu. L-awtur, Sextus Pompeius Festus, niżżel dan l-isem bħala imitazzjoni tal-għajta popolari tas-Summiena. Fil-fatt il-popolarità ta' dan l-għasfur hija marbuta mal-għajta karatteristika u penetranti tagħha. X'uħud iżommu r-raġel f'gaġġa speċjali, bis-saqaf taċ-ċarruta, għall-għajjat. Is-saqaf taċ-ċarruta jagħmluh, biex l-għasfur ma jweġġgħax rasu, għax is-summiena tagħti skoss b'saqajha u tgħola 'l fuq qabel ittir, u ġieli tagħmel hekk fil-gaġġa meta titgerrex.



*Summiena kif tinżamm fil-gaġġa*

Is-**Summiena**, li fiha minn 16 sa 18 il-ċentimetru, hija waħda mill-għasafar meqjusin bħala tal-kaċċa. Hija popolari ħafna ma' dawk il-kaċċaturi li jieħdu dan il-passatemp bis-serjetà, mhux bħal dawk li qishom *kawbojs* u jisparaw bl-addoċċ fuq kulma jtir.

Is-Summiena tidher frekwenti fil-passa kemm tar-rebbiegħa kif ukoll tal-ħarifa. F'xi snin tidher f'numri kbar, f'oħrajn ġieli tkun kemxejn skarsa. Ġieli tqatta' wkoll ix-xhur tax-xitwa f'pajjiżna. Ir-raġel ikun kannella, b'marki griżi, sofor, u bajdanin. Ġieli jkollu ħannieqa sewda jew kannella ħamranija. Il-mara tixbaħ lir-raġel imma ma jkollhiex il-kuluri grassi bħal tiegħu u tkun kemxejn iżjed ċara. Meta r-raġel ikollu ħannieqa sewdenija f'għonqu jsejħulu **Lhudi**. Oħrajn, dejjem skont il-kulur jew id-disinn li jkollhom f'għonqhom, isibuhom bħala **tas-Salib** jew **tad-Domna**.

In-nassab tas-Summien, meta jisma' xi Summienu jgħajjat fil-kampanja fix-xitwa jew fir-rebbiegħa dritt jifrex xibka fuq il-qamħ jew is-silla u jpoġġi mara jew tnejn fil-gaġeġ taħt ix-xibka. Wara n-nassab jipprova jressaq is-Summienu lejn ix-xibka billi jsaffarlu bil-*kwaljarin* jew *kuljarin*. Il-kwaljarin ġejja mill-isem bit-Taljan tas-Summiena *Quaglia* (tinqara *kwalja*). Din is-suffara tkun magħmula minn biċċa għadma jew qasba mħawħa u b'minfaħ tal-ġild jew tal-lastku. In-nassab iżomm is-suffara ma' ġenbu b'id waħda u bl-oħra jibda jagħti fuq il-minfaħ biex b'hekk isemma' t-tisfira tal-mara *"krikrik, krikrik, krikrik"*.



*Bajd tas-Summien li jvarja ħafna fil-kwantità u d-daqs ta' dbabar (skala ta' qies - millimetri)*

Is-Summiena tbejjet ġeneralment għal April jew Mejju. Tbid minn seba' sa tnax-il bajda f'ħofra baxxa li tħaffer f'xi għalqa bil-ħaxix, bħal tal-qamħ jew tas-silla. Il-bajd ikun kulur il-krema b'ħafna dbabar kannella skur. Ifaqqas wara xi tliet ġimgħat. Il-frieħ ikunu qishom flieles żgħar safranin, b'ħafna marki kannella. Jibdew jimxu u jnaqqu



mill-art wara ftit li jfaqqsu, u jiġru wara ommhom bħalma l-flieles jiġru wara l-qroqqa.

Fl-imgħoddi s-Summiena kienet tbejjet kważi regolari f'pajjiżna, iżda f'dawn l-aħħar ħamsin sena ftit li xejn irnexxielha li tbejjet. F'dawn l-aħħar snin darbtejn nafu li rnexxielha tbejjet f'Għawdex. F'Ġunju tal-2003 Summiena kellha ħamest ifrieħ fl-inħawi tal-Għattuq, mhux il-bogħod mill-Kapuċċini. U f'April tal-2007 kelb tal-kaċċa li kien qiegħed idur ma' sidu fl-inħawi tal-Għarb, kien qabad żewġt ifrieħ tas-Summien.

*Ferħ ta' Summiena ta' tlett ijiem.*

RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE

"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

B
BEAVER
Whether you are mother of the bride/groom or guest we want you to have the perfect dress for your special occasion.
We also carry evening dresses and formal wear, shoes, bags and also hiring of hats.
2, St George's Square, Victoria, Gozo, Malta - Tel: 2155 1287
Left handside of St George's Basilica

Book your wedding with CVC...
because we are different !
Digital Photography · Guest Book
Traditional Album · Digital Wedding Album
Broadcast Video Production
CVC
citadel video communications
audiovisual productions
www.gozotv.com
BY THE BASTION ROAD, VICTORIA GOZO MALTA
TEL: 21 551 936 - 27 551 936


Passiġġata Biblika - 66

# Il-Mistrieħ mix-Xogħol f'Jum il-Mulej

## Ħarsa biblika

minn Fr. Charles Buttigieg

### *Jum il-Mulej*

Il-bniedem hu marbut bil-liġi naturali li jagħti qima privata, pubblika u komunitarja lil Alla. Fl-Antik Testment, il-poplu t'Alla kien mitlub biex iħares ġurnata fil-ġimgħa - Jum is-Sibt kif naraw fil-ktieb tal-Eżodu. Wara l-qawmien ta' Ġesù mill-mewt, il-Knisja tal-bidu ttrasferiet il-jum qaddis mis-Sibt għall-Ħadd, il-jum li fih qam il-Mulej. Matul is-snin, il-Knisja żiedet ukoll għadd ta' festi kkmandati. Il-liġi kanonika f'kanoni 1247 titlob li f'dawn il-ġranet, l-insara, "jattendu għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u ukoll jastjenu mix-xogħol u n-negozju li jtellef il-qima li għandha tingħata lil Alla, il-ferħ li jixraq lil Jum il-Mulej, jew il-mistrieħ meħtieġ tal-moħħ u tal-ġisem." Allura n-nisrani għandu jħalli x-xogħol tiegħu, biex b'hekk ikun jista' jiltaqa' m'Alla u jagħtih il-qima li tixraqlu. Għalhekk il-mistrieħ, mhux skop fih innifsu, iżda biex il-bniedem isib aktar ħin u libertà li jqaddes dan il-jum.

### *Ix-Xogħol u l-Mistrieħ*

Il-bniedem għandu s-setgħa mogħtija minn Alla stess li jaħkem, jibdel u jisfrutta l-ħolqien kif naraw fl-ewwel kapitli tal-Ġenesi. Il-bniedem huwa minnu nnifsu ħaddiem, għax għandu l-kapaċità li jħaddem ir-riżorsi naturali u jużahom għall-interess u l-progress tiegħu. Meta l-bniedem dineb, hu kien imjassar mid-dnub tiegħu. Anke x-xogħol ġie affettwat mid-dnub u għalhekk sar ta' piż għall-bniedem. Iżda bl-opra tal-fidwa, Kristu qaddes ix-xogħol tal-bniedem u għamlu mhux biss tisħib ma' Alla fl-opra tal-ħolqien iżda ukoll tisħib miegħu fl-opra tal-fidwa. Il-ħaddiem jista' jsieħeb it-tbatija ta' xogħolu mas-salib ta' Kristu, u joffriha bħala att ta' mħabba lil Alla u lil ħutu. Max-xogħol hu meħtieġ ukoll il-mistrieħ, biex il-bniedem jikkonsagra ħidmietu lil Alla. Il-mistrieħ jista' jservi ukoll biex il-bniedem jinsa ftit lilu nnifsu u jiddedika ħin għall-familja jew għall-proxxmu f'xi ħidma volontarja. Naturalment il-mistrieħ hu meħtieġ ukoll biex il-ħaddiem iserraħ ġismu u moħħu, biex jikseb enerġija ġdida biex ikompli f'xogħolu.

### *Jum il-Mulej fl-Antik Testment*

Fl-Antik Testment, il-liġi tal-mistrieħ f'Jum is-Sibt kif espress b'mod ċar fit-tielet kmandament, kienet tgħodd anke għal dawk l-inqas stmati fis-soċjetà, speċjalment l-ilsiera kif insibu fl-Eżodu, "Dakinhar ma tagħmel ebda xogħol, la int, la ibnek, la l-ilsir jew l-ilsira tiegħek, la l-bhejjem, u lanqas il-barrani li jkun f'darek." (Eż.20:10).



Għall-poplu Lhudi, l-mistrieħ tas-Sibt kellu rabta kbira mal-ħelsien mill-jasar ta' l-Eġittu. Anke għall-poplu tar-rabta l-ġdida, il-mistrieħ f'Jum il-Ħadd juri l-ħelsien li Kristu ta lill-bniedem bil-mewt u l-qawmien tiegħu. Għalhekk l-anqas ix-xogħol m'għandu jkun ta' jasar għall-bniedem u jtellfu milli jkollu relazzjoni ma' Alla. Permezz tat-tqaddis ta' Jum il-Ħadd, il-bniedem jilqa' mingħand Alla dak li pprovdielu f'ġimgħa xogħol u ma' Kristu jerfa' l-piż tat-tbatija bħala twettiq tar-rieda tal-Missier.

### *Ġesù u s-Sibt*

L-atteġġament ta' Ġesù rigward il-liġi tas-Sibt, kien aktar ta' osservanza tal-ispirtu tal-liġi milli osservazzjoni legalistika u ritwalistika. Ġesù kien imur is-sinagoga nhar ta' Sibt bħal-Lhud. Mill-banda l-oħra ħadha kontra t-tradizzjoni rabbinika li daħħlet ħafna rqaqat fil-liġi tal-mistrieħ tant li ntilef is-sens u l-iskop veru tal-mistrieħ. Hekk Ġesù jiddefendi lid-dixxipli li qatgħu is-sbul f'jum is-Sibt kif naraw f'Mk.21:23-28 u ma jiddejjaqx ifejjaq raġel li kellu idu niexfa f'jum is-Sibt, minkejja l-kritika tal-Fariżej kif insibu f'Mk.3:1-5. Għal Ġesù il-valur tal-mistrieħ mhux skop fih innifsu; għalhekk kien jagħmel il-ġid nhar ta' Sibt ukoll; "Min minnkom ikollu nagħġa u taqgħalu f'ħofra s-Sibt, u ma jmurx jaqbad u jtellagħha? Imma kemm jiswa' bniedem aktar minn nagħġa! Mela jiswa' tagħmel il-ġid nhar ta' Sibt." (Mt12:11-12).

### *Biblijografija*

*Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, ed. Arcidjoċesi ta' Malta, Blata l-Bajda 1993.

McCORMICK R.A., *Notes on Moral Theology - 1965 through 1980*, Washington 1981.

HARING B., *Free and Faithful in Christ*, III, London 1981.

PESCHKE K.H., *Christian Ethics*, II, Alcester 1985.

## LETTERATURA GĦAWDXIJA

# Fuq t'Għammar

*minn* **Alfred Grech**

F'dan il-baħar ta' lwien jaħraq ix-xemx f'inżulha
Inwarrab ħarsti minn dak li jgħammixha
U nħossni nibda nogħdos u negħreq
Biex ninsa t-toqol tat-telgħa
Li tlajt imwieżen minnek.

F'din il-medda ta' kjaroskur
Ilwien griżi jlibbsu dellijiet ta' tmiem il-jum
Hemm il-ħemda li ninfed ir-ruħ
U ż-żiffa ħelwa ta' leħen is-skiet.

F'din il-firxa ta' qawwa akbar minni
Inħoss jgħaddi minn ġo fija
Ir-riħ li jġorr il-qiegħa
U jsaffini minn kull dmija.

Hawnhekk 'il bogħod minn nisġet il-brimba
Ta' ħsara, għeltijiet u ħafna dnewwa
Hawnhekk insib is-sabar, ruħi tiskot
U min-nagħas tas-skiet tistejqer dinja oħra.

Hawn erġajt ġejt fil-ħemda tal-għabex
Ta' dellijiet jitwalu lilhinn minn fejn twassal il-ħarsa
Bejn il-mostur u l-mikxuf
Ta' ħsejjes l-art għammiela
Ir-riħa tal-ħdura u tar-raba' msoqqi
U l-għana tal-għasafar qabel jorqdu.

Erġajt ġejt hawn biex inħoss
Fit-tul ta' daż-żmien kollu
Is-seħer tal-maqdes tiegħek
U nara jekk il-fwieħa ta' madwaru
Għadhiex li kienet.

Ħin l-irqad ifakkarni fil-ħajja li tieqaf
F'dak kollu li għadu jgħodd…
U f'dak li jmiss.

---

# Fit-Triq Ta' Pinu fit-3.00am

*minn* **Ġiġi Galea, 22 ta' Ġunju 1951***

Il-bozoz elettriċi bħal fanali
kienu jdawlu triqti fil-belt Rabtija,
mat-triq qalb il-ħdura tal-għelieqi
dawwala l-qamar ta' sema sajfija.

'L hinn , il-loġoġ li saru biex iġorru
l-ilma tal-ħajja, mill-għerien xebgħana
fil-muntanji, lin-nies beżlin beltija
qed jilmaw b'fidda ta' kwiekeb fuqana.

U issa tfaċċat minn wara l-muntanja
tiddi fil-glorja ta' snin ta' tislima
il-knisja li tella' l-bennej Għawdxi
li għaraf 'l Ommu jibni post ta' qima.

U tisma' l-kant sabiħ tan-nies Għawdxija
ikantaw merħba lil Sidtna Marija.

# L-Ilbies tal-Madonna

*minn* **Giovanni Antonio Ciantar, 1696-1778**
*(addattament għall-Malti mit-Taljan minn Michael Grech)*

Mant jaqa' rfinut u rikk sa djulha.

Faxxa mżewqa b'ħaġar wisq leqqien,
Sabiħa u tixraq miżgħuda lwien
Xhieda ċara ta' Safa Immakulata
B'virtù bla għadd u ta' mertu sublim.

Għonqha mżejjen b'għaxqa ta' kullana
Ta' siwi kbir u tiddi bi tliet perli
Neżlin mal-ħobb, tat-tliet Virtù l-fakra,
Fuq bust bħal dan sthajjilthom fuq it-Tron.

Fuq subgħajha misluta u rżina poġġew
Ċrieket sebgħa li jleqqu tant prezzjużi,
Mera tad-Doni tal-Qaddis Ispirtu.

Kuruna Sultana wieżnu fuq rasha
Din għandha kbir valur, żgur ma jitqiesx,
Għax xbieha qed trodd tar-Renju li Hija
Għandha: tal-Univers sħiħ ir-Reġina.

** Poeżija miktuba 60 sena ilu meta Ġiġi Galea kien żagħżugħ ta' 16-il sena. Poeżija li tixhed id-devozzjoni li kellhom iż-żgħażagħ Għawdxin lejn il-Madonna Ta' Pinu. Vitorina, oħt Ġiġi qaltilna li żewġha Toni dakinhar kien milqut minn dawn il-versi u kien żammhom b'għożża matul is-snin. Qaltilna wkoll li kien ikun żmien l-eżamijiet annwali u tal-Oxford u hi, Ġiġi u oħthom Ġorġa kienu jmorru bil-mixi Ta' Pinu filgħodu kmieni fl-erbgħat tal-Madonna biex iħossu s-sostenn tagħha fl-eżamijiet. Matul it-triq kienu jingabru magħhom studenti oħra. Kienet din il-mixja li nebbħet lil Ġiġi jikteb dawn il-versi. Illum Ġiġi qed jgħix l-Amerika mal-familja.*

*Għawdex Qabel ir-Ritratti (37)* ***minn* JOHN CREMONA**

# *X'kien l-ewwel isem ta' Għawdex?*

Ma nafux b'liema lingwa kienu jitkellmu n-nies li abitaw il-gżira tagħna u l-arċipelagu Malti qabel il-miġja tal-Feniċi fis-sena 700 qabel Kristu. Li nafu fiż-żgur huwa l-fatt li dawn kienu nies b'kultura sofistikata u ta' intelliġenza kbira. Dan nafuh mill-monumenti li ħallewlna bħall-Ġgantija, kif ukoll fl-oġġetti artistiċi li kienu jużaw fiċ-ċerimonji u riti tagħhom marbuta partikolarment mad-dfin. Irrid naħseb li kellhom xi isem li bih kienu jirreferu għal Għawdex tagħna. Jekk imbagħad nassumu li Għawdex u Malta qatt ma ġew diżabitati min-nies u qatt ma kien hemm qtugħ komplet bejn in-nies ta' Żmien it-Tempji, in-nies ta' Żmien il-Bronż u l-Feniċi, allura jista' jkun li l-isem ta' Għawdex seta' għadda minn kultura għal oħra bil-fomm sakemm il-Feniċi kitbuh għall-ewwel darba bħala GWL.

L-ewwel darba li nsibu riferenza miktuba għall-isem ta' Għawdex bħala *GWL* huwa fuq irħama li ġiet misjuba f'Għawdex fis-sena 1855. Għalkemm l-iskrizzjoni ta' l-irħama ġiet datata għat-tieni jew it-tielet seklu QK u l-eqdem riferenza miktuba għall-isem ta' Għawdex bħala *Gaulos,* insibuha fil-kitbiet ta' Hecataeus Grieg li għex bejn is-snin 560 u 480 QK, nistgħu naħsbu li kemm l-isem qadim ta' Għawdex bħala *GWL* u l-verżjoni Griega tiegħu bħala *Gaulos* baqgħu jintużaw flimkien kif illum nużaw l-ismijiet Għawdex u *Gozo* għaliex li kieku ma kienx hekk, kieku l-ismijiet Feniċi f'kuntest Ruman ma kinux jagħmlu sens.

Wara s-sejbien tagħha, din l-iskrizzjoni mill-ewwel qajmet interess kbir peress li fl-istess żmien kien għadu kif instab sarkofagu tal-granit ta' Asmunazar, Re ta' Sidon li fuqu kien hemm skrizzjoni twila bil-Feniċju u l-istudjużi ta' din il-lingwa kienu qed jiddiskutu l-interpretazzjoni tagħha. Dwar l-iskrizzjoni ta' Għawdex l-ewwel li kiteb kien l-arkeologu Taljan Michelangelo Lanci li ppubblika ktejjeb f'Ruma fis-sena 1855. Din l-iskrizzjoni minn Għawdex qajmet interess kbir u naraw bosta artikli u pubblikazzjonijiet dwarha ppubblikati f'Londra, Pariġi u f'bosta ġurnali Ġermaniżi. Naturalment kien hemm interpretazzjonijiet differenti ta' x'tista' tfisser l-iskrizzjoni u dwar il-parti nieqsa tagħha. Kien l-istudjuż H.Ewald li kiteb artiklu f'Jannar 1856 li ttenda li din l-iskrizzjoni tirreferi għall-poplu ta' Għawdex.

Għalkemm il-ħafna pubblikazzjonijiet li semmejt jitkellmu fit-tul dwar l-interpretazzjoni ta' l-iskrizzjoni, ftit li xejn jagħtu dettalji dwar kif u fejn instabet l-iskrizzjoni għaliex ukoll hawn, kien hemm min ipprova jitfa' dubji li din l-iskrizzjoni ma nstabitx Għawdex. Hawn jidħol fix-xena Annetto Antonio Caruana li kien arkeologu u l-librar tal-Biblioteka ta' Malta li fil-ktieb tiegħu *Report on the Phoenician and Roman Antiquities in the group of the islands of Malta* ippubblikat fis-sena 1882 jgħid li *"imma għalkemm l-iskrizzjoni bħalissa tinstab miżmuma f'Malta, fil-verità kienet instabet f'Għawdex u jiena naf sew iċ-ċirkostanzi tas-sejba tagħha hemm u kif sabet ruħha f'Malta".*

L-iskrizzjoni li qed nitkellem dwarha hija magħrufa bħala *Melitensis Quinta.* Hija rħama żgħira b'qies ta' 14.5 x 15.5cm bi skrizzjoni Feniċja mill-isbaħ li tfakkar ir-restawr ta' tliet tempji fuq il-gżira ta' Għawdex. L-iskrizzjoni hija meqjusa importanti għax minbarra l-qedem tagħha, hija dokument uniku li tirreferi għall-poplu ta' Għawdex bħala assemblea. Illum din l-iskrizzjoni tinstab għall-wiri fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija ta' Għawdex u hija meqjusa bħala waħda mill-aktar oġġetti prezzjużi u importanti ta' dan il-mużew. Interessanti huwa l-fatt li minkejja li nafu x'kien l-isem Feniċju ta' Għawdex, l-isem ta' Malta ma nafux x'kien. Xi muniti ta' Malta juru skrizzjoni *ANN* imma ħadd mhuwa ċert li dan jirreferi għall-isem ta' Malta.

*The Phœnician Inscription commonly called*
MELITENSIS QUINTA.



Il-litografija li qed inġib ma' dan l-artiklu hija meħuda minn artiklu ppubblikat minn William Wright fit-*Transactions of the Biblical Society* ta' Londra fl-1874. Il-litografija għandha qisien ta' 135 x 145 mm.




# L-Ispiża għat-Tiġrija ta' Santa Marija

**Id-dokument numru mija, ħamsa u disgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex jikkonsisti f'tagħrif dwar l-ewwel parti tal-ispiża li saret għat-tiġrija ta' Santa Marija tal-15 ta' Awwissu 1611. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 40r (NAG, UG, *Acta*, 3/1610–1611, 40r).**



Din hi t-traskrizzjoni tal-ewwel parti tad-dokument:

*Noi infrascritti Giurati dell'Università del Gozzo, per il presente nostro mandato, comettamo a' voi Magnifico Marcello Burlò, Thisorero d'essa Università, che delli suoi introite habiate pagare a Paulo Azzopapardi una salma e mezza al orzio per li tre palii delli someri che corserò nella festività dell'Assuntione della Beata Vergine prossima passata e a cautela nostra fecimo fare lo presente mandato del nostro magnifico e dai noi scritto. Datum Gauli, die XIX augusti 1611*

B'din il-kitba, il-Ġurati tal-Università awtorizzaw lill-Manifku Marcello Burlò, teżorier tal-istess Università, biex iħallas lil Pawlu Azzopardi salma u nofs *orzio,* bil-Malti *xgħir* u bl-Ingliż *barley.* Salma bil-Malti tingħad ukoll modd u kien fiha 0.29 metri kubi. Pawlu Azzopardi kien ipprovda tliet paljijiet għat-tiġrijiet tal-ħmir fit-tiġrija ta' Santa Marija. Hu ta' interess li Pawlu minflok ma tħallas bil-flus, ipprefera li jitħallas bix-xgħir. Qisu kien jaqbillu.

Dan il-ħlas u dak ta' warajh jixhdu li erba' mit sena ilu, it-tiġrija famuża u antika ta' Santa Marija kienet saret bil-kbir bħas-soltu. Erba' mit sena ilu, aktarx li saret bil-kbir iktar mis-soltu. Nhar l-14 ta' Awwissu ta' dik is-sena, lejlet Santa Marija, Dun Nikol-Natal Cassia-Magri, l-arċipriet tal-Matriċi, kien fetaħ u bierek il-knisja Matriċi l-ġdida. L-ewwel ġebla kienet tqiegħdet nhar il-21 ta' Settembru 1697 u damet tinbena bla ebda waqfien għal erbatax-il sena sħaħ.

It-tieni ħlas relatat mat-tiġrija tas-sena 1611 sar lil Ġwanni Camilleri li kellu ħanut li minnu, milli jidher, kien ibigħ minn kollox – minn drappijiet sa ħbula, minn imsiemer sa serraturi tal-ħadid. Hu rċieva s-somma ta' 5 skuti u 7 irbgħajja għal oġġetti relatati mat-tiġrija li nxtraw mingħandu.

Dawn il-ħwejjeġ kienu jinkludu l-ewwel nett damask, satin, kurduni, u kurdiċelli ħalli jkunu jistgħu jsiru l-paljijiet. Inxtraw ukoll erba' brieret – dawn kienu jingħataw premju liż-żgħażagħ li kienu jieħdu sehem f'tiġrija għalihom minn ħdejn San Pawl (quddiem il-Liċeo) sa taħt il-Barrakka (quddiem il-Palazz tal-Isqof). Inxtara wkoll drapp li minnu saru xi bandalori biex qishom isebbħu bihom it-triq tat-tiġrija.

L- Università kienet tagħmel minn kollox biex it-tiġrija tirnexxi bil-kbir.

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# *Fr. José Galea (1933 - 2005)*

## *L-Ewwel Missjunarju Għawdxi fil-Brażil*

Id-djoċesi ta' Għawdex tibqa' msemmija għall-għajnuna li tagħti lill-missjonijiet. U fost dawk il-persuni li qattgħu ħajjithom fil-missjoni nsibu lil Fr. José Galea.

Ġużeppi twieled fir-raħal ta' Sannat fit-18 ta' Settembru 1933. Kien ta' karattru sod u qawwi u dan qabel daħal is-Seminarju ta' Għawdex. Kien wieħed minn tal-ewwel li daħal bħala membru attiv fis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija magħrufa bħala l-Mużew. Kien jgħin lil sħabu fl-istudju u kien ta' ispirazzjoni għaż-żgħażagħ tal-ħamsinijiet.

Beda l-kors għas-saċerdozju fis-Seminarju ta' Għawdex iżda ħass is-sejħa missjunarja biex ikompli l-formazzjoni saċerdotali fil-Brażil fl-1955. Qabel ma telaq f'Ottubru kienet saret festa fiċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika. Kompla l-istudju tiegħu fin-North East tal-Brażil taħt l-Isqof Helder Camara, li ħadem tant għall-fqar. Ġie ordnat saċerdot fis-6 ta' Diċembru 1959 fil-Katidral ta' Cajazeiras. Wara l-ordinazzjoni tiegħu rritorna lejn Malta u ċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu fost il-ferħ tal-familjari u l-ħbieb l-oħra li kellu. Malli rritorna lejn il-Brażil Fr. José sar kappillan tal-parroċċa ta' San Ġużepp ta' Jatoba.

Is-superjuri tiegħu indunaw li dan is-saċerdot żagħżugħ kien kapaċi għall-istudju, u hekk bagħtuh ikompli l-istudji tiegħu f'Ruma. Huwa kiseb liċenzjat fit-Teoloġija u dottorat fis-Soċjoloġija, li kien is-suġġett preferit tiegħu. Meta ppreżenta t-teżi għadda bl-unuri kollha, jiġifieri kiseb l-aqwa riżultat.

Meta rritorna lejn il-Brażil ġie trasferit għad-djoċesi ta' Brasilia, fejn hemm waqqaf parroċċa ġdida u ddedikaha lil San Pietru ta' Alcantara. Bena mhux biss il-knisja tal-ġebel iżda wkoll ċentru kbir fejn madwar 300 tifel u tifla jmorru jitgħallmu xi sengħa. Wettaq diversi proġetti fosthom *boreholes* għall-ilma u dan kien jagħmlu permezz ta' għajnuna li kien jirċievi mill-Ġermanja.

Is-suġġett preferit tiegħu kien is-soċjoloġija u kien jgħallmu fis-Seminarju ta' Brasilia. Huwa kien ukoll kittieb tant li ppubblika diversi kotba bil-Portugiż. Is-suġġett kien dejjem fuq il-ħtieġa li ssir ġustizzja soċjali fost il-fqar tal-Brażil. Barra minn kotba kiteb ħafna artikli f'diversi rivisti kemm fil-Brażil u Malta fil-ġurnal "Leħen is-Sewwa". Ta' min isemmi li l-artikli f'dan il-ġurnal kienu regolari. U dawn kien jiktibhom il-Brażil u jibgħathom Malta biex jiġu ppubblikati.



Kien bniedem ta' serjetà kbira u Patri Remiġ Galea jikteb hekk fuqu: "Dun Ġużepp kien bniedem serju ħafna u silenzjuż. Kien jisimgħek bi tbissima fuq xufftejh. Il-ħarsa f'għajnejh kienet safja u tħallik tgħid dak li għandek tgħid."

Minħabba l-ħidma assidwa favur il-foqra, il-Gvern tal-Brażil onora lil Dun Ġużepp b'diversi onorifiċenzi. U xi wħud rari ħafna jingħataw.

Fr. José Galea kien il-pijunier li fetaħ it-triq biex saċerdoti oħra jmorru jaħdmu fil-missjoni tal-Brażil. Dan il-pajjiż imbiegħed sar il-pajjiż adottiv tiegħu tant li baqa' jaħdem fih sa ma miet. Lanqas il-marda kiefra li wasslietu sal-mewt ma tellfitu li jinfired minn din l-art missjunarja. Dun Ġużepp għex fost il-fqar u ħabbhom ħafna filwaqt li pprova jtejjeb il-ħajja tagħhom. Nistgħu napplikaw din is-sentenza ta' San Pawl għalih: "Kemm huma sbieħ ir-riġlejn ta' dawk li jħabbru l-ġid" (Rum 10,15).

Kull bidu għandu t-tmiem tiegħu u Fr. José ħalla din id-dinja nhar il-31 ta' Lulju 2005. Ta' min jinnota li huwa qatta nofs ta' seklu fil-missjoni tal-Brażil.

Kull meta naqraw il-ħajja ta' xi missjunarju bħal ta' José Galea għandna niftakru kemm hawn bżonn li Ġesù jkun magħruf u maħbub mad-dinja kollha.

*Dan l-artiklu huwa bbażat fuq dawn l-artikli:*

Sciberras Lawrenz, *Mons. Dun. Ġużepp Galea*, li deher fil-"Leħen is-Sewwa" tas-27 ta' Awwissu, 2005.

Galea Remiġ, *Tislima lil Dun Ġużepp Galea mir-raħal ta' Sannat.*

**Angelo Xuereb**

Imperial Eagle

DAILY (from Monday to Friday)
Transport of goods between
Gozo & Malta and Malta & Gozo.

Gozo Truck Transport

Contact: Joseph Spiteri
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521

*Għawdex Online (31)*



# *L-Għawdxin ta' barra*



*riċerka u kitba ta'* **SALVU FELICE PACE,** sfelicep@go.net.mt




Kull sforz li jsir biex kemm il-Maltin ta' barra kif ukoll l-Għawdxin ta' barra jżommu kuntatt ma' xulxin għandu jsib l-approvazzjoni ta' kulħadd. Dan l-aħħar ingħatat pubbliċità lill-Federazzjoni għall-"Maltin li Jgħixu Barra" bit-tnedija tal-websajt **www.malteseabroad.org**.

Fis-sena 2000 meta nżammet f'Malta l-Konvenzjoni għall-Mexxejja tal-Assoċjazzjonijiet Maltin kienet ittieħdet id-deċiżjoni li titwaqqaf federazzjoni għalihom. Illum din il-Federazzjoni qed taħdem u skont tagħrif li ngħata f'Mejju li għadda diġà hemm 44 assoċjazzjoni b'affiljazzjoni magħha. Dawn jinkludu 28 għaqda mill-Awstralja, 9 mill-Kanada, 2 mill-Istati Uniti, 2 minn New Zealand, waħda mill-Belġju u oħra mir-Renju Unit.

Id-diaspora Għawdxija, jiġifieri l-komunità Għawdxija mxerrda barra minn Malta, hija parti mid-diaspora Maltija li llum twassal għal aktar minn 400,000 Malti ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet ġenerazzjoni. It-taqsima "Diaspora" fil-websajt tagħti ħafna dettalji, iżda m'hemmx distinzjoni bejn emigranti Maltin u dawk Għawdxin. Fatt li għandu jinkuraġġixxi lil xi student jew studenta minn Għawdex fl-Università biex issir ir-riċerka meħtieġa dwar in-numru ta' Għawdxin fid-diaspora Maltija.

Interessanti huwa l-fatt illi l-ewwel President tal-Federazzjoni huwa l-Għawdxi, il-Professur Maurice Cauchi, li ħafna minna nirreferu għalih bħala ħu l-mibki Isqof t'Għawdex, Mons. Nikol Cauchi. Ngħid interessanti għax kien Għawdxi ieħor li fis-snin sittin kien għamel sforz kbir biex titwaqqaf federazzjoni bħal din. Dak kien Laurent Ropa, (1891-1967) imwieled Rapa fix-Xagħra u kien emigrant fl-Alġerija. Laurent kien kittieb prolifiku u ta kontribut qawwi kemm lill-letteratura Maltija kif ukoll dik Franċiża. Tagħrif dwaru jinsab f'**http://MaltaMigration.com** fejn issib silta mill-*Maltese Biographies of the Twentieth Century* (Michael J Schiavone u Louis J Scerri).

Fis-sit **www.malteseabroad.org** issib formula biex tkun tista' tagħmel kuntatt mal-Federazzjoni kemm bħala individwu jew parti minn xi assoċjazzjoni. Tista' wkoll titlob li tibda tirċievi n-*newsletter* li toħroġ darba fix-xahar.

**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**

*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita.*



**GREZZJU BONELLO**

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

**PICTURE STORY** **minn SEQER**

# Marsalforn: il-piċċ tal-Otters:

*hawnhekk qed titkejjel il-kwalità ta' ilma għall-għawm??*





# Playing Field, Victoria:

*il-kummissjoni dwar is-sigurtà fil-playing fields waslet s'hawn?*






**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



*Għext il-Mandraġġ (10)*

# Ninġabru mill-Ġdid fil-Mandraġġ



*kitba ta'* ANTON SPITERI

**"*Għax dari*" huma żewġ kelmiet li bihom kienu jibdew ir-rakkonti tal-imgħoddi meta konna żgħar. Illum it-tifkiriet ta' tfulitna saru ġrajjiet ta' dari. Kulmin trabba fil-Mandraġġ għandu esperjenzi x'jirrakkonta u jiżdiedu ma' dawn li nkitbu s'issa. Kien hemm żmien meta konna noħolmu li l-bini qadim jitwaqqa' u minflok jinbnew flatts moderni. Bosta familji kienu telqu minn hawn u marru joqogħdu fi djar ġodda 'l barra mir-Rabat jew f'Taċ-Ċawla. Dawn in-nies xorta jħossu l-ħtieġa li ta' spiss imorru lura fil-qalba tar-Rabat.**

Il-ħajja soċjali tar-Rabat hija marbuta mal-pjazza, it-Tokk li hu tefgħa ta' ġebla bogħod mill-Mandraġġ. Meta kienet issir xi attività konna mmorru bi ħġarna u naraw xi banda tal-militar jew xi film qasir tal-BI (*British Institute*) li kien jintwera mal-ħajt tal-*Banca Giuratale*. Il-pjazza dejjem kont issib pulizija stazzjonat hemm lejl u nhar. Darba waqt maltempata billejl tqaċċtet siġra kbira u kien hemm il-Pulizija Bezzina magħruf bħala Ketutu. Min jaf x'qatgħa ħa. Is-siġra li tħawlet minflok dik li tqaċċtet baqgħet tidher iżgħar mill-oħrajn. Aħna konna nieħdu gost l-aktar b' siġar tal-frott bħal taċ-ċawsli li kien hemm fit-triq ta' Santa Luċija u fil-Wied ta' Marsalforn. Dawn kienu ħawluhom l-Ingliżi għad-dud tal-ħarir u mhux għalina t-tfal. Kien jixxabbat xi tifel kbir u jaqta' ċ-ċawsli ġo landa u jnewlu lilna li konna nistennew taħt is-siġra. Fejn konna noqogħdu, kien hemm numru ta' siġar tar-rummien li llum ftit fadal minnhom.

Il-fatt li l-Mandraġġ għadu parti mid-dawra tal-purċissjoni taż-żewġ parroċċi tar-Rabat jagħtina ċertu sodisfazzjon. Il-purċissjonijiet fi triq dejqa jidhru fl-aqwa tagħhom speċjalment fir-ritratti. Meta konna nieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira konna nistħu mill-ġirien. Min kien jirnexxilu jilbes ta' kavallier bix-xabla u l-mantell, kien iħossu kburi jakkompanja il-monument li juri lil Kristu mejjet. Il-festi jagħtu ħajja lil dawn l-inħawi u tkun okkażjoni biex bosta nies jimxu mixja f'dawn it-toroq dojoq.

L-isqaqien għadhom hemm u l-bini l-antik għadu hemm ukoll. Hemm il-forn medjevali li tranġa u nħeles mill-qerda. Viċin hemm il-gallerija tal-ġebel kollha skultura. Niftakar li darba rajt raġel Ingliż iħares u jifli din il-gallerija u jien naħseb li seta' kien Sir Harry Luke innifsu. Il-parapett tas-Sufi għadu hemm u faċċata hemm dar kbira li fuq il-bieb għandha tieqa bil-ħarriġiet u toqba li kienet tintuża bħala għarriexa. Fuq in-naħa l-oħra tat-triq hemm xi djar li nbidlu f'appartamenti żgħar għat-turisti. Hemm xi djar li għadhom jgħixu fihom xi familji. Hemm dar oħra li aktarx kienet dar fortifikata. Minn barra kellha biss bieb u tieqa żgħira u l-ħajt għoli ta' barra għandu ċint fuq ġewwa minn fejn tista' tgħaddi minn naħa għal oħra. Id-dar tinsab taħt il-livell tat-triq, sinjal li hija dar tassew antika. Hemm tliet ħnejjiet massiċċi li minn waħda tgħaddi għall-mitħna tal-mixi bil-ħnejjiet medjevali. Hemm imbagħad żewġ ħnejjiet kbar li fuqhom hemm setaħ li maż-żmien issaqqaf b'żewġ loġoġ kbar u tnejn oħra iżgħar. Dan is-setaħ jagħti għal kamra kbira li konna nsibuha bħala dar minflok għorfa.

Minn fuq il-bejt tidher il-Bażilka ta' San Ġorġ, iċ-Ċittadella u l-Katidral u l-għolja ta' Gelmus. Fuq in-naħa l-oħra jidhru Ta' Kerċem u l-għoljiet ta' Għar Ilma u ta' Dbieġi. Dan il-bini jista' jinbidel f'kumpless turistiku għal wirjiet tal-istorja u tal-arti.

L-inħawi tal-Mandraġġ huma ideali għat-tfal tal-iskola primarja li jistgħu jittieħdu hemm ħalli jiġru mingħajr biża' tal-karozzi. Hemm jistgħu jilagħbu logħob li jħobbu jilagħbu bħal noli u daqqa ċieda u jitgħallmu xi logħob ieħor li qed jintesa'. Dan jista' jsir nhar ta' Erbgħa wara nofsinhar meta t-tfal ikollhom ħin dedikat għall-arti. Daqs ħamsin sena ilu aħna konna ngawdu dan il-logħob li għallimna kif nifirħu flimkien u nidraw nimxu mar-regoli u nwarrbu l-ġlied. Fir-ritratt ta' tfal tal-iskola jidher Charles Spiteri li hu l-korrispondent ta' "Il-Ħajja f' Għawdex" bil-kronaka Għawdxija u l-awtur li minħabba l-istess kunjom kienu jitqiesu qishom aħwa.

Aħna l-kbar nistgħu ninġabru hemm u niġru ġirja mqar id-dawra ż-żgħira. Jekk ikun hemm ftit ikel tradizzjonali u mużika ta' Duminku Grech u tal-għannej Fredu Spiteri żgur li ngħaddu l-isbaħ serata. La jiltaqgħu n-nies kulħadd isib xi jgħid għax il-kliem bħaċ-ċirasa. Ħaġa waħda baqa', meta ser nerġgħu niltaqgħu hemm?



**PLAY - FORUM (7)**

# *Ma' Mewġ il-Ħajja*



**Din hi s-seba' kontribuzzjoni fis-sensiela ta' djalogi drammatiċi dwar problemi ta' żmienna, miktubin mill-mibki u qatt minsi MONS. SALV BORG. Dawn huma utli ħafna għal-laqgħat ta' diskussjoni, biex joħolqu kuxjenza nisranija dwar sitwazzjonijiet diffiċli fis-soċjetà tagħna.**

# IL-WIRT: BARKA JEW SAĦTA?

**1 Xena**

F'dar fil-kwiet

*(mużika ħafifa...fade out)*

*Tonina* Imma din ommok lili qatt ħamlitni...

*Ċikku* Waqa' l-ass, dejjem ommi taħti...

*Tonina* Mela min jaħti... Ara kemm kumplimenti ma' ħutek... għalija u uliedek qatt... Qisna ma neżistux...U kieku daqshekk biss lanqas jimporta. Dik lilna qatt ma ħamlitna.

*Ċikku* Imma din fissazzjoni ta' moħħok. Ommi qatt ma kellha preferenzi... dejjem l-istess imxiet ma' kulħadd.

*Tonina* Issa sparajtha... Dejjem l-istess imxiet ma' kulħadd... U ħallini minnek! Timxi l-istess ma' kulħadd meta lil ħutek ħallitilhom ir-raba' kollu li kellha u lilek xejn?... Dan issejjaħlu li qed timxi l-istess?

*Ċikku* Issa jien tar-raba'? U ngħiduha kif inhi, ħadd minn uliedna ma kien sejjer joqgħod jaħdem ir-raba'. Ħalli għal Margaret, mur araha sejra lejn l-għalqa.

*Tonina* Mela għax tħallilek l-għalqa b'daqshekk ifisser li toqgħod tmur taħdimha int jew xi ħadd minn uliedek. Ara llum biċċa raba' kemm iġġib flus!

*Ċikku* M'intix qed timla moħħok li ser jgħabbuk bil-flus għal dik il-biċċa raba' ta' ommi, hux?

*Tonina* Imma kemm tiflaħ tkun baħnan! Min semmielek il-flus? Mela bintek Margaret mhix hemm? U ibnek Johnnie mhux diġà qed joħroġ ma' xi waħda... Mhux lit-tnejn irridu naħsbulhom fejn jibnu daqsxejn ta' dar?

*Ċikku* Isma' Tonin; ommi raba' ma ħallitlix, iżda tinsiex li kitbitli dak il-mezzanin ta' tarf ir-raħal...

*Tonina* Ħi ruħi qalbi... falliet qisha!... U mur kemm tiflaħ tkun ħmar. Mezzanin li tibża' tidħol fih! Tistenna minn mument għall-ieħor li jaqa' fuqek. Imma possibbli li għadek ma tistax tirrealizza li dik ommok riedet tidħak bik f'wiċċek u int?... U int xejn, l-ebda reazzjoni; kemm kemm ma tippretendix tinżel quddiemha u tbus qiegħ riġlejha.

*Ċikku* Isma' Tonin; meta xi ħadd jisimgħek titkellem hekk, jaħseb li ommok u missierek ħallewlek kollox lilek.

*Tonina* Ommi u missieri ma kellhom xejn...

*Ċikku* Daż-żgur li ma kellhom xejn għax kulma kellhom kitbuh lil ħuk il-kbir, biex taparsi jdur bihom. Biex imbagħad tefagħhom l-isptar.

*Tonina* Lil dak issemmihulix... dak nirraħ il-flus kollha li serqilna jixrobhom duwa...Jien ma nafx kif ser jara wiċċ Alla.

*Ċikku* Qed tara Tonin; kulħadd għandu biex igorr... Taf x'naf ngħid, fid-dinja aħjar ma jkollok xejn...

*Tonina* Rajtx kemm taf tirraġuna? Ma jkollok xejn x'jiġifieri? Imbagħad kif tgħix?

*Ċikku* Tgħix, mela ma tgħix...

*Tonina* Insomma, jiena għada nidħol waħda l-Belt u mmur inkellem Avukat.

*Ċikku* X'avukat, avukat! Dak għalfejn?

*Tonina* Ara għalfejn! Jien din tal-wirt mhux ser inħalliha għaddejja lixxa. Jekk ommok taħseb li l-aħħar kelma hi tagħha sejra żmerċ.

*Ċikku* U xi tridha tgħid iżjed ommi? Ommi issa mietet. Żgur li ma tgħidx kelma oħra. Issa dak li hemm, hemm.

*Tonina* Le mhux dak li hemm hemm. Irrid sodisfazzjon... X'ser jgħidu uliedna meta jaraw li l-maħbuba nanna Ċetta ma ħallitilhom xejn!

*Ċikku* Jekk ma ngħidulhomx aħna żgur li lanqas biss jaħbat ma' moħħhom. Imbagħad... x'ser nieħdu b'daqshekk? Iġġagħlhom jobogħdu lil ommi.

*Tonina* Ma ħaqqhiex aħjar... Insomma jien għada għall-Belt.

*Ċikku* Agħmel li trid. Iżda lili tqisnix. Miniex ġej miegħek, fhimt?

*Tonina* Miniex bżonnok. L-avukat naf fejn joqgħod, u x'ngħidlu naf ukoll.

*(mużika)*

*** *** *** *** *** ***

**2 Xena**

(Ħoss ta' karozza... u brake. Twerżiqa)

*Karla* Weġġajt Mrs...?

*Tonina* Nirraħ jibqa' dieħel f'ħajt tal-konkrit, ja biċċa ta' kelb li hu. Kien għoddu tajjarni!

*Karla* Sinjura ma naħsibx li kellu tort, tafx. Għax int ħriġt bla nol minn wara dik il-karozza pparkjata.

*Tonina* Ukoll! Jiena wkoll għandi tort f'din il-ħaġa. Għax ma tgħidx li ġie sparat, minn wara l-kantuniera. U la daqq u lanqas ħabbat moħħu li seta' kien hawn in-nies.

*Karla* Nerġa' ngħidlek li m'għandux tort sa l-aħħar. Qatt ma għandek toħroġ minn wara karozza.

*Tonina* Ħallini taf! Illum ma ssib palju ma' ħadd. Hawn jien ġejt il-Belt u ħmara dħalt u ħmara sejra lura.

*Karla* Ma nqdejtx, Sinjura ?

*Tonina* Tinqeda bil-mod. Dan ikollok raġun u jaraw kif ibexkluk u jħawduk, u jġagħluk tgħid bħalma jgħidu huma.

*Karla* Tgħidli xejn, għax naf x'jiġifieri...

*Tonina* Mela, mela!Ninżel mir-raħal, inħalli familja wara, raġel u erbat itfal, niġi nieħu parir fuq wirt, jintaxxani ħamsin ewro tal-parir, u minn fuq qalli li ma għandi dritt għal xejn.

*Karla* Ħeqq... Kemm hu iblah min joqgħod jiġġieled fuq il-wirt.

*Tonina* Kif int ukoll??? Int hekk ukoll tirraġuna?

*Karla* U jiena migduma wkoll. Jien l-unika waħda fid-dar li bqajt lampa stampa. Ħuti kollha żżewġu, ħadu li riedu avolja nkwetaw lil ommi u lil missieri tgħidx kemm, u jien bqajt insaffar.

*Tonina* Iss... iss... isss. Mela mhux jien biss ġrali hekk

*Karla* U x'int biss, min jisimgħek. Din marda li jiddakkar minnha kulħadd; hemm min tiġih tajba u hemm min miskin, kif għedtlek, jibqa' jsaffar.

*Tonina* Mela ma noqgħodx insaffar!

*Karla* F'wiċċek jibqa'. Trid u ma tridx. M'intix ser tieħu palju f'dawn l-affarijiet.

*Tonina* Imma din kbira tafx; jagħmlulek inġustizzja bħal din u ma tistax tara li ssir ġustizzja miegħek, biex jiġi rranġat dan it-taħwid kollu.

*Klara* Imma x'taqbad tagħmel?

*Tonina* Jiena mhux billi dan l-avukat qalli li m'għandi dritt ta' xejn. Dan fl-aħħar mill-aħħar x'jaħseb li hu! Isma' hawn avukati oħra l-Belt. Nasal wasla sa għandhom la għadni hawn u nara nsibx xi wieħed minnhom li jgħidli li għandi raġun.

*Klara* U toqgħod tonfoq għoxrin ewro għand kull avukat?! Kont nagħmlek aktar bil-għaqal, sinjura. Għaliex ma tinġabarx id-dar u ssajjar platt sħun lil żewġek u lil uliedek. B'dan il-ġiri tiegħek ġol-Belt ma inti se ssolvi xejn. Jiena tgħallimtha l-lezzjoni!

*Tonina* Imma...

Klara Imma xejn, sinjura. Irringrazzja 'l Alla li ltqajt miegħi u għedtlek dan kollu. Jiena lil ħadd ma kelli min jiftaħli ftit għajnejja. U ma ngħidlekx kemm flus tajjart minħabba f'hekk.



*Tonina* Imma l-Qorti allura, ma tagħmel xejn!?

*Klara* Sinjura, nismagħhom jgħidu li l-Qorti taf meta tidħol, iżda ma tafx meta toħroġ. U x'garanzija għandek li jekk tidħol il-Qorti se jitranġaw l-affarijiet?

*Tonina* Imma kemm jien żvinturata. Dik ommu minn dejjem ħabtitni. Mill-ewwel ħalfet li tagħmel infern minn ħajti. Huwa tibżax; jien qed ngħaddi ħajti infern, imma hi ġà qiegħda hemm isfel, tafx.

*Klara* Sinjura mhux sewwa niġġudikaw. Dan fid-dinja ħadd ma' hu ma' ħadd. U ibqa' ċerta li anki jien u int nistgħu niżbaljaw fil-ħajja tagħna. Ħalliha bi kwieta lil dik. Żgur li ma int ser tirranġa xejn, mhux hekk?

*Tonina* Allura trid tgħid li jiena dik il-biċċa għalqa tliftha għal dejjem? Xejn... qisha qatt ma kienet xejn?

*Klara* Sinjura, ħallini ngħidlek : dik l-għalqa tliftha żgur. U li kieku tlift l-għalqa biss fiha u ma fihiex. Iżda bla ma qed tittendi int illum tlift saħħtejn jekk mhux iżjed biex ġejt il-Belt, u jekk ma toqgħodx attenta jista' jkun ukoll li għad titlef ruħek ... mhux hekk?? Mur u tibqax iżżomm f'qalbek!!

*Mużika qawwija*

**Tmiem**

# TISLIBA MALTIJA U RELIĠJUŻA

*Ħajr lil Emmanuel Ellis*



***Mimdudin***

1 Laqa' bil-qalb (7)
7 Għalina l-insara Kristu biss huwa dan (5)
8 Ingħata l-attività (7)
9 Tkellem b'mod li jagħti gieħ (6)
11 Dak tax-xiħ, żomm fih (5)
13 Naħqa ta' ħmar qatt ma telgħet hemm (4)
14 Ma jinħakimx mill-ħames sensi (7)
15 Ġebel qawwi (4)
16 M'hemmx agħar minn dan il-morr (5)
17 Din torbot, iżda mhux ċoff (6)
21 Tana kariga importanti (7)
22 Għal din tagħna seħħet l-Inkarnazzjoni (5)
23 Strument bil-kordi (7)

***Weqfin***

2 Il-Belt qadima t'Għawdex imdawra bis-swar (10)
3 Imwarrab (8)
4 Tużżana (4)
5 Issibha f'denb xi tajra u fil-libsa tal-għarusa (4)
6 Fil-borma jagħti t-togħma, iżda jgħolli l-pressjoni (4)
9 Bħal dak Ta' Ġurdan (5)
10 Hekk hija pistola jew xkubetta (4,6)
12 Rispett jew kalkulazzjoni (5)
13 Hekk hi din it"tisliba" fuq il-karta (8)
18 Parti importanti fl-indirizz postali (4)
19 Għodda tal-insiġ (4)
20 Kuntrarju ta' "innoċenti" (4)

**TISLIBA - Awwissu-Settembru 2011**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Post Code ______________________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Ottubru 2011. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba Marzu 2011 hu Chris Mercieca, "Christoper House", Triq Ta' Mattiju, Nadur, Għawdex NDR 9049**

*Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# *Festival Sportiv b'differenza għat-tfal*

Fi tmiem l-istaġun li għadda fil-*Gozo Stadium* inżamm festival sportiv ta' futbol b'differenza organizzat mill-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Malta flimkien mal-*Gozo Football Association* u l-Kunsill Malti għall-iSport. F'din il-ħames edizzjoni tal-Festival tal-Futbol tal-Parlament Ewropew li sar bħala parti miċ-Ċelebrazzjonijiet marbuta ma' Jum l-Ewropa 2011, ħadu sehem għadd ta' tfal min-*nurseries* ta' Għawdxin, kif ukoll Maltin. Kull min lagħab ingħata tifkira sabiħa għall-parteċipazzjoni tiegħu.



Hawn saru xi messaġġi tal-okkażjoni fejn Julian Vassallo, l-Kap tal-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew fil-Belt Valletta qal li Jum l-Ewropa jfisser it-tmiem ta' sekli sħaħ li tulhom il-loġika Ewropea kienet imsejsa fuq il-gwerer fejn bħalissa, iżda, s-sitwazzjoni lil hinn minn xtutna hija differenti ħafna. Huwa qal li filwaqt li bosta pajjiżi fid-dinja jidhru lesti jagħlqu għajnejhom għal dak li qed iseħħ fil-Mediterran, huma l-Ewropej li ħadu t-tmexxija sabiex jieqfu lir-reġimi li lesti li jduru kontra nieshom stess akkost li jibqgħu mqabbda mal-poter fejn huma l-Ewropej li qed jaqbżu għal dawk li qed jirriskjaw ħajjithom sabiex jiksbu l-libertajiet u l-opportunitajiet li nieħdu mill-Unjoni Ewropea.



Minn naħa tal-Membru tal-Parlament Ewropew Simon Busuttil, dan qal li Jum l-Ewropa huwa ċelebrazzjoni ta' valuri importanti bħad-demokrazija, valur li issa l-Ewropa għandha tgħin biex jinkiseb mill-popli li jgħixu fil-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq bħall-Libja.

Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Kosumatur, il-Kompetizzjoni Ġusta, il-Kunsilli Lokali u d-Djalogu Pubbliku, qal li t-tifsira ta' Jum l-Ewropa kienet marbuta mat-tmiem ta' kunflitti kbar fil-kontinent Ewropew u l-bidu ta' żmien ta' prosperità fost in-nazzjonijiet Ewropej. Huwa rrefera għas-sitwazzjoni preżenti fl-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani fejn nazzjonijiet sħaħ kienu qamu kontra l-oppressjoni u esprimew xewqathom għall-libertà u d-demokrazija, u għamel paragun mar-rivoluzzjonijiet li kienu seħħew f'bosta pajjiżi Ewropej fis-seklu dsatax u mal-waqgħa tal-Komuniżmu fl-Ewropa tal-Lvant fl-aħħar tas-snin tmenin. Dr Said saħaq dwar l-importanza li l-UE tiġi ċċelebrata għall-opportunitajiet li toffri liċ-ċittadini tagħha permezz tal-paċi u sigurtà, il-mobbiltà tal-ħaddiema u l-istudenti, l-opportunitajiet ġodda ta' xogħol, ambjent aħjar kif ukoll drittijiet u libertajiet garantiti.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

A Whole New Look
*Sharmain's Styling Salon*
Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236




Versi ta' Dun Geoffrey G. Attard

# 7. IL-BAMBINA FIX-XAGĦRA



Malli jfiġġ Settembru umdu
Kulħadd jifraħ bil-Bambina
Li ma' ġensna l-isem tagħha
Marbut sew qisu b'katina.

Fit-tmien jum minn ta' Settembru
Ix-Xagħrin jagħtu tislima
Lil dit-tfajla li twelidha
Ġab il-ferħ u ġibed qima.

Kienet hi li sekli ilu
Meta l-Mislem ried jeqridna
Fetħet beraħ il-mant tagħha
Fl-eqqel siegħa ta' ġrajjietna.

Għalhekk mela t-tmien jum tiegħek
Ja Settembru wisq għażiż
Jibqa' għalina llum u dejjem
Jum ta' għożża, jum qaddis.







# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Richard Grech*

## IŻ-ŻEWĠ GĦERIEN STORIĊI FUQ IR-RAMLA L-ĦAMRA



Għar Calypso min-naħa tax-Xagħra



L-Għar tal-Mixta min-naħa tan-Nadur

6th Edition

# Qala International Folk Festival



## 15th - 18th September 2011

***Organised by the Qala Local Council & the Menhir Qala Folk Group***

BANIF

eco gozo a better gozo

Parliamentary Secretariat for Consumers, Fair Competition,

Ministeru għal Għawdex

www.visitMALTA.com

Coca-Cola